# Il-Ħames Kapitlu


| | |
|---|---|
| Indiċi | 114 |
| | |
| Il-Ħames Kapitlu | 118 |
| Is-Snin Sebgħin | 118 |
| 1970 | 118 |
| Taxxi fuq Taxxi | 118 |
| Levies | 119 |
| It-Taxxa Inġusta u Immorali tal-VAT | 119 |
| Żviluppi Oħra | 120 |
| Il-Każ Internationale Handelsgesellschaft | 121 |
| | |
| Is-Sena 1971 | 123 |
| Dritt ta' Stabbiliment u Servizzi | 123 |
| Il-Każ Dwar il-Ftehim tat-Trasport (ERTA) | 123 |
| Kumpens | 126 |
| Il-Każ Defrenne | 126 |
| Mix-Xena Maltija | 127 |
| Laqgħa tal-Ministri tal-Ġustizzja | 128 |
| Il-Parlament u r-Regoli ta' Kompetizzjoni | 128 |
| Aktar Poteri Meħuda Mingħand l-Istati Membri | 129 |
| | |
| Żviluppi fis-Sena 1972 | 130 |
| Is-Serp tal-Muniti | 130 |
| Aktar Teħid ta' Drittijiet | 131 |
| Laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi | 131 |
| Aktar Ftehim | 132 |
| Referenda | 132 |
| Tneħħija ta' l-Eżamijiet fuq il-Fruntieri | 132 |
| Aktar Oqsma f'Idejn il-Komunita' | 133 |
| Malta Tiftaħ Relazzjonijiet maċ-Ċina | 134 |
| | |
| Is-Sena 1973 | 135 |
| Is-Sajd | 135 |
| Titwaqqaf il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Ewropej | 136 |
| Il-Każ Continental Can | 136 |
| Aktar Ftehim u Laqgħat | 136 |
| Il-Kwistjoni tal-Presidenza | 137 |
| Ftehim ta' Kummerċ Industrijali Ħieles | 137 |
| Il-Konferenza fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa | 138 |
| Laqgħa tal-GATT | 138 |
| Ftehim Ieħor mal-Finlandja | 138 |
| Il-Gwerra tal-Jom Kippur | 138 |
| Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew | 140 |
| Riorganizzazzjoni fil-Politika Agrikola Komuni | 140 |
| Laqgħa Għolja | 140 |
| Riflessjonijiet | 141 |

L-1974 143
Dikjarazzjoni Importanti 143
Istituzzjoni Oħra Tagħmel Pressjoni 144
Beraq 144
Aktar Setgħat 144
Laqgħa Internazzjonali 145
Il-Kwistjoni tar-Renju Unit 146
Il-Każ Reyners 146
Il-Qorti u l-Unjoni Ewropea 147
Konferenza Oħra 147
Aktar Ftehim 148
Ipokresija 148
Aktar Setgħat ghall-Qorti 149
Qorti Oħra 150
Il-Każ Binsbergen 150
Laqgħa Għolja 151

L-1975 153
Il-Fond Monetarju Internazzjonali 153
Kontribuzzjoni 154
L-Ewwel Konvenzjoni ta' Lome' 154
L-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill Ewropew 155
Fond Ewropew u Kumitat għall-Politika Reġjonali 156
Aktar Passi għall-Influwenza Ewropea 157
Aktar Oqsma f'Idejn il-Komunita' 157
Protokoll Addizzjonali mal-Grecja 158
L-Applikazzjoni tal-Greċja 158
Il-Kunsill Dinji ta' l-Ikel 159
Vantaġġi 159
Laqgħa tal-Kunsill Ewropew 159
Att Aħħari 160
Il-Fond Monetarju Internazzjonali 160
Il-Gvern Laburista Mogħti Raġun 161
Aktar Sehem mill-Komunita' 162
Il-Laqgħa ta' Rambouillet 162
Il-Kummissjoni kontra Franza 163
Kunsill Ewropew 163
Il-Każ Dwar iz-Zokkor 164
Konferenza Ministerjali 164

Is-Sena 1976 165
Aktar Passi għal Stat Federali 165
Jittawwal il-Ftehim ma' Malta 165
Tkompli s-Sitwazzjoni Mwierha Internazzjonali 166
Aktar Żviluppi 166
Il-Każ Defrenne 166
Aktar Ftehim 167
Permess mill-Kummissjoni 167
Fondazzjoni Ewropea 168
Il-Qasam Internazzjonali 169

Ftehim mal-Pakistan 169
Il-Kummissjoni Iċċensurata 170
Konferenza Tripartita 170
Ftehim mal-Kanada 171
Kunsill Ewropew 171
Il-Każ Kramer 171
Passi Federalisti Oħra 173
Il-Pjan Andreotti 175
Żviluppi Oħra 175
Il-Każ Simmenthal 176

Is-Sena 1977 177
Il-Gvern Laburista u s-Sajjieda 177
Ftehim mal-Pajjiżi tal-Maxrek 178
Il-Każ Bauhuis 178
Mozzjoni ta' Ċensura 178
Aktar Żviluppi 179
Dikjarazzjoni Flimkien 179
Ftehim Ieħor 179
Laqgħa Għolja tal-Pajjiżi Industrijalizzati tal-Punent 179
Is-Sitt Direttiva tal-VAT 180
Żviluppi Internazzjonali 181
Żviluppi fil-Komunita' 181
Aktar Passi Lejn l-Istati Uniti ta' l-Ewropa 182
Il-President tal-Kunsill Jindirizza l-Ġnus Magħquda 182
Konferenza Ġewwa Belgrad 182
Żviluppi Oħra fil-Komunita' 182
Laqgħa tal-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu 183

Is-Sena 1978 184
Taħdidiet għal Ftehim Ieħor mal-Jugoslavja 184
Tkompli l-Mixja lejd Stat Federali 184
Każ ieħor Simmenthal 184
Konsultazzjonijiet bejn il-Ġappun u l-Komunita' 185
Pass Ieħor Lejn Stat Federali 185
Iċ-Ċina u l-Komunita' 185
Kunsill Ewropew 185
L-Istituzzjonijiet Favur is-Sħubija tal-Portugall 186
Problemi ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika 186
Żviluppi Oħra 187
L-Ewwel Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew 187
Aktar Ftehim u Protokolli 188
Jikbru l-Membri Fil-Konvenzjoni ta' Lome' u żviluppi Oħra 188
Jidħlu fis-Seħħ il-Ftehim 188
Ir-Raba' Konferenza Tripartita 188
Il-Kummissjoni Taqbel li Spanja ssir Membru 189
Kunsill Ewropew Minħabba t-Tkabbir 189
L-Aħħar Zviluppi ghas-Sena 1978 189

| | |
|---|---|
| Is-Sena 1979 | 190 |
| Il-Każ Cassis de Dijon | 190 |
| Jiżdiedu l-Ftehim | 190 |
| Sigurta' Soċjali | 191 |
| Kunsill Ewropew | 191 |
| Oportunita' għal-Spinelli | 191 |
| Malta – Jum il-Ħelsien | 191 |
| Lura lejn il-Komunita' | 193 |
| Mix-Xena Internazzjonali | 193 |
| Skuża tal-Qorti | 194 |
| Tkompli t-Triq tal-Federaliżmu | 194 |
| Żviluppi Oħra fil-Komunita' | 194 |
| Mix-Xena Internazzjonali | 195 |
| L-Ewwel Laqgħa tal-Parlament Ewropew Imtella miċ-Ċittadini | 195 |
| Proposta għal-Direttiva | 195 |
| Il-President tal-Kunsill Jerġa' Jindirizza l-Gnus Magħquda | 196 |
| Il-Komunita' Tiffirma Konvenzjoni | 196 |
| Il-Qorti u l-Lastiku | 196 |
| Jiżdied Stat Ieħor fil-Konvenzjoni ta' Lome' | 197 |
| Ftehim tal-GATT | 197 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Dublin | 198 |

# Il-Ħames Kapitlu
# Is-Snin Sebgħin

## 1970

Is-snin sebgħin bdew billi fl-1 ta' Jannar 1970, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Belġju.

Fl-4 ta' Marzu, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej bagħtet memorandum lill-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, fuq il-preparazzjoni ta' pjan biex titwaqqaf l-għaqda ekonomika u monetarja.

Jumejn wara, il-Kunsill waqqaf kumitat ta' esperti taħt il-Presidenza ta' Pierre Werner, biex jagħmlu proposti biex tintlaħaq l-għaqda ekonomika u monetarja, kif ukoll kumitat ieħor ta' esperti taħt il-Presidenza ta' Etienne Davignon, biex jagħmlu proposti għall-kooperazzjoni politika.

Fl-10 tax-xahar, Mario Scelba kien reġa' ġie elett bħala President tal-Parlament Ewropew.

## Taxxi fuq Taxxi

Fit-22 ta' April kien ġie ffirmat it-Trattat tal-Lussemburgu.

Il-Kunsill kien iddeċieda dwar id-dħul bil-mod ta' sistema ta' riżorsi tagħha stess għall-Komunita' Ewropea li permezz tagħhom **il-Komunita' kienet tirċievi d-dazji kollha fuq prodotti mpurtati minn pajjiżi mhux membri tagħha, il-levies kollha fuq prodotti agrikoli mpurtati, u riżorsi ġejjin mit-taxxa inġusta u immorali tal-VAT**.

Huma qablu wkoll li jkabbru s-setgħat ta' l-estimi, jiġifieri budget, tal-Parlament Ewropew.

Hawnhekk huwa ċar daqs il-kristall li l-Kunsill iddeċieda li l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tibda tirċievi d-dazji kollha ta' dawk il-prodotti kollha li jiġu mpurtati fl-Istati Membri mingħand pajjiżi li ma jkunux membri.

Dan kien ifisser li l-Istati Membri kien se jispiċċalhom id-dħul kollu tad-dazju li kien se jibda jmur kollu lejn l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma waqt li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kienu se jibqgħu jħallsu d-dazju fuq kull prodott li ma jkunx inxtara mingħand Stat Membru ieħor, il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri riedu jaraw x'se jagħmlu biex id-dazju li kienu jdaħħlu qabel iġibuh minn taxxi oħra.

B'hekk, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri spiċċaw ikomplu jħallsu d-dazju li issa beda jmur kollu għall-Komunita', issa Unjoni Ewropea, waqt li kellhom jibdew iħallsu taxxi ġodda lill-gvernijiet tagħhom biex jagħmlu tajjeb għad-dazju li kienu tilfu.

Daqshekk igawdu ċ-ċittadini fl-Istati Membri bi sħubija fl-Unjoni Ewropea.

**Levies**

Punt ieħor li joħroġ minn din il-laqgħa tal-Kunsill huwa li l-levies fuq il-prodotti agrikoli kollha li jiġu mpurtati minn pajjiżi li m'humiex membri kellhom imorru kollha għall-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li kull prodott agrikolu li jiġi mpurtat fl-Unjoni Ewropea minn pajjiżi li m'humiex membri jkollha titħallas levi fuqu biex l-Unjoni Ewropea tipproteġi lill-bdiewa tagħha, anki jekk dak il-prodott ma jitkabbarx jew jitkabbar fi kwantitajiet limitati.

Biex nieħdu eżempju, l-Unjoni Ewropea tixtri miljuni ta' tunellati ta' banana kull sena, bħal ma tixtri frott ieħor, u tagħti kwota għal kull Stat Membru.

Dan ifisser li mhux biss iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea ikollhom iħallsu il-levies biex jipproteġu lill-bdiewa ta' l-Unjoni Ewropea, imma li lanqas ma jistgħu jixtru kemm iridu għaliex hija l-Unjoni Ewropea li tixtri u tagħti kwota ta' kemm kull Stat Membru jista' jixtri minn dak li tkun xtrat hi.

Hawnhekk tidher l-ipokrezija grassa ta' l-Unjoni Ewropea li trid lil ħaddieħor ma jipproteġix lill-bdiewa tiegħu waqt li hija timponi dazji u levies biex tipproteġi lill-bdiewa tagħha, kif ukoll li tagħti kwoti lill-Istati Membri tagħha meta hija tippretendi li ħaddieħor jiftaħ beraħ is-swieq tiegħu u ma jagħmel ebda kwoti.

Fejn qiegħed il-prinċipju tas-suq ħieles li tant tippriedka l-istess Unjoni Ewropea?

Agħar minn hekk huwa li l-Gvern Nazzjonalista qiegħed ineħħi l-levies kollha u qiegħed iżarma l-protezzjoni kollha lis-setturi kollha, inklużi s-setturi tal-biedja u s-sajd biex jobdi dak li qed tordnalu l-Unjoni Ewropea, imbagħad qiegħed idaħħal il-levies biex jipproteġi lill-industriji u s-settur tal-biedja u s-sajd tal-bdiewa u s-sajjieda barranin ta' l-Unjoni Ewropea.

It-titoli li jistħoqqlu l-Gvern Nazzjonalista u min qiegħed imexxih inħallihom għalikom.

**It-Taxxa Inġusta u Immorali tal-VAT**

Taxxa oħra li l-Kunsill kien iddeċieda li parti minnha għandha tmur ukoll għall-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, hija t-**taxxa inġusta u immorali tal-VAT.**

Wieħed irid jiftakar li l-Unjoni Ewropea trid li jkun hemm armonizzazzjoni, jiġifieri li jkunu jaqblu u jsiru l-istess, kemm is-sistemi kif ukoll il-valur tat-**taxxa inġusta u immorali tal-VAT** fl-Istati Membri kollha.

Dan ifisser li t-**taxxa inġusta u immorali tal-VAT** tiddaħħal fuq kollox, inklużi l-ikel, il-mediċini u l-edukazzjoni, li kif rajna l-Unjoni Ewropea lanqas trid tagħti eżenzjoni biex din it-taxxa ma tiddaħħalx fuqhom hawn Malta.

Dan ifisser li jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, **id-dazju kollu, il-levies kollha, u parti mit-taxxa inġusta u immorali tal-VAT** li ċ-ċittadini Maltin u

Għawdxin ikollhom iħallsu bilfors, jitilqu lejn l-Unjoni Ewropea biex, fost kollox u barra l-infieq bla rażan ta' l-istituzzjonijiet tagħha, tiffinanzja l-armata tagħha u tkompli tgħin ukoll organizzazzjonijiet **biex ikomplu joqtlu t-trabi permezz ta' l-abort**.

Mhux biss, imma issa l-poplu Malti u Għawdxi jista' jinduna għaliex il-Gvern Nazzjonalista qiegħed idaħħal dawk it-taxxi kollha, għaliex qiegħed ilesti minħabba li **jrid jagħmel tajjeb għat-telf mid-dazju, mil-levies u minn parti mit-taxxi inġusta u immorali tal-VAT** li jkollhom jitilqu lejn l-Unjoni Ewropea.

Dan barra minn taxxi oħra li jkollhom isiru biex forsi jitħallas id-dejn enormi u l-imgħaxijiet tiegħu li għamel il-Gvern Nazzjonalista kemm ilu jmexxi lill-pajjiż.

**<u>Żviluppi Oħra</u>**

Fit-13 ta' Mejju, kienet saret tifkira biex timmarka l-għoxrin anniversarju tad-Dikjarazzjoni Schuman.

Fit-30 ta' Ġunju kienu fetħu n-negozjati ġewwa l-Lussemburgu ma' l-erba' pajjiżi li kienu applikaw għas-sħubija, jiġifieri r-Renju Unit, id-Danimarka, l-Irlanda u n-Norveġja.

Fl-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsil tal-Komunitajiet Ewropej kienet għaddiet għand il-Ġermanja. L-għada, il-Kummissjoni l-ġdida kienet bdiet il-ħidma tagħha taħt il-Presidenza ta' Franco Maria Malfatti.

Fit-8 ta' Ottubru, il-Kunsill ħareġ ir-rapport aħħari[1] fuq il-memorandum tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif ta' għaqda ekonomika u monetarja.

Fis-26 ta' Ottubru, il-Kunsill qabel fuq ftehim duq il-prinċipji u proċeduri biex jimplimenta l-azzjoni tal-Komunita' fil-qasam tal-politika reġjonali, waqt li l-għada, l-Istati Membri taw il-qbil tagħhom għar-Rapport Davignon fuq il-kooperazzjoni politika.

L-oġġettiv ta' dan kollu kien sabiex l-Ewropa, jew aħjar il-Komunita' Ewropea, titkellem b'leħen wieħed fuq il-problemi internazzjonali kbar kollha.

Hawnhekk naraw li anki l-użu tal-kelma Ewropa minflok il-Komunitajiet Ewropej juri l-arroganza ta' l-Istati Membri u tal-Komunitajiet Ewropew għaliex huma ċertament li ma kinux l-Ewropa u ma kellhom ebda dritt li jitkellmu f'isem l-Ewropa, imma kellhom dritt li jitkellmu biss f'isimhom.

Dan juri wkoll l-intenzjoni ta' l-Istati Membri u tal-Komunitajiet Ewropej li jkompli jespandu mhux biss biex l-Istati kollha ta' l-Ewropa jiddaħħlu fil-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea, u jinħakmu minnha, imma li l-hija titkellem minflok l-Istati Membri tagħha.

[1] Final report

Dan ma kien xejn għajr pass ieħor lejn il-ħolqien ta' Stat Federali Ewropew fejn l-Istati Membri ma jkollhomx dritt li jmexxu politika barranija u ta' relazzjonijiet ma' Stati oħra skond kif ikun jaqblilhom, imma jkollhom bilfors jaċċettaw dak li jkunu ddeċiedew l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali jew il-pajjiżi l-kbar li effettivament qiegħdin imexxu lill-Unjoni Ewropea.

Fis-26 ta' Novembru, il-Kunsill iddeċieda li jirriforma l-Fond Soċjali Ewropew[2] biex jipprovdi lill-Komunita' bi strument meħtieġ biex jiżgura l-qbil[3] bejn il-politika soċjali u politika oħrajn komuni[4].

Anki dawn kienu passi biex kollox ikun l-istess fl-Istati Membri kollha biex mhux biss jiffaċilita' d-dritt li kull ċittadin minn kull Stat Membru jmur joqgħod u jaħdem fi Stat Membru ieħor, imma anki jiffaċilita' l-mixja lejn Stat Federali.

**<u>Il-Każ Internationale Handelsgesellschaft</u>**

Dan il-każ[5] huwa dwar id-drittijiet fundamentali fil-liġi tal-Komunita'. Dan il-każ kien inqata mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fis-17 ta' Diċembru 1970.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li l-idea tad-drittijiet fundamentali fil-liġi tal-Komunita' hija li għalkemm il-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet hija mnebbħa mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, din riedet tiġi żgurata fil-qafas ta' l-istruttura u l-oġġettivi tal-Komunita'.

Hawnhekk wieħed ma jridx jara biss li l-Qorti għarfet li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma mħarsa fil-kostituzzjoni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant anki l-liġi tal-Komunita' kienet tħarishom.

Jekk wieħed jeżamina sewwa dak li qalet il-Qorti, isib li hija qalet li dawn id-drittijiet iridu jitħarsu fil-qafas ta' l-istruttura u l-oġġettivi tal-Komunita'.

Dan il-kliem ifisser ħafna u ħafna aktar milli wieħed jista' jaħseb.

Li d-drittijiet fundamentali jitħarsu fil-qafas ta' l-istruttura u l-oġġettivi tal-Komunita' jfisser li dawn id-drittijiet fundamentali huma subordinati għall-istruttura, jiġifieri il-mod li bih hija mwaqqfa l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

Din tfisser żewġ affarijiet.

Waħda hija li huma l-istrutturi relevanti tal-Komunita' li għandhom id-dritt li jiddeċiedu dwar dawn id-drittijiet.

---

[2] European Social Fund ESF
[3] Correlation
[4] Other common policies
[5] Judgment of the Court of 17 December 1970. Internationale Handelsgesellschaft mbH v Einfuhr- und Vorratsstelle für Getreide und Futtermittel. Reference for a preliminary ruling: Verwaltungsgericht Frankfurt am Main - Germany. Case 11-70. European Court reports 1970 Page 01125

Fi kliem ieħor, jekk tqum kwistjoni jekk xi liġi tal-Komunita' tiksirx xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem, hija l-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea li hija l-istituzzjoni tal-Komunita' li għandha dritt li tiddeċiedi.

Dan minkejja li kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem barra li huma kompetenza tal-Qrati ta' l-Istati Membri, hija wkoll kompetenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa għaliex l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea kienu ffirmaw u rratifikaw il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ħelsien Fundamentali u, għaldaqstant, hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Madankollu, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet qed tlesti t-triq biex hija tieħu dawn is-setgħat taħt idejha għaliex ma tridx li hija tkun sottomessa għal Qorti oħra, jiġifieri għall-Qorti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa, kif ukoll biex id-drittijiet ikunu jistgħu jibdew jitnaqqsu u jitnaqqru skond il-ħtieġa ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ikompli joħroġ aktar 'il quddiem meta wieħed isir jaf dwar il-liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea msejħa Corpus Juris, kif ukoll bil-mandat ta' arrest Ewropew li huma ħniżrija u tkażbir tad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-istruttura tal-Komunita' tfisser ukoll li jrid jingħata każ għaliex kienet twaqqfet il-Komunita', għaliex hadd ma jwaqqaf struttura jew xi ħaġa bla ma jkollu għan x'jilħaq.

**Fi kliem ieħor, il-Komunita' kienet twaqqfet biex isir suq komuni, u fl-interess tas-suq komuni, jekk ikun hemm ħtieġa jkunu jistgħu jiġu limitati jew jitnaqqru dawn id-drittijiet fundamentali.**

Mhux biss, imma issa hemm l-armata ta' l-Unjoni Ewropea li tista' titqies ukoll bħala struttura, il-politika agrikola komuni, politika tas-sajd komuni, politika barranija u ta' sigurta' komuni, azzjonjiet flimkien u ħafna setturi fejn hemm politika komuni li jistgħu jitqiesu jew bħala oġġettivi jew bħala l-mezz biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi tal-Komunita'.

Dan ifisser li jekk ikun hemm ħtieġa li jitnaqqsu u jitnaqqru d-drittijiet fundamentali biex l-Unjoni Ewropea tilħaq dawn l-għanijiet u għanijiet oħra li jista' jkollha aktar 'il quddiem, **il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea tkun tista taqbel li d-drittijiet fundamentali kellhom jitnaqqsu biex jintlaħqu l-ħtiġijiet u l-oġġettivi tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.**

Qed taraw kemm l-affarijiet ikunu ilhom jiġi mħejjija bil-mod il-mod biex iċ-ċittadini u forsi anki l-Istati Membri ma jindunawx bl-għanijiet u xi ħsibijiet ikun hemm wara l-passi jew aħjar is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea?

## Is-Sena 1971

Is-sena 1971 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, għaddiet għand Franza. Fl-istess jum daħlet ukoll fis-seħħ it-tieni Konvenzjoni ta' Lome'[6] u l-Ftehim ta' Aruxa[7].

Bejn il-11 u t-13 tax-xahar kienet saret il-Konferenza Parlamentari bejn il-Komunita Ekonomika Ewropea u l-Assoċjazzjoni tal-pajjiżi ta' l-Istati Afrikani u l-Madagaskar (AASM)[8] ġewwa Jaounde'[9], fil-Kamerun[10].

## Dritt ta' Stabbiliment u Servizzi

Fit-12 ta' Frar, il-Parlament Ewropew kien addotta riżoluzzjoni fuq ir-rapport tal-Kummissjoni fuq l-istadju li kien intlaħaq fl-implimentar tad-Direttivi tal-Kunsill dwar l-ilħuq tal-ħelsien (dritt) ta' stabbiliment u l-ħelsien (dritt) biex tipprovdi servizzi.

Ir-Riżoluzzjoni saħqet li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-Direttivi addottati u li l-Kummissjoni għandha tara l-applikazzjoni sewwa tagħhom[11].

Fit-22 ta' Marzu, il-Kunsill addotta l-Pjan Werner biex isaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika[12] ta' l-Istati Membri.

L-Istati Membri jridu jieħdu miżuri biex jarmonizzaw il-politika ta' l-estimi tagħhom[13] u biex inaqqsu l-marġini ta' varjazzjonijiet bejn il-muniti tagħhom[14].

## Il-Każ Dwar il-Ftehim tat-Trasport (ERTA)

Il-każ kien bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill[15] dwar il-ftehim tat-trasport[16] u dwar il-kompetenza dwar min għandu dritt li jagħmel ftehim biex jirregola t-trasport, jekk humiex l-Istati Membri jew il-KEE, issa l-Unjoni Ewropea.

Dan il-każ inqata mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Marzu 1971 u huwa rrapurtat fil-Rapporti tal-Qorti Ewropew.

Il-Qorti tal-KEE, issa ta' l-Unjoni Ewropea kienet qatet linja bejn is-setgħat tal-Komunita' u dawk ta' l-Istati Membri. Fil-fatt, il-Qorti qalet li,

---

[6] Second Lome' Convention
[7] Arusha Agreements
[8] African States amd Madagascar Association
[9] Yaounde'
[10] Cameroon
[11] Commission should supervise their proper application
[12] Coordination of economc policies
[13] Budgetary policies
[14] Reduce margins of flactuations between their currencies
[15] Commission of the European Communities v Council of the European Communities European Agreement on Road Transport Case 22-70 Judgment of the Court of 31 March 1971 European Court Reports 1971 Page 00263
[16] Il-ftehim kien dwar ix-xogħol tas-sewwieqa li jaħdmu fit-trasport internazzjonali bit-toroq

**"Il-Komunita' tgawdi l-kapaċita' li tistabbilixxi ħoloq kuntrattwali ma' terzi pajjiżi fl-oqsma kollha ta' l-oġġettivi definiti mit-Trattat. L-awtorita' toħroġ mhux biss minn għoti espressament mit-Trattat, imma tista' ugwalment tiġi minn provvedimenti oħra tat-Trattat u minn miżuri addottati, fl-istruttura ta' dawk il-provvedimenti, mill-istituzzjonijiet tal-Komunita'. Partikolarment, kull darba li l-Komunita', bil-ħsieb li timplimenta xi politika komuni maħsuba mit-Trattat, taddotta provvedimenti li jagħmlu ċerti regoli, tkun xi tkun il-forma tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx aktar dritt, kemm jekk jaġixxu individwalment u anki kollettivament, li jidħlu għal obbligazzjonijiet ma' terzi pajjiżi li jaffettwaw dawn ir-regoli jew ibiddlu l-għan tagħhom. Dwar l-implimentazzjoni tal-provvedimenti tat-Trattat, is-sistema ta' miżuri interni tal-Komunita' ma tistax tiġi separata minn dik ta' relazzjonijiet barranin."[17]**

Il-Qorti qalet ukoll li,
**"Is-setgħat tal-Komunita' fil-qasam tat-trasport jestendu għal relazzjonijiet li joħorġu mil-liġi internazzjonali, u jinvolvu l-ħtieġa ta' ftehim ma' terzi pajjiżi konċernati. Din l-awtorita' ġiet mogħtija lill-Komunita' bir-Regolament Numru 543/69 tal-Kunsill fuq l-armonizzazzjoni ta' ċerta legislazzjoni soċjali dwar it-trasport bit-toroq[18]".**

Huwa ċar daqs il-kristall li kif qalet il-Qorti stess, kull meta l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tagħmel xi regolament dwar xi settur partikolari, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jagħmlu xi ftehim ma' xi pajjiż ieħor f'dak il-qasam.

Daqshekk jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Biex nieħdu eżempju prattiku, il-Gvern Laburista kien għamel ftehim mal-Libja dwar is-sajd.

Jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea ma tkunx tista' tagħmel xi ftehim ieħor bħal dak, la mal-Libja u lanqas ma xi pajjiż ieħor, għaliex l-Unjoni Ewropea għandha l-Politika Komuni tas-Sajd tagħha u għaldaqstant kienet daħlet f'dan il-qasam.

Jekk wieħed jara ftit għaliex isiru ftehim bħal dan u x'jista' jiġri, isib li l-pajjiżi Ewropej kollha kellhom liġijiet u regolamenti dwar it-trasport li kienu differenti.

[17] The Community enjoys the capacity to establish contractual links with third countries over the whole field of objectives defined by the Treaty. This authority arises not only from an express conferment by the Treaty, but may equally flow from other provisions of the Treaty and from measures adopted, within the framework of those provisions, by the Community institutions. In particular, each time the Community, with a view to implementing a common policy envisaged by the Treaty, adopts provisions laying down common rules, whetever form they may take, the Member States no longer have the right, acting individually or even collectively, to undertake obligations with third countries which affect those rules or alter their scope. With regard to the implementation of the provisions of the Treaty, the system of internal Community measures may not be separated from that of external relations."

[18] "The powers of the Community in the sphere of transport extend to relationships arising from international law, and involve the need for agreements with the third countries concerned. This authority is vested in the Community by Regulation No 543/69 of the Council on the harmonization of certain social legislation relating to road transport."

Għaldaqstant, biex nieħdu eżempju prattiku, it-tagħbija ta' vettura bħal ma huwa trakk setgħet kienet skond ir-regolamenti ta' dak l-Istat li jkun ġej minnu u ma tkunx skond ir-regolamenti ta' dak l-Istat li jidħol fih.

Eżempju ieħor biex aktar ikollu x'jaqsam mal-ftehim li kien jittratta l-każ li rajna, huwa li pajjiż jista' jkun iħalli li s-sewwieqa tat-trakkijiet isuqu għal 12-il siegħa bla waqfien waqt li Stat ieħor ma jkunx iħallihom isuqu aktar minn 4 siegħat bla waqfien.

Wieħed irid jiftakar li l-pajjiżi Ewropej, kemm dawk li huma membri ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk li m'humiex, kull ma jkun hemm jifridhom ikunu xi kmamar fuq il-fruntieri fejn ikun hemm l-uffiċjali tad-dwana. Kif jaqbżu l-marka jkunu daħlu fi Stat jew pajjiż ieħor.

Biex wieħed jifhem aħjar, jekk wieħed ikun ġej mill-Belt u jasal hdejn is-salib tal-Marsa, ikun hemm il-posta tal-fruntiera u kif jaqbeż dik il-posta jkun daħal f'pajjiż ieħor. Daqshekk huwa sempliċi li tmur u taqsam minn pajjiż għall-ieħor.

Il-fatt li l-pajjiżi kellhom regolamenti differenti kien ifisser li kif għedt aktar qabel, jista' jkun li vettura tkun skond ir-regolamenti ta' Stat u ma tkunx skond ir-regolamenti ta' l-Istat li tmur fih jew li jkollha tgħaddi mingħandu biex tmur fi Stat ieħor.

Jista' jkun li sewwieq ma jkunx qiegħed jikser il-liġi ta' pajjiż, imma malli jaqsam il-fruntiera jkun qed jikser il-liġi ta' dak il-pajjiż li jkun daħal fih.

Jew, bħala eżempju, fejn Stat ma kienx iħalli sewwieqa barranin isuqu l-vetturi tagħhom fit-toroq tiegħu, imma riedu jgħaddu t-trakk jew vettura oħra lis-sewwieqa tiegħu.

Għaldaqstant, kien meħtieġ li biex ikun hemm suq wieħed, ikun hemm ukoll suq wieħed f'kollox.

Biex jintlaħaq dan il-għan, l-Unjoni Ewropea kienet għamlet ftehim ma' Stati oħra li ma kinux membri tagħha biex jarmonizzaw il-liġijiet tagħhom.

Meta niġu għall-Istati Membri, bl-istess mod li kien hemm regolamenti differenti fl-Istati Membri, kien hemm ukoll ħlasijiet ta' liċenzji u taxxi tat-triq differenti fi Stati Membri differenti.

Għaldaqstant, il-KEE u issa l-Unjoni Ewropea riedet u waslet biex għamlet regolamenti anki dwar il-ħlasijiet ta' liċenzji u tat-triq li l-vetturi kellhom iħallsu biex jużaw it-toroq fl-Istati Membri tagħha.

**Huwa minħabba f'hekk li l-liċenzji tal-vetturi f'Malta għolew u se jkomplu jogħlew bil-kbir jekk Alla ħares qatt Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea. Liċenzji ta' vetturi tat-trasport se jogħlew bil-kbir fejn anki se jlaħħqu mijiet ta' liri fis-sena.**

**Dan ifisser li mhux biss it-trasport ikollu jogħla għaliex ħadd ma jistenna li dawk li jipprovdu t-trasport iġorru l-piż huma, imma se jgħolli bil-kbir il-ħajja**

**minħabba li l-prezzijiet ta' dak kollu li nixtru se jogħlew minħabba ż-żjieda fit-trasport.**

**Dan ukoll huwa parti mill-futur li l-Gvern Nazzjonalista qiegħed joffri liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin bi sħubija fl-Unjoni Ewropea imma li qiegħed jinħeba mill-Gvern Nazzjonalista u l-kelliema tiegħu flimkien ma' l-akkkolti tiegħu tal-MIC.**

**Din hija ftit mit-tgawdija li qiegħed joffri l-Gvern Nazzjonalista bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.**

## Kumpens

Fit-12 ta' Mejju, il-Kunsill daħħal sistema ta' ammonti ta' kumpens fi flus għall-kummerċ fi prodotti agrikoli bejn L-Istati Membri biex iżomm l-unita' fis-suq komuni agrikolu.

Wieħed jista' jikkummenta li waqt li l-Gvern Nazzjonalista jgħid li xorta kullħadd jibqa' jżomm l-identita' nazzjonali u kulturali tiegħu fl-Unjoni Ewropea, dak li għadni kif għedt juri li dan mhux veru, għaliex anki fil-prodotti agrikoli għamlet suq wieħed.

Kollox l-istess kullimkien f'kull Stat Membru.

## Il-Każ Defrenne

Il-Każ Defrenne[19] kien inqata mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fil-25 ta' Mejju 1971, u kien dwar Air Hostess li kienet taħdem mal-linja ta' l-ajru Sabena li ma kinitx titħallas daqs l-irġiel li kienu jagħmlu l-istess xogħol.

Hija kienet fetħet kawża kontra l-kumpanija ta' l-ajru Belġjana fejn qalet li dan kien ifisser li kienet qed issir diskriminazzjoni kontriha msejsa fuq is-sess, jiġifieri għaliex kienet mara. Il-Qorti Belġjana[20] kienet irreferiet il-każ lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari.

Il-kumpanija kienet argumentat li s-sehem li hija kienet tħallas bħala kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali biex l-impjegati jieħdu l-pensjoni meta jirtiraw riedet titqies bħala parti mill-paga jew benefiċċju mħallas lill-impjegati.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċiediet li l-kumpanijia kienet qed tiddiskrimina ma Defrenne.

Il-Qorti qalet li skema ta' pensjoni li kienet tifforma parti mis-sistema tas-sigurta' soċjali skond il-liġi ma kinitx benefiċċji mħallas la direttament u lanqas indirettament minn min iħaddem lill-ħaddiem minħabba lil-ħaddiem ikun impjegat, imma kien ħlas li jsir bħala riżultat tal-politika soċjali.

---

[19] Gabrielle Defrenne v Belgian State Case 80-70 Judgment of the Court of 25 May 1971 European Court Reports 1971 Page 00445
[20] Conseil d'Etat

Il-Qorti qalet ukoll li l-impjegat kien jieħu l-ħlas biss jekk huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet legali biex huwa jkun jista' jingħata dak il-ħlas.

Fi kliem ieħor, f'dan il-każ, l-impjegat ma kienx jieħu ħlas jekk ma jkunx ħareġ bl-pensjoni.

**Mix-Xena Maltija**

Jekk naraw ftit hawn Malta, in-nisa Maltin u Għawdxin ma kellhomx għalfejn inkunu fl-Unjoni Ewropea biex jingħatalhom id-dritt li jitħallsu daqs l-irġiel, għaliex il-Gvern Laburista kien tahom dan id-dritt mingħajr ma kien hemm ħtieġa li jkun hemm xi ordnijiet minn barra.

Minkejja li l-Partit Nazzjonalista kien ilu fil-Gvern mis-sena 1962, ma kien ġġamel xejn biex itihom dan id-dritt u jġibhom daqs l-irġiel.

Kien ħalla lin-nisa jiġu esplojtati mis-sidien tal-fabbriki barranin li mhux biss kienu jġieluhom jgħerqu l-għaraq tad-demm bil-produzzjoni li riedu jlaħħqu, imma kienu jħallsuhom bis-soldi.

Fis-snin sittin, taħt Gvern Nazzjonalista ma kien hawn xejn aktar ħlief esplojtazzjoni bla rażan tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin, kemm ta' l-irġiel, u aktar u aktar in-nisa.

Għalkemm l-irġiel ma tantx kellhom xi paga kbira għax kellhom inqas minn ħames liri fil-ġimgħa, in-nisa kienu mħallsa biss bejn lira u nofs u żewġ liri u nofs fil-ġimgħa fis-snin sittin taħt Gvern Nazzjonalista.

Kull meta kienu jilħqu l-produzzjoni li s-sid kien jordnalhom, kienu taparsi jingħataw xi ħlas aktar ta' ftit soldi bħala inċentiv biex jaħdmu, imma malli kienu jilħqu dik il-produzzjoni, kien jerġa' jittella l-livell ta' produzzjoni li riedu jagħmlu biex l-inċentiv jerġgħu jitilfuh.

Dan wara li l-barranin li kienu jiftħu xi fabbrika kienu jingħataw perjodu ta' għaxar snin ma jħallsux taxxa li kif kien jgħaddi kienu jdabbru rashom u l-ħaddiema jisfaw bla xogħol.

Wieħed ma jridx jinsa jsemmi wkoll li dawn il-barranin kienu anki jingħataw għajnuna kbira biex jiftħu l-fabbriki tagħhom hawn Malta mit-taxxi tal-poplu.

In-nisa Maltin u Għawdxin ma kinux imħallsa biss bis-soldi fil-fabbriki, imma anki fil-privat inklużi dawk li kienu jaħdmu fil-lukandi u bħala sefturi.

Esplojtazzjoni mill-klassi tas-sinjuri u l-barrani li kellu jkun Gvern Laburista li kien ħariġhom minnha billi barra drittijiet oħra bħal ma huma zjieda kbira fil-leave, kien tahom ukoll l-istess paga daqs l-irġiel.

Bi sħubija fl-Unjoni Ewropea kif irid il-Gvern Nazzjonalista nerġgħu niġu l-istess, bil-barrani minn Brussell jikkmanda dak kollu li nagħmlu.

## Laqgħa tal-Ministri tal-Ġustizzja

Fit-3 ta' Ġunju, il-Ministri tal-Ġustizzja tal-Komunita' iltaqgħu għall-ewwel darba fil-Lussemburgu. Huma kienu ffirmaw żewġ protokolli, li wara r-ratifika mill-Istati Membri, kien jagħtu poteri ġodda lill-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ukoll kien pass ieħor lejn Stat Federali Ewropew fejn aktar poteri jingħataw lill-istituzzjonijiet federali waqt li jitnaqqsu u jittieħdu mingħand l-Istati Membri.

Il-ħolma ta' Spinelli u tal-federalisti internazzjonali kienet qed isseħħ bil-mod il-mod.

## Il-Parlament u r-Regoli ta' Kompetizzjoni

Fis-7 ta' Ġunju, il-Parlament Ewropew kien addotta riżoluzzjoni fuq ir-regoli ta' kompetizzjoni u l-pożizzjoni ta' impriżi tal-Komunita' fis-suq Komuni u l-ekonomija dinjija. Ir-riżoluzzjoni talbet lill-Kummissjoni biex tibgħat lill-Parlament eżami speċjali kull sena ta' l-iżviluppi fil-politika ta' kompetizjoni.

Hawnhekk iridu jsiru diversi osservazzjonijiet.

Innutaw li l-Parlament ma rreferiex għall-impriżi ta' l-Istati Membri, imma rrefera għalihom bħala **impriżi tal-Komunita'**.

Dan ifisser li l-Parlament kien qiegħed jinjora lill-Istati Membri u kien daħal il-kunċett li kollox jitqies tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll li l-Parlament irrefera għar-**regoli ta' kompetizzjoni**.

Ma jistax ikun mod ieħor meta l-Parlament stess irrefera għas-suq Komuni, li jfisser li fil-Komunita' l-impriżi ma kinux għadhom jitqiesu li kienu qed jaħdmu u jikkompetu fis-suq fl-Istat fejn ikunu jaħdmu, imma fis-suq kollu ta' l-Istati Membri kollha u riedu joqgħodu għar-regoli ta' kompetizjoni maħruġa mill-Komunita'.

Mhux biss, imma wieħed jinnota wkoll li l-impriżi ġew meqjusa kollha l-istess, jiġifieri mitfuha f'keffa waħda fil-kompetizzjoni mal-bqija tad-dinja fl-ekonomija dinjija, kemm jekk kienu jaħdmu għas-suq lokali u kemm jekk le.

Innutaw ukoll kif il-Parlament Ewropew qabeż lill-Parlamenti Nazzjonali ta' kull Stat Membru għaliex ir-rapport ma talabx li jintbagħat lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri, imma li jintbagħat lilu.

Wieħed kien jistenna li la l-kompetizzjoni kienet se taffettwa lill-impriżi fl-Istati Membri, dan ir-rapport kien jintbagħat ukoll lil Parlamenti ta' l-Istati Membri.

Din hija mhux biss indikazzjoni mill-aktar ċara tas-supremazija tal-Parlament Ewropew fuq il-Parlamenti Nazzjonali ta' l-Istati Membri, kif wara kollox hija s-supremazija ta' l-istituzzjonijiet kollha tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, imma turi wkoll li l-Parlamenti Nazzjonali ma baqgħalhomx id-dritt li jiddeċiedu huma dwar il-politika kummerċjali li jridu jaddottaw fl-interess nazzjonali.

L-uniku interess huwa tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

Qed taraw kif il-passi jibdew jittieħdu wieħed wara l-ieħor mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea b'mod li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri lanqas jindunaw xi jkun qed jiġri?

Dan ukoll kien pass ieħor fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew kif kien maħsub mill-federalisti internazzjonali.

Fit-30 ta' Ġunju, il-pajjiżi kandidati li kienu d-Danimarka, l-Irlanda, in-Norveġja u r-Renju Unit kienu ħarġu l-pożizzjonijiet tan-negozjati tagħhom, waqt li fl-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej kienet għaddiet għand l-Italja.

**Aktar Poteri Meħuda Mingħand l-Istati Membri**

Bejn il-21 u t-28 ta' Settembru, kienet saret konferenza ġenerali fuq l-enerġija atomika ġewwa Vjenna, fl-Awstrija. Kien tħabbar li l-Kunsill kien ta mandat lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim fuq garanziji ma' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' l-Enerġija Atomika.

Hawnhekk inkomplu naraw pass ieħor fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew fejn ftehim ma Assoċjazzjoni Internazjonali jsir minn istituzjoni tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, minflok ma jsir mill-Istati Membri kif qabel kellhom dritt li jagħmlu skond il-liġi internazzjonali.

Madankollu, dak id-dritt ittieħed mingħand l-Istati Membri darba għal dejjem mill-Unjoni Ewropea u huma jkollhom joqgħodu għal dak kollu li l-Unjoni Ewropea tiffirma għalih għaliex ikun jorbothom, u jridu josservawh sa l-inqas punt u virgola sakemm jibqgħu membri tagħha.

Fuq livell internazzjonali, bejn is16 u s-26 ta' Novembru, kienet saret is-27 sessjoni tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ[21].

[21] General Agreement on Tariffs and Trade GATT

## Żviluppi fis-Sena 1972

Is-sena 1972 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Lussemburgu. Fit-22 tax-xahar, id-Danimarka, l-Irlanda, in-Norveġja u r-Renju Unit kienu ffirmaw it-Trattati tad-Dħul tagħhom fil-Komunitajiet Ewropej.

Hawnhekk tajjeb li nfakkar li l-poplu Norveġiż kien ċaħad it-talba tal-politiċi tiegħu u t-Trattat li kienu għamlu biex jissieħbu fil-Komunitajiet, issa l-Unjoni Ewropea, f'referendum li kien inżamm apposta.

Il-problemi tad-Daniżi, l-Irlandiżi u l-Ingliżi bis-sħubija tagħhom fil-Komunitajiet Ewropej narawhom aktar 'il quddiem.

Fil-21 ta' Marzu, Franco Maria Malfatti li kien il-President tal-Kummissjoni kien irriżenja u kien ġie mibdul mill-Viċi-President Sicco Mansholt. Il-Kunsill kien addotta riżoluzzjoni msejsa fuq il-veduti tal-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet biex jintlaħaq l-ewwel stadju għall-**għaqda ekonomika u monetarja**.

Minn dan il-pass naraw li anki l-aspett tas-sovranita' ta' l-Istati Membri fuq il-politika ekonomika u monetarja kien ittieħed mill-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea.

Pass ieħor eqreb lejn Stat Federali Ewropew kif riedu u ppjanaw il-federalisti internazzjonali.

Fil-qasam internazzjonali, it-tielet Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq il-Kummerċ u l-Iżvilupp[22] kienet inżammet ġewwa Santiago, fiċ-Ċili.

## Is-Serp tal-Muniti

Fil-Komunitajiet Ewropej, fl-24 ta' April kienu waqqfu dak li jissejjaħ bħala s-serp tal-muniti. Huma ftehemu li kellhom jillimitaw il-marġini ta' varjazzjoni bejn il-muniti tagħhom għal-2.25%.

Kien jissejjaħ is-serp[23] għaliex jekk wieħed jimmarka fuq karta kemm ikunu qed ivarjaw il-muniti ta' l-Istati Membri fuq tul ta' żmien u jġonġi jew jgħaqqad flimkien il-punti, ir-riżultat ikun li t-tlugħ u l-inżul ikun qisu serp pinġut fuq il-karta.

Bejn l-24 u l-25 ta' April, il-Kunsill kien approva l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li bih il-Morixus kien iddaħħal fil-Konvenzjoni bejn il-Komunita' Ekonomika u l-Istati Assoċjati Afrikani u l-Madagaskar.

Fl-1 ta' Mejju, il-Fond Soċjali Ewropew[24] kif riformat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' Frar 1971 kien beda jaħdem, waqt li fl-10 tax-xahar, kien għadda r-referendum fl-Irlanda biex issir membru tal-Komunitajiet Ewropej.

---

[22] United Nations Conference on Trade and Development UNCTAD
[23] Currency snake
[24] European Social Fund ESF – Fond Soċjali Ewropew FSE

## Aktar Teħid ta' Drittijiet

Bejn is-5 u s-6 ta' Ġunju, il-Kunsill iddeċieda li jkabbar l-għan tal-preferenzi ġeneralizzati għall-pajjiżi li kienu qed jiżviluppaw li kienu daħlu fil-Grupp tas-77, flimkien ma' numru ta' pajjiżi u territorji oħra b'effett mill-1 ta' Jannar 1973.

Il-Kunsill kien qabel ukoll fuq il-linji li kellha timxi fuqhom il-Komunita' waqt l-eżami tat-Trattat tad-Dħul[25] fil-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ.

L-ewwel nett, preferenzi ġeneralizati jfissru dawk il-preferenzi li l-pajjiżi li jingħatawlom ikunu jistgħu jesportaw u jkollhom kummerċ b'inqas xkiel, f'dan il-każ mal-Komunitajiet Ewropej.

Il-Grupp tas-77 kien grupp ta' pajjiżi li kienu għadhom qed jiżviluppaw li kienu ingħaqdu flimkien biex iħarsu u jmexxu l-interesi tagħhom fil-fora internazzjonali. Maż-żmien, ma baqgħux aktar 77, imma żdiedu sewwa.

Punt ieħor li jrid jiġi osservat huwa li l-Kunsill kien qabel ukoll dwar il-linji li kellha timxi fuqhom il-Komunita' meta tkun qed teżamina t-Trattat tad-Dħul fil-Ftehim Generali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ.

Dan ifisser li l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kienet se ssir membru f'dan il-Ftehim.

B'hekk, kienet qed tieħu wkoll post ma' l-Istati Membri tagħha f'din l-organizzazzjoni, u kienet qed tkompli tieħu minn dak l-aspett tas-sovranita' u d-dritt tagħhom li jkollhom relazzjonijiet internazzjonali ma' Stati oħra u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Dan ukoll kien pass ieħor li ma' l-ewwel daqqa t'għajn wieħed ma jagħtix kasu jew jaħseb li huwa aħjar għaliex il-Komunita Ewropea kienet qed issir hija wkoll membru imma li jekk wieħed jaħseb ftit fuqu jinduna li kien pass ieħor fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew kif kien maħsub mill-federalisti internazzjonali biex titnaqqas l-importanza ta' l-Istati membri li fl-aħħar mill-aħħar jispiċċaw jinqalgħu barra għaliex l-Istat Federali, li fil-każ tagħna kien ippjanat li tkun l-Unjoni Ewropea, tiehu l-kompetenza u d-drittijiet kollha tagħhom.

Mixja meqjusa, pass wara l-ieħor meħuda mill-istituzzjonijiet tal-Komunita', b'mod li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ma jindunawx kif is-sovranita' ta' l-Istati Membri tkun qed tittiekel u tittieħed mill-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand l-Olanda.

## Laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi

Fit-12 ta' Settembru, il-Ministri tal-Finanzi tas-sitt membri u ta' l-erba pajjiżi l-oħra li kienu applikaw għas-sħubija, kienu ltaqgħu ġewwa Ruma, fl-Italja. Huma ftehemu li

[25] General Agreement on Tariffs and Trade (GATT) Accession Treaty

l-ewwel stadju fl-għaqda ekonomika u monetarja kien meħtieġ biex jitwaqqaf il-Fond ta' Kooperazzjoni Ewropew[26]. Pass ieħor fid-direzzjoni għal, u l-mixja lejn, Stat Federali Ewropew.

**Aktar Ftehim**

Fid-19 ta' Settembru, kienu ffirmati wkoll żewġ ftehim oħra dwar kummerċ preferenzjali, din id-darba ma' l-Eġittu u l-Libanu. L-għada, kien ġie ffirmat ukoll ftehim ieħor ta' kummerċ preferenzjali ma' Ċipru.

Dawn il-ftehim mhux biss kienu jfissru li dawk il-pajjjiżi kienu ppreferuti fil-kummerċ tagħhom mal-Komunitajiet Ewropej, bħal ma kienu dawk tal-Grupp tas-77 u l-pajjiżi l-oħra li l-Komunitajiet Ewropej kellhom xi ftehim magħhom, imma juru wkoll li fejn ikun jaqbel għat-tnejn il-ftehim jintlaħaq u m'hemmx għalfejn tkun membru biex isir xi ftehim.

Barra min hekk, kull ftehim li jiġi ffirmat, ikun ma' liema pajjiż jew organizzazzjoni jkun, kien qiegħed ikompli jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-Komunitajiet Ewropej fil-mixja tagħhom fit-teħid ta' drittijiet mingħand l-Istati Membri u t-twaqqif tagħhom bħala Stat Federali Ewropew.

**Referenda**

Ir-referendum li għalih irreferejt qabel dwar li ċ-ċittadini Norveġiżi kienu ċaħdu t-talbiet tal-politiċi tagħhom u l-ftehim li huma kienu għamlu mal-Komunitajiet Ewropej kien inżamm fil-25 ta' Settembru, fejn il-maġġoranza taċ-ċittadini Norveġiżi urew biċ-ċar li riedu jħarsu l-interessi tagħhom u mhux tal-politiċi tagħhom u tal-Komunitajiet Ewropej.

Fit-2 ta' Ottubru, id-Daniżi kienu qablu li jsiru membri fl-Unjoni Ewropea, waqt li fis-16 tax-xahar, kien imiss lir-Renju Unit li jirratifika t-Trattat tad-Dħul fil-Komunitajiet Ewropej.

Bħala riżultat tar-referendum, fid-9 ta' Ottubru, il-Gvern Norveġiż kien iddikjara li n-Norveġja, jew aħjar il-Gvern Norveġiż, ma kienx se jġib it-Trattat tad-Dħul li l-politiċi Norveġiżi kien ffirmaw mal-Komunitajiet Ewropej, quddiem il-Parlament.

**Tneħħija ta' l-Eżamijiet fuq il-Fruntieri**

Fl-istess jum, il-Parlament Ewropew kien għadda riżoluzzjoni li kien fiha suġġerimenti definittivi u talab għat-tneħħija ta' l-eżamijiet jew spezzjonijiet fuq il-fruntieri bejn l-Istati Membri.

Dan kien ifisser li meta dan iseħħ, kull ċittadin minn kull Stat Membru jkun jista' jibqa' għaddej mingħajr ma jitwaqqaf u jiġu eżaminati d-dokumenti tiegħu jew xi jkun qed iġorr miegħu meta jmur minn Stat Membru għall-ieħor.

[26] European Monetary Cooperation Fund

L-istess jista' jingħad għall-prodotti u affarijiet oħra li jkunu qed jinġarru bejn il-fruntieri minn Stat Membru għall-ieħor.

Jekk wieħed jara r-riżulta ta din id-deċiżjoni u ta' dak li sar aktar 'l quddiem isib li bit-tneħħija ta' l-eżamijiet fuq il-fruntieri, il-kriminalita' fl-Istati Membri splodiet 'il fuq, għaliex dan kien ifisser li l-kriminali setgħu jmorru minn Stat Membru għal kull Stat Membru ieħor bla ebda tfixkil ta' xejn.

**Madankollu, sinjifikat mill-aktar importanti ta' din id-deċiżjoni kien li b'hekk, it-territorju ta' l-Istati Membri jibda jitqies bħala territorju wieħed, dak tal-Komunitajiet Ewropej.**

Mhux biss, imma minħabba f'hekk, ikun spiċċaw il-kriterji li pajjiż irid ikollu biex jitqies bħala Stat skond il-liġi internazzjonali minħabba li l-kontroll effettiv fuq il-fruntieri tiegħu jkun spiċċa, ikunu spiċċaw il-fruntieri u t-territorju tiegħu għallinqas għal dan il-għan, ikun meqjus bħala territorju federali.

B'hekk, ċittadini ta' Stati Membri oħra jkollhom dritt li jibqgħu deħlin bla ebda tfittxija jew tfixil ta' xejn, u l-liġijiet li jkunu qed jiġu applikati f'dak it-territorju f'dawn l-oqsma jkunu l-liġijiet federali.

Ma hemmx l-iċken dubju li l-federalisti internazzjonali kienu kuntenti b'dawn l-iżviluppi li kienu qed iwasslu, għalkemm bil-mod il-mod, lejn dak li kienu ħasbu u ppjanaw għalih minn żmien qabel.

## Aktar Oqsma f'Idejn il-Komunita'

Bejn id-19 u l-21 ta' Ottubru, kienet inżammet Laqgħa Għolja ġewwa Pariġi, fi Franza. Il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern iddefinew oqsma ġodda għal azzjoni mill-Komunita'.

Dawn kienu l-oqsma dwar il-politika reġjonali[27], ambjentali[28], soċjali[29], ta' l-enerġija[30], u industrijali.[31]

Huma reġgħu tennew li s-sena 1980 kienet is-sena li fiha kellha tintlaħaq l-**għaqda ekonomika u monetarja**[32].

Wieħed jara li aktar oqsma kienu se jispiċċaw milli jibqgħu jkunu regolati mill-Istati Membri kif kien jaqbel lilhom fl-interess nazzjonali u kienu se jibdew jiġu regolati mill-Komuntajiet Ewropej fl-interess suprem ta' l-istess Komunitajiet.

L-għaqda ekonomika u monetarja kienet tfisser ukoll li l-Istati Membri kien jispiċċalhom ukoll id-dritt li jirregolaw dawn l-oqsma fl-interess nazzjonali kif rajna aktar qabel.

---

[27] Regional Policy
[28] Environmental Policy
[29] Social Policy
[30] Energy Policy
[31] Industrial Policy
[32] Economic and monetary union

Kif jistgħu l-Istati Membri jibqalhom id-dritt li jissejħu Stati sovrani jekk il-ħtiġijiet u l-kompetenzi tagħhom biex jissejħu Stati sovrani skond il-liġi internazzjonali kienu qed jittieħdu kollha mill-Komunitajiet Ewropej fil-mixja tagħhom lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew?

**Malta Tiftaħ Relazzjonijiet maċ-Ċina**

Wieħed ma jistax iħalli x-xahar ta' Ottubru jgħaddi mingħajr ma jsemmi li l-Gvern Laburista kien beda' relazzjonijiet maċ-Ċina f'Ottubru ta' din is-sena.

Wieħed jista' jaqra l-insulti li kien qala' l-Gvern Laburista u l-poplu Ċiniż li kien għen lil Malta fis-siegħa tal-ħtieġa jekk jaqbad il-gazzetti ta' dak iż-żmien, speċjalment il-gazzetti tal-Partit Nazzjonalista.

Il-Gvern Laburista kien l-ewwel Gvern mid-dinja tal-Punent li kien fetaħ ir-relazzjonijiet maċ-Ċina kommunista, imma wara, anki l-Unjoni Ewropea marret tiġri tiftaħ ir-relazzjonijiet tagħha minħabba li s-suq Ċiniż huwa suq enormi.

Sewwa jgħid il-qawl Malti li **"Min jitkaża jaqa' fil-każa",** għax illum anki l-Ministri u l-Prim Ministru Nazzjonalista marru jżuru ċ-Ċina biex jilgħaqu lil dawk li tant kienu nsulentaw fis-snin sebgħin, waqt li issa qed jiskantaw bil-progress li għamlu.

Fil-qasam internazzjonali, bejn l-1 u l-14 ta' Novembru, kienet saret laqgħa tal-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ[33] ġewwa Geneva, fl-Isvizzera.

[33] Genral Agreement on Tariffs and Trade GATT

## Is-Sena 1973

Is-sena 1973 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Belġju. Fl-istess jum, id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit saru membri fil-Komunitajiet Ewropej.

Daħal ukoll fis-seħħ il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-Komunita' ma' l-Awstrija, l-Isvizzera, il-Portugall u l-Isvezja. Francois Xavier Ortoli inħatar ukoll il-President tal-Kummissjoni Ewropea.

## Is-Sajd

Fl-istess jum, l-Istati Membri tal-Komunitajiet li kienu fl-Atlantiku u t-Tramuntana, jiġifieri li kellhom il-kosta ma' l-Oċean Atlantiku u l-baħar tat-Tramuntana, daħħlu fis-seħħ fuq l-ordnijiet tal-Komunita', zona tas-sajd esklussiva ta' mitejn mil.

Dan kien ifisser li bastimenti ta' pajjizi oħra li qabel kienu jistadu aktar 'il barra minn 12-il mil ma setgħux jibqgħu jagħmlu hekk, imma kienu l-bastimenti tal-Komunita' biss li setgħu jistadu f'dawk l-ibħra.

Anki l-Gvern Laburista Malti kien kabbar l-ibħra tas-sajd Maltin biex fihom ikunu jistgħu jistadu sajjieda Maltin u Għawdxin biss.

Madankollu, issa qed naraw li l-Gvern Nazzjonalista bil-fissazzjoni u bil-ġennata li jrid isir membru fl-Unjoni Ewropea akkost ta' kollox, ċeda dak li kien għamel il-Gvern Laburista u se **jagħti dritt lis-sajjieda kollha ta' l-Unjoni Ewropea jiġu jistadu fl-ibħra tas-sajd Maltin**.

Dejjem jekk iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin jibilgħu l-lixka u jħallu li Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Jekk wieħed jara dak li ġie miftiehem jew aħjar ċedut mill-Gvern Nazzjonalista lill-Unjoni Ewropea, isib li trawlers barranin se jkunu jistgħu jkarkru anki fit-12-il mil ta' l-ibħra territorjali, għaliex għalkemm il-kapaċita' trid tibqa l-istess, ma tistax issir diskriminazzjoni kontrihom.

Għalhekk, jekk sajjieda barranin ikunu jridu jkarkru, il-Gvern Malti se jkollu jara kif inaqqas mill-kwota tas-sajjieda Maltin u Għawdxin biex jagħtiha lis-sajjieda barranin.

Barra minn hekk, is-sajjieda barranin se jkunu jistgħu jistadu fl-ibħra kollha Maltin, għaliex kull sajjied minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea għandu dritt li jiġi jirreġistra l-bastiment tas-sajd tiegħu hawn Malta.

B'hekk jibda jitqies bħala bastiment tas-sajd Malti u jkollu dritt li jistad anki fl-ewwel 12-il mil ta' l-ibħra territorjali.

**Dan barra li l-Unjoni Ewropea qed tgħid ċar u tond li se tirrevedi kollox malli Malta ssir membru. Dawn l-affarijiet kollha qed jinħbew mis-sajjieda Maltin u Għawdxin u miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha, għaliex jekk ikunu jafuhom ir-referendum tal-Gvern Nazzjonalista aktar ma jgħaddilux.**

## Titwaqqaf il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Ewropej

Fit-8 ta' Frar, kienet twaqqfet ukoll il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Ewropej[34].

Għalkemm wieħed jieħu pjaċir li l-għaqdiet tal-ħaddiema jingħaqdu bejniethom biex jagħtu l-aħjar protezzjoni lill-ħaddiema tagħhom, wieħed jista' jara li din l-għaqda kienu waslu għaliha minħabba t-theddida li bdew jaraw l-għaqdiet tal-ħaddiema bl-iżviluppi li kienu qed isiru fil-Komunitajiet Ewropej, tant li ħassew il-ħtieġa li jingħaqdu flimkien biex ikollhom aktar saħħa.

Fil-fatt, skond it-Times of Malta[35] din il-Konfederazzjoni kienet twaqqfet biex **tibbilanċja il-forzi ekonomiċi ta' l-integrazzjoni Ewropea.**

## Il-Każ Continental Can

Il-każ Continental Can kien dwar il-kobor tal-kumpaniji u s-saħħa li jkollhom fis-suq. Dan il-każ kien inqata' mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Frar 1973, u huwa ppubblikat fir-Rapporti tal-Qorti Ewropew[36].

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Komunitajiet, issa ta' l-Unjoni Ewropea, kienet eżaminat ħafna punti, u għalkemm ħassret deċiżjoni li kienet ħadet il-Kummissjoni, l-aktar importanti kien li l-Qorti kienet iddeċiediet li kien abbuż fit-tifsira tat-Trattat tal-KEE li impriżi jikkonċentraw u jilħqu grad ta' saħħa jew setgħa li effettivament jelimina jew ixekkel il-kompetizzjoni.

Huwa għalhekk li llum naqraw li l-Kummissjoni approvat jew le li żewġ kumpaniji jew iżjed jingħaqdu flimkien.

Tajjeb ukoll li wieħed ikun jaf li l-artikli 85 u 86 tat-Trattat li kienu fil-kwistjoni kienu ddaħħlu kważi kelma b'kelma bħala Artiklu 5 u 9 fl-Att dwar il-Kompetizzjoni[37] tagħna mill-Gvern Nazzjonalista.

Fit-13 ta' Marzu saret bidla fil-Parlament Ewropew meta Cornelis Berkhouwer kien elett bħala President tal-Parlament Ewropew.

## Aktar Ftehim u Laqgħat

Ftehim ieħor li kien ġie ffirmat bejn il-Komunita' u l-Islanda kien daħal fis-seħħ fl-1 ta' April. Dan il-ftehim kien ieħor fis-sensiela ta' ftehim dwar Kummerċ Industrijali Ħieles li l-Unjoni Ewropea dejjem għamlet ma' ħafna pajjiżi oħra.

Fis-6 tax-xahar, Il-Kunsill Konġunt bejn il-KEE u Spanja kien żamm it-tielet laqgħa tiegħu ġewwa Madrid, fi Spanja. Id-delegazzjoni Spanjola tat il-veduti tal-Gvern

---

[34] European Confederation of Trade Unions
[35] The Times (of Malta) 30.10.2002 "The ETUC was established in 1973 to provide a trade union counterbalance to the economic forces of European integration."
[36] Europemballage Corporation and Continental Can Company Inc. v Commission of the European Communities Case 6-72 Judgment of the Court of 21 February 1973 European Court reports 1973 Page 00215
[37] Kapitlu 379 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta

Spanjol dwar ir-relazzjonijiet futuri bejn Spanja u l-Komunita’, partikolarment dwar in-negozjati ta’ ftehim ġdid.

Fl-1 ta’ Ġunju, il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni u protokoll addizzjonali bejn il-Komunita’ u Ċipru daħal fis-seħħ.

**Il-Kwistjoni tal-Presidenza**

Mill-1 ta’ Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand id-Danimarka.

Hawnhekk wieħed ma jistax ma jikkummentax fuq dak li kien qiegħed jingħad li l-pajjiżi l-ġodda m’għandhomx jieħdu l-Presidenza tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea minħabba li ma jkollhomx l-esperjenza meħtieġa għat-tmexxija.

Din ma hija xejn ħlief skuża mill-Istati Membri preżenti li ma jridux li Stati Membri l-ġodda, speċjalment jekk ikunu pajjiżi ż-żgħar bħal Malta, li jkollhom il-Presidenza.

Dan għaliex jekk wieħed jara dak li għadni kif għedt aktar qabel isib li Danimarka ħadet il-presidenza tal-Kunsill sitt xhur wara li kienet saret membru.

Bl-istess argument, jekk il-pajjiżi applikanti l-ġodda li fosthom hemm Malta ma jkollhomx l-esperjenza meħtieġa għat-tmexxija, id-Danimarka kellha din l-esperjenza meta kienet ilha biss sitt xhur membru?

Dan kollu juri li mhux veru li l-kwistjoni hija dwar in-nuqqas ta’ esperjenza, imma din hija biss skuża qarrieqa biex il-pajjiżi l-ġodda ma jingħatawx ċans imexxu lill-Unjoni Ewropea sakemm isiru t-tibdiliet meħtieġa biex huma qatt ma jingħataw din it-tmexxija li tibqa’ dejjem għand l-Istati Membri l-antiki.

**Ftehim ta’ Kummerċ Industrijali Ħieles**

Fl-1 ta’ Lulju, kien daħal ukoll fis-seħħ il-ftehim ta’ Kummerċ Industrijali Ħieles bejn il-Komunita’ u n-Norveġja, li kif rajna aktar qabel, iċ-ċittadini tagħha kienu ħarsu l-interessi tagħhom u ċaħdu t-talba tal-politiċi tagħhom u l-ftehim għas-sħubija li huma kienu għamlu mal-Komunita’.

Jekk il-Komunita’, issa l-Unjoni Ewropea kienet għamlet ftehim man-Norveġja minkejja li t-Trattat li l-politiċi Norveġiżi kienu għamlu kien ġie miċħud mill-poplu Norveġiż, se tkun daqstant bla ruħ li ma tagħmilx ftehim ma’ Malta li jkun jaqbel għat-tnejn jekk li ċ-ċittadini Maltin u l-Għawdxin jiċħdu t-taparsi l-ftehim li qiegħed jagħmel magħha l-Gvern Nazzjonalista?

Kieku kellha tagħmel hekk tkompli turi kemm l-Unjoni Ewropea trid biss lill-Malta biex terġa’ tagħmilha kolonja u bażi militari tagħha

## Il-Konferenza fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa

Bejn it-3 u s-7 ta' Lulju, kienet saret is-sessjoni tal-ftuh tal-Konferenza fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa[38] ġewwa Ħelsinki, fil-Finlandja.

Hawn ta' min ifakkar kif il-Gvern Laburista kien żamm milli din il-Konferenza tagħmel ftehim bla ma ddaħħal l-aspett Mediterranju fl-Att Aħħari[39] tagħha.

Hawn Malta kien hemm min ipprova jimmina l-pożizzjoni tal-Gvern Laburista u kien hawn ħafna kritika, speċjalment mill-Partit Nazjonalista, kif wieħed jista' jara jekk iħares lejn il-gazzetti tal-Partit Nazzjonalista u tal-mixtrija tal-barrani ta' dak iż-żmien.

L-argument tal-Gvern Laburista fil-Konferenza kien li qatt ma seta' jkun hemm sliem fl-Ewropa jekk ma jkunx hemm sliem fil-Mediterran.

Illum dan l-argument mhux biss huwa aċċettat, imma saħansitra l-Unjoni Ewropea stess għandha programmi speċjali ta' kooperazzjoni ma' Stati tal-Mediterran. Imma ż-żmien, bħal dejjem, huwa l-akbar għalliem, u dejjem ta' raġun lill-Partit Laburista.

## Laqgħa tal-GATT

Fuq livell internazzjonali, bejn it-12 u l-14 ta' Settembru kienet saret laqgħa Ministerjali tal-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ[40] ġewwa Tokjo, fil-Ġappun.

Il-partijiet qablu li kien meħtieġ li jwaqqfu sistema monetarja li tilqa' lill-ekonomija dinjija minn xokkijiet jew aħjar ħasdiet u żbilanċi, u rrikonoxxew ukoll li l-fażi l-ġdida fil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ għandha tħaffef il-funzjonament ordinat tas-sistema monetarja.

## Ftehim Ieħor mal-Finlandja

Fil-5 ta' Ottubru, il-Finlandja ffirmat Ftehim ta' Kumerċ Industrijali Ħieles mal-Komunitajiet.

Ftehim ieħor li jfarrak dak li jgħidu l-kelliema tal-Gvern Nazzjonalista li ma jistax isir ftehim kif irid il-Partit Laburista ma' l-Unjoni Ewropea. Jekk dan ikun jaqbel għat-tnejn kollox jista' jsir.

## Il-Gwerra tal-Jom Kippur

Waħda mill-ġrajjiet li kellha effett kbir internazzjonali u li wasslet biex jitħarbtu l-ekonomiji ta' ħafna pajjiżi kienet il-gwerra tal-Jom Kippur, li bħala riżultat tagħha mhux biss kien reġa' tkebbes u tħeġġeġ in-nar fil-Lvant Nofsani, imma kienet wasslet biex iż-żejt jogħla bil-kbir. Din il-gwerra bejn l-Israel u l-Istati Għarab kienet damet sejra mis-6 sas-27 ta' Ottubru.

---

[38] Conference of Security and Coperation in Europe CSCE
[39] Final Act
[40] GATT

Bħala riżultat tagħha u minħabba l-appoġġ li kellu Israel mill-pajjiżi tal-Punent, il-pajjiżi Għarab kienu użaw iż-żejt bħala arma, fejn il-prezzijiet kienu telgħu għal ħafna drabi milli normalment kienu.

Xi pajjiżi esportaturi taż-żejt kienu deċidew li jnaqqsu jew iwaqqfu l-esportazzjoni taż-żejt tagħhom lejn xi pajjiżi tal-Punent, waqt li Organizzazjoni tal-Pajjiżi li Jesportaw iż-Żejt[41] iddeċidiet li l-prezzijiet taż-żejt jogħlew bil-kbir.

Il-pajjiżi kollha kienu ntlaqtu ħażin b'din il-mossa.

Il-prezzijiet tal-petrol u prodotti oħra taż-żejt kienu splodew 'il fuq.

Hawn Malta, il-kumpaniji li kienu ilhom snin kbar jaqilgħu l-miljuni ta' liri minn fuq il-poplu Malti qalu lill-Gvern Laburista ta' dak iż-żmien li huma ma setgħux jiggarantixxu li jibqgħu jfornu lill-Malta u s-suq Malti bil-ħtiġijiet tiegħu tal-prodotti taż-żejt.

Dawn il-kumpaniji kienu, ix-**Shell, il-British Petroleum (BP), u l-ESSO.**

Daqshekk kienu u għadhom jistmaw lill-poplu Malti u Għawdxi il-barranin minkejja li dejjem seftrulhom, qdewhom mill-koxxa, tqatlu u nqatlu għalihom, u qalluhom miljuni kbar ta' liri.

Il-barranin, kienu minn kienu, dejjem użaw lill-poplu Malti u Għawdxi biex iqallagħhom il-liri u għall-interessi tagħhom biss.

Fi kliem ieħor, li kien għall-barranin, Malta u Għawdex kienu jispiċċaw bla żejt u kien jieqaf kollox.

Hawnhekk jidher l-għaqal tal-Gvernijiet Laburisti, li waqt li dejjem ħarsu l-interessi tal-poplu Malti u Għawdxi kontra l-interessi tal-barrani, dejjem żammew ħbiberija ma' kullħadd.

Il-Gvern Laburista mhux biss kien żgura li Malta jkollha ż-żejt kollu meħtieġ, imma anki kien akkwista żejt issussidjat mingħand il-Libja.

Il-ħbiberija tal-Partit Laburista mal-pajjiżi Għarab kienet uriet li kapaċi tagħti l-frott tagħha u kienet ta' għajnuna kbira għall-Malta wara biss sentejn ta' Gvern Laburista.

Waqt li l-ekonomija ta' pajjiżi oħra ħafna ikbar minn Malta marru ħażin ħafna, l-ekonomija Maltija mxiet 'il quddiem minkejja l-kriżi taż-żejt.

Li ma kienx għal din il-ħbiberija, kieku Malta kienet tispiċċa bla żejt u jieqaf kollox.

Dan minkejja l-insulti kbar li l-Partit Nazzjonalista kien jippubblika fil-gazzetti tiegħu kontra l-Għarab meta l-Gvern Laburista kien imur ifittex iġib għajnuna lejn Malta, kif kien għamel anki kontra ċ-Ċina u l-poplu Ċiniż meta l-Gvern Laburista kien l-ewwel Gvern mid-dinja tal-Punent li kien waqqaf relazzjonijiet diplomatiċi maċ-Ċina.

---

[41] OPEC Organisation of Petroleum Exporting Countries

Dawn l-insulti wieħed jista' jarahom jekk ifittex u jara l-gazzetti ta' dak iż-żmien.

Il-kriżi li kien hemm fil-Lvant Nofsani kaġun tal-gwerra tal-Jom Kippur wasslet biex fid-6 ta' Novembru, id-disa' membri tal-Komunita' iddikjaraw li kienu kommessi biex tinstab soluzzjoni paċifika għal din il-kriżi.

**Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew**

Fil-15 ta' Ottubru, il-Kunsill addotta numru ta' miżuri biex isaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew. Dawn il-miżuri kienu jaħsbu biex tikber il-parteċipazzjoni mill-Kunsill fix-xogħol tal-Parlament fl-ilħuq ta' ftehim ta' kummerċ kif ukoll proċedura aħjar ta' konsultazzjoni mal-Parlament.

Bl-addozzjoni ta' dawn il-miżuri naraw kemm l-istituzzjonijiet tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea minn dejjem kienu f'pika bejniethom u ma kienx hemm kooperazzjoni bejniethom, tant li l-Kunsill ħass li kellu jaddotta dawn il-miżuri biex ikabbar il-kooperazzjoni tiegħu mal-Parlament Ewropew.

**Riorganizzazzjoni fil-Politika Agrikola Komuni**

Fl-20 tax-xahar, il-Kunsill iddiskuta fid-dettal il-miżuri proposti mill-Kummissjoni dwar ir-riorganizzazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni li kellha tibda sseħħ sa' l-aħħar tas-sena 1977.

Dan ifisser li din il-politika kellha tiġi mibdula jew irranġata, kif fil-fatt għadha trid tiġi rranġata, mhux biss minħabba l-pajjiżi l-ġodda, imma anki minħabba li parti kbira mill-estimi tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, qed tmur biex tissussidja lill-bdiewa ineffiċjenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma ta' min ifakkar fin-nuqqas ta' kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea meta tħallas lill-bdiewa tagħha biex ma jkabbrux ċerti prodotti ħalli ma jonqosx il-prezz, minflok ma bl-istess flus tixtri dawk il-prodotti żejda u tagħtihom bħala karita' lill-pajjiżi foqra li l-popli tagħhom qed imutu bil-ġuħ.

Daqshekk għandhom kuxjenza nisranija l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha.

**Laqgħa Għolja**

Bejn l-14 u l-15 ta' Diċembru, kienet saret laqgħa għolja ġewwa Kopenħagen, fid-Danimarka.

Il-kriżi ta' l-enerġija li kienet inħolqot bil-kriżi taż-żejt kienet wasslet lill-Istati Membri biex jaqblu li kellhom idaħħlu Politika Komuni dwar l-Energija.

Settur ieħor li kien se jispiċċa mingħand l-Istati Membri u jibda' jiġi kkontrollat mill-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

L-istess Laqgħa Għolja kienet ħarġet ukoll stqarrija fuq l-identita' Ewropea, li kienet ġiet abbozzata bħala parti mill-arranġamenti ta' kooperazzjoni politika u approvata mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin.

Pass ieħor fid-direzzjoni lejn it-twaqqif ta' Stat Federali fejn anki l-identita' tibda tkun dik Ewropea u mhux aktar dik nazzjonali ta' l-Istati Membri.

**Riflessjonijiet**

Dawn kienu passi oħra biex l-ewwel nett qasam ieħor mal-ħafna li diġa' kienu spiċċaw minn taħt il-kontroll ta' l-Istati Membri jittieħed mill-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea u b'hekk, kienu qed ikomplu jintlaħqu l-għanijiet tal-federalisti internazzjonali li jwaqqfu Stat Federali Ewropew li l-Istati Membri tiegħu jkunu ċedew is-sovranita' tagħhom lejgħ.

Barra minn hekk, il-fatt li kienet ħarġet stqarrija fuq l-identita' Ewropea kien ifisser li l-kunċett ta' Stat nazzjon bl-identita' nazzjonali tiegħu kien qiegħed ikompli jiġi mminat billi l-identita' Ewropea kienet se tieħu preċedenza fuq l-identita' nazzjonali li fl-aħħar mill-aħħar tispiċċa fix-xejn.

Mhux biss, imma l-fatt ukoll li l-istqarrija kienet ħarġet bħala parti mill-arranġamenti ta' koooperazzjoni politika kien ifisser li anki f'dan il-qasam l-Istati Membri kienu qed iċedu s-sovranita' u d-dritt tagħhom li jiddeċiedu skond dak li jkun jaqbel għal-pajjiżhom u d-deċiżjonijiet ikunu skond kif ikun jaqbel għall-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

Minn dawn l-iżviluppi wieħed jinduna kemm jekk jeżamina sewwa dak kollu li jkun qiegħed isir u jingħad, li ma l-ewwel daqqa t'għajn ikun jidher bħala xi ħaġa normali u li ma jkollux effetti oħra, fis-sewwa jkunu passi li warajhom ikun hemm ħsiebijiet kbar u moħbija biex jintlaħqu ċerti għanijiet.

Mhux biss, imma l-affarijiet isiru b'tali mod li mhux biss il-poplu ġenerali ma jindunax bihom, imma wieħed jibda' jiddubita jekk l-istess politiċi jkunux fehemu sewwa dak li jkunu qed jagħmlu, forsi fuq pariri ta' nies mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea stess li għandhom kull interess li jħarsu l-pożizzjonijiet tagħhom u jkomplu jkattru l-poteri tagħhom, u fl-istess waqt ikomplu l-mixja lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew.

Għaldaqstant, jagħmel sewwa li kulħadd jeżamina bir-reqqa kollha dak kollu li jkun qiegħed jintqal u jsir biex jaraw x'hemm moħbi warajħ u jekk dak li jkun qiegħed jingħad ikunx is-sewwa u s-sewwa kollu, jew jekk ikunx hemm affarijiet li jkunu qed jinħbew, kif ukoll jekk ikunx hemm għanijiet oħra moħbija, kemm wara dak li jkun intqal kif ukoll wara dak li ma jkunx intqal.

Dan aktar u aktar għandu jsir meta fin-nofs ikun hemm il-futur tal-pajjiż u taċ-ċittadini preżenti u futuri, li jekk iċ-ċittadini tiegħu jiġu mqarrqa bit-tlellix u l-wegħdi fierħa u jieħdu deċizjoni zbaljata, dik id-deċiżjoni tkun se ssallabhom u tfarrkilhom pajjizhom.

Xi jgħidu uliedna u ċ-ċittadini futuri Maltin u Għawdxin jekk inkunu sallabnihom fil-jasar tal-barrani minflok ma ħallejnihom jgħixu indipendenti fil-ħelsien u l-paċi li aħna u missierijietna bi tbatija kbira ksibna bl-Indipendenza u l-Ħelsien tagħna mill-jasar wara mijiet kbar ta' snin taħt il-ħakma mill-barrani?

**Ma jkollhomx dritt li jisħtuna għad-deċiżjoni tagħna meta bħal ĠUDA nkunu għamejjna wara t-tlellix tal-borża mimlija bit-tletin biċċa tal-fidda li l-barrani u l-ĠUDIET li hawn fostna qed jippreżentaw biex iqarrqu bina?**

## L-1974

Is-sena 1974 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej eħaddiet għand il-Ġermanja. Fl-istess jum, kien daħal fis-seħħ il-ftehim bejn il-KEFA u l-Awstrija, il-Portugall, l-Isvizzera u l-Isvezja.

Kien daħal ukoll fis-seħħ il-ftehim ta' kummerċ industrijali ħieles bejn il-Komunitajiet u l-Finlandja li jgiddeb lill-mixtrija tal-barrani li jgħidu li ma' l-Unjoni Ewropea jew ġewwa jew barra.

## Dikjarazzjoni Importanti

Fl-aħħar tax-xahar, il-Kummissjoni kienet bagħtet dikjarazzjoni fuq l-istat tal-Komunita' lill-Kapijiet ta' Gvern ta' l-Istati Membri.

Fid-dikjarazzjoni saħqet dwar il-ħtieġa li l-Ewropa terġa' tibda timxi[42] mill-ġdid billi jqarrbu l-politika tagħhom aktar fil-linji tal-Komunita'[43] u billi jaħdmu fuq politika komuni ġodda[44].

Il-Parlament iddikjara li l-għaqda ta' l-Ewropa tista' tintlaħaq biss jekk l-istituzzjonijiet tal-Komunita' jkunu mħollija li jimxu fuq politika li tkun imsejjsa tassew fuq solidarjeta' Ewropea.

Minn din id-dikjarazzjoni naraw kemm il-Parlament kien sar istituzzjoni federalista fejn il-membri tiegħu kien spiċċalhom il-kunċett ta' nazzjonalita' u sovranita' ta' l-Istati Membri.

Il-Membri Parlamentari Ewropew riedu jagħtu aktar poteri lill-istituzzjonijiet tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, li kellhom jimxi fuq politika msejjsa mhux fuq l-interessi nazzjonali ta' l-Istati Membri, li fil-fatt qatt ma kienu maħsuba biex iħarsuhom u qatt ma ħarsuhom, imma fuq l-interessi tal-Komunitajiet Ewropej.

Kienu jew ma kinux passi wieħed wara l-ieħor fuq il-pjani kif kienu maħsuba mill-federalisti internazzjonali qabel u matul il-gwerra dinjija biex jitwaqqaf Stat Federali Ewropew?

Kienu jew ma kinux qegħdin dejjem jittieħdu aktar sovranita' u poteri mingħand l-Istati Membri mill-istituzzjonijiet tal-Komunita'?

Kienet ħadmet jew le il-politika li l-Membri Parlamentari jkunu maħtura u mhux imtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri?

Kienet ħadmet jew le il-politika li l-Membri Parlementari Ewropej joqgħodu maqsuma fuq sisien politiċi u mhux joqgħodu għalihom fuq sisien nazzjonali biex b'hekk insew il-kunċett tan-nazzjonalita' tagħhom u ta' l-Istati Membri u bdew jaħsbu biss fuq il-kunċett federali?

---

[42] To get Europe moving again
[43] Bringing national policies closer into line
[44] By working out common policies

## Istituzzjoni Oħra Tagħmel Pressjoni

Bejn il-11 u t-12 ta' Frar, il-Kunsill formalment irrikonoxxa d-dritt tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali li joħroġ l-opinjonijiet tiegħu fuq l-inizjattiva tiegħu stess u qabel ukoll li l-istess Kumitat jippubblika dawn l-opinjonijiet.

Anki dan kien pass ieħor biex issir pressjoni fuq l-Istati Membri minn istituzzjoni oħra tal-Komunita' biex jimxu fuq dak li tkun iddeċidiet.

## Beraq

Fl-1 ta' April, wara li kien inbidel il-Gvern Ingliż, is-Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth Ingliż kien għamel stqarrija lill-Kunsill dwar il-politika tal-Gvern il-gdid fuq il-Komunita'.

Huwa għamel sejħa għal tibdil kbir fil-Politika Agrikola Komuni, "metodi aktar ġusti fl-iffinanzjar ta' l-estimi tal-Komunita'"[45], u soluzzjonijiet għall-problemi monetarji.

Minn dan naraw kemm il-Gvern Laburista Ngliż il-ġdid ma riedx jaċċetta l-impożizzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-Komunita' li kien aċċetta l-Gvern Konservattiv ta' qablu, kif ukoll li ried li titnaqqas il-kontribuzzjoni li r-Renju Unit kien qiegħed jagħti lill-Komunita'.

Tajjeb li jingħad li r-Renju Unit qiegħed jikkontribwixxi aktar minn miljun u mitejn elf lira kull siegħa ta' kull jum għall-Unjoni Ewropea.

Iva, sewwa qrajtu, **1,200,000 LIRA KULL SIEGĦA** miġbura mit-taxxi mingħand iċ-ċittadini Ingliżi jitilqu lejn l-Unjoni Ewropea biex jitberbqu bla rażan mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

It-tibdil mitlub fil-Politika Agrikola Komuni kien ukoll minħabba l-piż kbir li din il-politika titfa' fuq l-Istati Membri u l-estimi tal-Komunita' minħabba l-ineffiċjenza tal-bdiewa tagħha kif ukoll minħabba l-korruzzjoni, l-isparixxar tal-flus mill-bir bla qiegħ tal-Kummissjoni, u l-politika ħażina ta' l-Unjoni Ewropea.

## Aktar Setgħat

Fit-2 ta' April, kienet ġiet mibgħuta dikjarazzjoni flimkien fuq l-istat tal-Komunita' lill-Kunsill.

Il-Presidenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni rrikonoxxew li l-proċess għat-teħid tad-deċiżjonjiet ried jittejjeb jekk riedu li jsir xi progress fuq materji sostantivi, u jekk il-kapaċita' tal-Komunita' li taħdem riedet tiġi garantita fuq tul ta' żmien. Huma kienu għamlu wkoll diversi proposti.

Dan kien ifisser li l-istituzzjonijiet tal-Komunita' riedu aktar poteri biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aktar malajr fuq affarijiet serji.

---

[45] "Fairer methods of financing the Community budget"

Jekk wieħed joqgħod attent jara li riedu wkoll li l-proċess jittejjeb, u għaldaqstant, biex jittejjeb ma setgħax jibqa' id-dritt tal-veto, jiġifieri li jkun hemm il-qbil ta' l-Istati membri kollha biex issir xi ħaġa.

Għalkemm diġa' rajna li kien sar xi ħaġa fil-Kompromess tal-Lussemburgu dwar dan il-għan, dak ma kienx biżżejjed u kienet qed titħejja t-triq biex aktar deċiżjonijiet jibdew jittieħdu permezz ta' vot ta' maġġoranza minflok b'vot unanimu f'aktar oqsma mportanti.

Għaldaqstant, it-tneħħija tal-veto tfisser li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jwaqqfu xi deċiżjoni li tkun se taffettwahom ħażin, għaliex il-vot jittieħed u jekk ikun hemm maġġoranza jgħaddi.

Ara kieku ma jkunux membri jkunu jistgħu jagħmlu dak li jkun jaqbel għalihom u mhux dak li jkun jaqbel għall-oħrajn bilfors.

**<u>Laqgħa Internazzjonali</u>**

Bejn id-29 u t-30 ta' Mejju, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp[46] kienet għamlet laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tagħha. Sir Christopher Soames, li kien il-Viċi-President tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, kien saħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-koperazzjoni internazzjonali u li tkompli taħdem aktar u aktar liberalizzazzjoni estensiva tal-kummerċ dinji.

Il-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (OKEŻ) addotta dikjarazjoni fejn saħaq fuq is-serjeta' tad-diffikultajiet ekonomiċi tal-pajjiżi membri, partikolarment dawk li kellhom x'jaqsmu mal-ħlasijiet internazzjonali.

Hawnhekk iridu jsiru żewġ kummenti.

L-ewwel wieħed huwa li minn dan l-iżvilupp, minkejja li l-Istati Membri tal-Komunita' kienu wkoll membri fl-OKEŻ, il-Komunita' kienet tkellmet bħala Komunita' f'din il-laqgħa.

Dan kien ifisser li mhux biss kienet qed tieħu post l-Istati Membri tagħha, imma fl-istess ħin kienet qed tfittex li jkollha rikonoxximent minn organizzazzjonijiet internazzjonali billi ssir membru tagħhom bħala Komunita' u/jew tindirizza l-laqgħat tagħhom bħala Komunita'.

Dan ukoll kien pass ieħor fil-mixja biex il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tkompli tieħu s-sovranita' mingħand l-Istati Membri tagħha u jkollha dritt li tinnegozja u tiffirma ftehim, Trattati u Konvenzjonijiet internazzjonali u reġjonali minflok l-Istati Membri, li jkollhom jonoraw u joqgħodu għal dak li tkun iffirmat l-Unjoni Ewropea.

Il-punt l-ieħor huwa li mill-istqarrija tal-Kunsill ta' l-OKEŻ, joħroġ ċar li l-pajjiżi kollha tad-dinja kienu qed issibu diffikultajiet kbar biex iħallsu d-djun li kellhom.

---

[46] OECD – OKEŻ

Wieħed irid jiftakar li ftit xhur qabel, kienet għadha kif saret il-gwerra tal-Jom Kippur u l-pajjiżi produtturi taż-żejt kienu għollew il-prezzijiet taż-żejt bil-kbir bħala tpattija.

Għaldaqstant, wieħed aktar jifhem l-iżviluppi kbar li kien irnexxilu jagħmel il-Gvern Laburista fis-snin sebgħin u tmenin minkejja t-tfixkil kbir li sab f'Malta stess minn dawk li kellhom interess ifixkluh, bħal ma kienu l-Partit Nazzjonalista u l-interessi imperjalisti u kolonjalisti li għadhom jaħdmu fostna sal-lum biex nerġgħu nsiru kolonja tal-barrani, kif ukoll, u aktar u aktar, bis-sitwazjoni internazzjonali tal-kriżi taż-żejt li farrket ħafna ekonomiji ta' pajjiżi li kienu kbar u b'saħħithom.

## Il-Kwistjoni tar-Renju Unit

Il-kwistjoni tar-Renu Unit li kien talab għar-riformi dwar il-ħlasijiet tiegħu lill-Komunita' u t-tibdil fil-Politika Agrikola Komuni kienu fuq l-aġenda tal-Kunsill. Fil-fatt, fl-4 ta' Ġunju, il-Kunsill ikkunsidra l-proċeduri li ried jaddotta biex jeżamina l-problemi li kienu tqajjmu mir-Renju Unit.

Il-Kunsill kien iddiskuta wkoll il-mod li kienu jaħdmu bih l-istituzzjonijiet tal-Komunita'. Kien intlaħaq xi qbil fuq kif jitjieb il-proċess li bih kienu jittieħdu d-deċiżjonjiet.

Fl-10 ta' Ġunju, il-Kunsill kien ħa żewġ deċiżjonijiet fuq l-għoti ta' għajnuna mill-Fond Soċjali Ewropew għal ċerti miżuri speċifiċi għall-persuni bi ħtiġijiet speċjali u ħaddiema immigranti.

## Il-Każ Reyners

Il-Każ Reyners[47] kien dwar ċittadin ta' Stat Membru li ried jibda jagħmel jew aħjar jeżerċita' d-dritt tiegħu li jmur u jibda jikkummerċja fi Stat Membru ieħor.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li kull meta ċittadin ta Stat Membru jkun jixtieq li jmur jibda jikkummerċja minn Stat Membru ieħor, l-Istat Membru l-ieħor irid iħallih u ma jistax japplika xi liġi, regolament jew provvediment jew prattika amministrattiva li tkun tista' tiddiskrimina kontrih meta mqabbel maċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

Dan ifisser li kull ċittadin minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea għandu dritt li jmur jaħdem u jikkummerċja f'kull Stat Membru ieħor, u dak l-Istat Membru li jmur fih irid jagħtih id-drittijiet u l-faċilitajiet kollha daqs kemm jagħti liċ-ċittadini tiegħu.

Ebda Stat ma jista' jwaqqaf jew ifixkel xi ċittadin minn kull Stat Membru ieħor milli jagħmel hekk.

Għaldaqstant, jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, kull ċittadin minn kull Stat Membru se jkollu dritt li jiġi jiftaħ ħanut jew negozju ieħor f'Malta u f'Għawdex fejn irid, bla ma l-Gvern Malti jew il-kummerċjanti Maltin u Għawdxin ikunu jistgħu jagħmlu xejn biex iżommuh.

---

[47] Judgment of the Court of 21 June 1974. Jean Reyners v Belgian State. Reference for a preliminary ruling: Conseil d'Etat - Belgium. Right of establishment. Case 2-74. European Court reports 1974 Page 00631

**Hekk ordnat il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u hekk ikollu jsir**.

Dan il-każ kien deċiż mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ġunju 1974, u huwa ppubblikat fil-European Court Reports 1974 paġna 631.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand Franza.

## Il-Qorti u l-Unjoni Ewropea

Fil-15 ta' Lulju, il-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, kienet bagħtet karta lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunita' fuq l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li l-Qorti kienet l-ewwel istituzzjoni tal-Komunita' li kienet wieġbet għall-istedina li kienet saret fil-Laqgħa Għolja ta' l-1972 li kienet saret ġewwa Pariġi, fi Franza.

Huwa ċar daqs il-kristall li l-Qorti kellha u għad għandha kull interess li tkompli l-mixja lejn Stat Federali Ewropew, minħabba li aktar ma jimxu lejn dak il-għan, aktar kien se jkollha poter aħħari li tiddeċiedi fuq kull kwistjoni li tista' tqum f'dik li aktar 'il quddiem kellu jkun l-Istat Federali Ewropew, jiġifieri l-Unjoni Ewropea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa kif kienu ħasbuha u fassluha l-federalisti internazzjonali.

Kemm il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea dejjem kabbret l-poter tagħha fuq l-Istati Membri u kemm ma trid bl-ebda mod taċċetta li hija tkun suġġetta għall-ebda Qorti oħra narawh aktar 'il quddiem.

## Konferenza Oħra

Bejn il-25 u s-26 ta' Lulju, kienet saret konferenza ministerjali flimkien[48] bejn il-Komunita' u l-pajjiżi AKP ġewwa Kingston, fil-Ġamajka.

Il-konferenza saħqet fuq ir-rieda politika tal-pajjiżi AKP u tal-Komunita' biex jaddottaw il-konvenzjon fiż-żmien impost minħabba li kienet se tiskadi l-Konvenzjoni ta' Jaounde'[49] u l-Ftehim ta' Aruxa[50]. Il-Ministri kienu qablu fuq linji gwida biex jagħmlu aktar progress fuq numru ta' punti.

Qed taraw kemm il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, jagħmlu ftehim ma' pajjiżi oħra li qatt ma jistgħu jsiru membri tagħha, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet oħra meta dak il-ftehim ikun jaqbel għat-tnejn?

Madankollu, tajjeb ukoll li wieħed josserva li l-Konvenzjoni ta' Jaounde' u l-Ftehim ta' Aruxa kienu se jiskadu.

Dan ifisser lil-Komunita', u issa l-Unjoni Ewropea, il-ftehim li jagħmlu ma' pajjiżi oħra jkun għal ftit żmien u mhux għal dejjem.

---

[48] EU-ACP, EU-AKP, pajjiżi ta' l-Afrika, Karibbew u l-Paċifiku
[49] Yaounde' Convention
[50] Arusha agreement

Wieħed bilfors jistaqsi. Għalfejn l-Unjoni Ewropea m'għandhiex klawsola, Artiklu jew provvediment fit-Trattati kollha tagħha biex jekk Stat Membru jidhirlu li ma jkunx għadu fl-interess tiegħu li jibqa' membru jkun jista' jitlaq?

Jekk l-Unjoni Ewropea hija l-Ġenn(a) ta' l-Art li jgħidu li hi, ħadd ma jkun irid jitlaq minnha għax ikun tajjeb u ma jkunx jaqbillu jitlaq, mhux hekk?

Madankollu, ir-raġuni tassew hija li tant jafu li ċ-ċittadini ta' kull Stat li jsir membru jmorru minn taħt li jkunu jridu jitilqu, u li jekk l-Istati Membri jdabbru rashom, l-Unjoni Ewropea tispiċċa fi żmien qasir.

Jagħmlu hekk biex iħawwdu, għaliex hemm jew ma hemmx klawsola, Artikolu jew provvediment, jekk Stat Membru jew aħjar iċ-ċittadini jiddeċiedu li jitilqu ħadd u xejn ma jista' jżommhom ghax għandhom kull dritt u setgħa li jitilqu meta jridu.

## Aktar Ftehim

Kemm l-Unjoni Ewropea tiffirma ftehim fejn ikun jaqblilha narawh mill-fatt li fis-17 ta' Settembru, il-Kunsill qabel formalment ma direttivi għan-negozjati ta' ftehim komprensivi ma' Spanja, l-Israel, l-Alġerija, il-Marokk u t-Tuneżija, kif ukoll iddeċieda li jtawwal il-programm ma' Malta biex ikun jinkludi wkoll kooperazzjoni u l-agrikoltura.

It-tkabbir jew it-twessiegħ tal-ftehim ma' Malta għal aktar kooperazzjoni u l-agrikoltura juri li l-Gvern Laburista kien kapaċi li jinnegozja u jirranġa ftehim biex ikun aħjar fl-interess ta' Malta, kif diġa' kien għamel qabel.

Illum, Gvern Laburista ġdid għandu ħafna aktar esperjenza biex jinnegozja ftehim li jkun jaqbel għall-Malta, kontra dak li qiegħed jagħmel il-Gvern Nazzjonalista li qiegħed jagħti b'xejn dak kollu li hu tagħna lill-Unjoni Ewropea u joqgħod għal dak kollu li jordnawlu minn Brussell.

## Ipokresija

Għal-Novembru naraw eżerċizzju sħiħ ta' ipokresija grassa min-naħa tal-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea. Bejn l-14 u s-16 ta' Novembru, kienet saret Konferenza Dinjija ta' l-Ikel ġewwa Ruma fl-Italja.

Il-Komunita', konxja mill-fatt tal-kriżi kbira ta' l-ikel li kien hemm fil-pajjiżi li kienu qed jiżviluppaw, ziedet l-isforzi tagħha fl-għajnuna fil-qasam ta' l-ikel, u ħadet sehem fix-xogħolijiet tal-Konferenza biex issib soluzzjoni fuq żmien qasir u fuq żmien twil għall-problema ta' nuqqas ta' ikel.

Trid tkun veru wiċċek tost, ikollok ipokrezija grassa, wiċċek agħar mill-għatba tal-klistanija, u bla kuxjenza biex waqt li taf li kien hemm u għad hemm kriżi kbira ta' l-ikel madwar id-dinja kollha, waqt li taf li miljuni kbar ta' nies ibatu l-ġuħ u miljuni kbar oħra qed imutu minħabba nuqqas ta' ikel, iġġiegħel lill-bdiewa ta' l-Istati Membri tiegħek u tħallashom biex ma jaħdmux ir-raba tagħhom biex ma jinżlux il-prezzijiet tal-prodotti agrikoli.

Trid tkun wiċċek tost, ikollok ipokrezija grassa, wiċċek agħar mill-għatba tal-klistanija, u bla kuxjenza biex waqt li tħallas biex iżżomm il-prodotti fil-friża biex ma jinżlux il-prezzijiet, teqred muntanja ta' butir ta' miljuni kbar ta' liri kif kienet għamlet il-Komunita' Ewropea, minflok ma tqassamha lill-fqar li jkunu qed ibatu l-ġuħ u li ma jkollhomx biex jixtru.

Hawn naraw il-wiċċ ikraħ tal-kapitaliżmu li kuntent li jinqerdu l-affarijiet minflok ma jitqassmu b'xejn. Ir-raġunar huwa li jekk il-fqar jingħataw xi prodott, huma ma jagħmlux sagrifiċċji kbar biex kienu jistgħu jixtri xi ftti minn dak il-prodott.

Għaldaqstant, ir-raġunar tal-kapitalist, u magħhom tgħodd ukoll l-Unjoni Ewropea għax hija għaqda ta' kapitalisti, huwa li aħjar ibiegħu ftit oġġetti bi prezz għoli milli jbiegħu ħafna bi rħis jew jagħtu b'xejn, minħabba li min ikun ingħata dak l-oġġett ma jagħmilx sagrifiċċji biex jixtri għaliex ikunu ingħata wieħed jew ftit b'xejn biex jiddobba.

Hekk tirraġuna l-kuxjenza tal-Kapitalisti u l-organizzazzjonijiet li joħolqu biex imexxu 'l quddiem l-interessi tagħhom.

**<u>Aktar Setgħat għall-Qorti</u>**

Hija ħaġa naturali li aktar ma l-istituzzjoni tikber, aktar jistgħu jinqalgħu problemi bejn il-membri tagħha.

Dan ġara wkoll fil-Komuntajiet Ewropej, fejn aktar ma kibru, aktar bdew jinqalgħu problemi, bejn l-Istati Membri, bejn l-istituzjonijiet tal-Komunitajiet, bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri, bejn ċittadini u kumpaniji ta' l-Istati Membri, u taħlita sħiħa ta' dawn kollha flimkien.

Għaldaqstant, fis-26 ta' Novembru, il-Kunsill kien iddeċieda li jirranġa l-provvedimenti tat-Trattat dwar il-Qorti tal-Komunitajiet, issa ta' l-Unjoni Ewropea, biex itejjeb il-makkinarju proċedurali tal-Qorti ħalli tkun tista' tlaħħaq maż-żjieda kbira li kien hemm fix-xogħol tagħha.

Il-Kunsill iddeċieda li ċerti talbiet għal deċiżjonijiet preliminari dwar materji ta' natura teknika, jew li fuqhom kien ikun hemm diġa' diversi każi maqtuha, setgħu jiġu mogħtija mill-Qorti lil waħda mill-Awli tagħha sakemm ebda Stat Membru jew istituzzjoni tal-Komunitajiet ma kienet titlob biex il-każ jinstema mill-Qorti sħiħa.

Dan kien ifisser li l-kawżi setgħu jinstemgħu minn ftit imħallfin minflok mill-imħallfin tal-Qorti kollha flimkien. B'hekk, setgħu jsiru numru ta' kawzi fl-istess ħin għaliex l-Imħallfin ma jkunux okkupati kollha bl-istess każ.

Għaldaqstant, naraw li aktar tard kienu bdew jinstemgħu l-kawzi minn dik li tissejjaħ Awla minflok mill-Qorti sħiħa.

Fit-30 ta' Novembru, il-fehim bejn in-Norveġja u l-Finlandja kienu ġew ratifikati mill-Istati Membri kollha u kienu daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1975.

## Qorti Oħra

Fit-3 ta' Diċembru, il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej kien qabel fuq abbozz ta' Trattat dwar is-setgħat ta' l-estimi tal-Parlament u fuq it-twaqqif ta' Qorti ta' Awdituri[51]. Dwar is-setgħat ta' l-estimi tal-Parlament, il-ħsieb kien li jitkabbru l-poteri li kellu l-Parlament biex japprova l-estimi tal-Komunita'.

Il-Qorti ta' Awdituri kellha tkun dik l-istituzjoni li teżamina l-infieq li kien qiegħed isir mill-istituzzjonijiet tal-Komunita'.

Wieħed jista' jqis din li ssejħet Qorti bħala l-Awditur tal-Gvern li jara u jeżamina l-infieq kollu li jsir mid-dipartimenti u l-kumpaniji kollha tal-Gvern biex jara li jkun kollox skond ir-regolamenti u li jkun hemm ir-riċevuti kollha għal kull infieq.

Hawn ta' min jgħid li l-kontijiet tal-Kummissjoni ilhom żmien kull darba ma jiġux approvati mill-Qorti ta' l-Awdituri minħabba nuqqasijiet kbar fejn miljuni kbar ta' ewros miġbura mit-taxxi taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jisparixxu.

Anki ftit ilu l-Awditur Marta Andreasson ma rieditx tiffirma l-kontijiet tal-Kummissjoni għaliex ma ingħatatx it-tagħrif li talbet kif ukoll għaliex is-sistema ta' kontijiet tal-Kummissjoni tagħti lok u tħalli mnejn isiru abbużi kbar mill-flejjes li tonfoq il-Kummissjoni.

Minflok ma l-Kummissjoni ħadet passi biex tirranġa s-sitwazzjoni biex ma tħallix abbużi jsiru, hija qed tipprova tkeċċi lill-Marta Andreasson.

Mhux bilfors li titħasseb għalfejn il-Kummissjoni ma tridx tirranġa l-affarijiet u fejn qed imorru dawk il-mijiet ta' miljuni li jisparixxu kull sena bla ma ħadd ikun jaf fejn marru?

## Il-Każ Binsbergen

Il-każ Binsbergen[52] kien inqata mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fit-3 ta' Diċembru 1974 u huwa ppubblikat fir-Rapporti tal-Qorti Ewropew 1974 paġna 1299.

Dan il-każ kien dwar id-dritt li ċittadin minn Stat Membru jmur jaħdem jew jagħti s-servizzi tiegħu fi Stat Membru ieħor.

Il-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, kienet qalet li l-liġi dwar il-ħelsien li wieħed jipprovdi servizz tista' tiġi nvokata, jiġifieri ssir referenza għaliha bħala li tkun qed tagħti xi dritt, quddiem Qrati nazzjonali sakemm l-oġġettiv ta' dik il-provediment ikun biex titneħħa kull diskriminazzjoni kontra persuna li tkun qed tipprovdi servizzi, fuq is-sisien tan-nazzjonalita' tiegħu jew tal-fatt li huwa jkun joqgħod fi Stat Membru ieħor minflok f'dak li huwa jagħti servizzi fih.

---

[51] Court of Auditors

[52] European Court Reports 1974 p1229 Judgment of the Court of 3 December 1974. Johannes Henricus Maria van Binsbergen v Bestuur van de Bedrijfsvereniging voor de Metaalnijverheid. Reference for a preliminary ruling: Centrale Raad van Beroep - Netherlands. Freedom to provide services. Case 33-74. European Court reports 1974 Page 01299

Dan ifisser li kull liġi u regolament tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, jista' jinġieb bħala prova li tagħti xi dritt lil min jagħmel referenza għaliha, quddiem il-Qrati ta' l-Istati Membri minn min tkun saret diskriminazzjoni kontrih minħabba li ma jkunx ċittadin ta' dak l-Istat Membru li huwa jkun qiegħed jipprovdi s-servizzi tiegħu fih.

Mhux biss, imma skond is-sentenza tal-Qorti, lanqas ma hemm ħtieġa li dak li jkun qiegħed jagħti s-servizzi tiegħu jkun jew ikollu joqgħod f'dak l-Istat Membru, imma jista' jagħtihom mill-Istat Membru li jkun joqgħod fih, u jekk ikollu ħtieġa sempliċiment imur meta' jkun meħtieġ.

Fi kliem ieħor, jista' jagħti s-servizzi tiegħu f'kull Stat Membru minkejja li ma jkunx joqgħod fih u minkejja li ma jkunx qiegħed iħallas it-taxxi li ċittadini li jkunu joqgħodu f'dak l-Istat Membru normalment ikunu jħallsu, bħal ma hija t-taxxa tad-dħul.

**Dawn l-affarijiet kollha qed jinħbew mill-poplu Malti u Għawdxi mill-MIC, mill-Gvern Nazzjonalista, u mill-kelliema u l-akkolti tiegħu, ħalli l-poplu ma jkunx jafhom meta' jiġi biex jivvota fir-referendum.**

## Laqgħa Għolja

Bejn id-9 u l-10 ta' Diċembru, kienet saret laqgħa għolja ġewwa Pariġi, fi Franza.

F'din il-laqgħa, il-Kapijiet ta' Gvern jew Stat ta' l-Istati Membri kienu ddeċidew li jagħmlu laqgħat tliet darbiet fis-sena bħala Kunsill Ewropew, taw il-qbil tagħhom biex isiru elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew, qablu li għandu jitwaqqaf Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali[53], u ftehemu li jwaqqfu għaqda ekonomika u monetarja.

Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet kif ukoll għanijiet oħra, huma kienu ħatru lil Leo Tindemans, li kien il-Prim Ministru Belġjan, biex iħejji rapport fuq l-Unjoni Ewropea sa' l-aħħar tas-sena 1975.

Wieħed jinnota li huma kienu qablu li għandhom isiru elezzjonijiet diretti biex iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkunu jistgħu jtellu lill-Membri Parlamentari Ewropew, għax sa dak iż-żmien, huma kienu jiġu maħtura mill-Istati Membri.

Daqshekk kienu u għadhom demokratiċi l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex għalkemm il-Parlament Ewropew isiru l-elezzjonijiet għalih, huwa ma tantx għandu saħħa.

Il-Membri Parlamentari huma nfluwenzati jiddeċiedu fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea u biex imexxu 'l quddiem l-idejat federalisti u mhux l-interessi taċ-ċittadini u ta' l-Istati Membri bħala **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**, waqt li l-Kummissjoni ma tiġix eletta u hija mposta fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri bla ebda kontroll u risponsabbilta' lejhom.

[53] European Regional Development Fund ERDF, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali FEIR

Dwar ir-rapport fuq l-Unjoni Ewropea li huma talbu lil Leo Tindemans biex ilesti sa' l-aħħar tas-sena 1975, huwa ċar daqs il-kristall li l-ħsibijiet tagħhom kienu li jmorru ħafna aktar minn Komunita' Ekonomika u jaslu għal dak li kienu ppjanaw u fasslu l-federalisti internazzjonali, jiġifieri **Stat Federali Ewropew bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.**

Dan kien l-għan tagħhom meta talbu lil Tindemans biex jagħmel il-pjan għall-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea kienet ippjanata li tkun, u fil-fatt qegħda fl-aħħar passi biex tkun, Stat Federali Ewropew.

L-aħħar żviluppi għal din is-sena saru fid-19 ta' Diċembru meta r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri kienu ddeċiedew li jġeddu u jtawwlu ż-żmien tal-President tal-Kummissjoni Francois-Xavier Ortoli sal-5 ta' Jannar 1977.

Daqshekk għandhom leħen u għażla iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri fil-ħatra tal-President tal-Kummissjoni u tal-Kummissjoni.

## L-1975

Is-sena 1975 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand l-Irlanda.

## Il-Fond Monetarju Internazzjonali

Fil-qasam internazzjonali, il-Bord tal-Gvernaturi tal-Kumitat Interim[54] tal-Fond Monetarju Internazzjonali[55] kien iltaqa' ġewwa Washington, fl-Istati Uniti.

Il-Bord qabel li jżid il-kwota tal-pajjiżi membri, li jneħħi l-prezz uffiċjali tad-deheb u li jagħti d-drittijiet speċjali ta' ġbid[56] post ċentrali fis-sistema monetarja internazzjonali.

Hawnhekk tajjeb li nispjega fil-qosor ħafna xi affarijiet biex wieħed jifhem aħjar xi jfisser dak li ntqal hawn fuq.

Qabel, il-valur tal-muniti nazzjonali kien jiġi mqabbel, jew aħjar imsejjes, fuq il-valur tad-deheb. Il-pajjiżi kienu jżommu ċertu ammont ta' riservi tad-deheb li kienu jagħmlu tajjeb għall-valur tal-munita tagħhom.

Bejn wieħed u ieħor u biex nieħdu eżempju, is-sistema kienet li jekk il-Gvern Ingliż kien jiddikjara li mitt lira sterlina kienet tiswa daqs uqija deheb, teoretikament wieħed kellu dritt li jekk ikollu mitt lira sterlina kien jista' jitlob li jingħata uqija deheb minflok dik il-mitt lira.

Fi kliem ieħor, dik il-mitt lira kellha riservi ta' uqija deheb x'jagħmlu tajjeb għaliha maħżuna għand il-Gvern Ingliż. Dan biex wieħed jifhem ftit, għaliex is-sistema ma kinitx waħda daqshekk sempliċi.

Wara t-taħwid li kien inqala minħabba, fost affarijiet oħra, il-kriżi taż-żejt u l-varjazzjonjiet kbar li kien hemm fil-valur tad-deheb, kienu saru arranġamenti biex din is-sistema tispiċċa u jidħol il-kunċett li l-valur tal-munita jkun imsejjes fuq il-kapaċita' ta' produzzjoni ta' kull pajjiż, jew aħjar fuq **it-twemmin** li dak il-pajjiż kien kapaċi jagħmel ammont ta' produzzjoni biex jagħmel tajjeb għall-valur partikolari tal-munita tiegħu.

Is-sistema tad-drittijiet speċjali ta' ġbid[57] tal-Fond Monetarju Internazzjonali hija li kull pajjiż membru jkollu depożitu ta' ċertu ammont tal-munita tiegħu mal-Fond, liema depożitu jagħtih dritt jiġbed ammonti ta' muniti barranin biex jikkummerċja bihom ma' pajjiżi oħra jekk ikun jinħtieġ.

Dawn jinġibdu f'ċerti ammonti kull darba, imsejħa tranches, u hemm kundizzjonijiet, modi u limiti dwar kif u kemm dan ikun jista' jsir biex jinżamm kontroll fuq il-pajjiżi membri.

---

[54] Interim – jiġifieri sakemm isir ieħor
[55] Fond monetarju Internazzjonali FMI, International Monetary Fund IMF
[56] Special Drawing Rights
[57] Special Drawing Rights

Huwa għalhekk li wieħed jisma li pajjiż biex jingħata self minnn dan il-Fond ikunu sarulu kundizzjonijiet iebsa dwar x'għandu jagħmel minħabba s-sitwazzjoni ta' l-ekonomija tiegħu, kemm minħabba li kif għedt aktar qabel il-valur tal-munita tiegħu huwa msejjes fuq it-twemmin ta' kemm kapaċi jipproduċi biex jagħmel tajjeb għall-valur tagħha, kif ukoll biex jirranġa l-ekonomija tiegħu skond il-kriterji mogħtija lilu ħalli verament il-valur tal-munita tiegħu jkun jirrifletti l-ekonomija tiegħu.

## Kontribuzzjoni

Fit-22 ta' Jannar, il-Kunsill qabel li jħallas it-tieni pagament ta' mitt miljun dollaru taħt il-wegħda tal-Komunita' li tagħti hames mitt miljun dollaru bħala għajnuna għall-Operazzjoni ta' Emerġenza għall-pajjiżi li kienu qegħdin jiżviluppaw li kienu ġew l-aktar affettwati miż-żjieda fil-prezzijiet internazzjonali.

Għalkemm ħames mitt miljun dollaru jistgħu jidhru bħala somma kbira, huma farka hdejn l-estimi tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt, hemm min jistma li 500 miljun ewro li bejn wieħed u ieħor jiswa daqs id-dollaru, jisparixxu kull sena fil-bir tas-skieken ta' l-Unjoni Ewropea, waqt li xi wħud jgħidu li din is-somma hija aktar minn tnax-il darba akbar.

Barra minn hekk, tajjeb li wieħed jistaqsi x'inhuwa tajjeb. Li tkabbar il-produzzjoni biex traħħas il-prezzijiet u b'hekk kulħadd ikun jista' jixtru, jew li tħallas biex il-bdiewa ma jaħdmux l-art tagħhom ħalli l-prezzijiet jibqgħu għolja u b'hekk ikun hemm hafna li ma jistgħux jixtru?

It-tweġiba m'hemm għalfejn ngħid x'inhi, għaliex kullħadd jaf jaħseb b'rasu.

Madankollu tajjeb li nfakkar li jekk ma jsirx hekk, kieku l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi l-oħra ma jkunux jistgħu jiftaħru li qed jgħinu lill-pajjiżi l-fqar tad-dinja u jidhru bħala benefatturi tagħhom, mhux hekk?

Din bħal ma kienet tippriedka l-Knisja qabel li l-faqar kien mezz biex is-sinjur ikun jista' jagħmel il-karita biex jikseb is-saltna tas-Sema, għaliex il-kliem li dak li tagħmel l-id ix-xellugija m'għandhiex tkun tafu l-id il-leminija kollha nsewh.

## L-Ewwel Konvenzjoni ta' Lome'

Fit-28 ta' Frar, il-Komunita' flimkien ma' 46 pajjiż mill-Afrika, il-Karibbew u l-Paċifiku[58] kienu ffirmaw konvenzjoni, magħrufa bħala Lome' I, jew l-ewwel konvenzjoni ta' Lome', ġewwa Lome', fit-Togo. Din il-konvenzjoni kient daħlet minflok il-konvenzjoni ta' Jaounde'.

Konvenzjoni li kienet tfisser li l-Komunita' kienet ftehmet ma' dawk is-46 pajjiż membri fil-Konvenzjoni dwar il-kummerċ li kellhom jagħmlu bejniethom.

Possibbli li wara li għamlet daqs dawk ftehim ma' daqstant pajjiżi matul dawn is-snin kollha, l-Unjoni Ewropea ma tagħmilx ftehim ma' Malta li jkun jaqbel għat-tnejn?

[58] ACP - AKP

## L-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill Ewropew

L-ewwel laqgħa tal-Kunsill Ewropew li kif rajna kienu qablu fuqu aktar qabel, kienet saret ġewwa Dublin, fl-Irlanda bejn l-10 u l-11 ta' Marzu.

Kienu ttieħdu deċiżjonijiet kbar li permezz tagħhom il-Gvern Ingliż seta' jirrakkomanda lill-poplu Ngliż li jista' jkompli bis-sħubija tiegħu fil-Komunitajiet Ewropej.

Kienet ġiet addotta wkoll dikjarazzjoni dwar il-Konferenza fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa mill-istess Kunsill. Fil-11 tax-xahar ukoll kien inħatar George Spenale bħala President tal-Parlament Ewropew.

Wieħed josserva li d-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu minn dan il-Kunsill Ewropew, kienu għamluha possibbli għall-Gvern Ingliż li jirrakkomanda biex ir-Renju Unit ikompli bis-sħubija tiegħu fil-Komunitajiet Ewropej.

**Dan ifisser li l-Gvern Ingli kien qiegħed jaħseb bis-serjeta' u kien deċiż li jekk it-talbiet li kien għamel ma jintlaqgħux jew ma jintlaħaqx qbil fuqhom, huwa kien bi ħsiebu li joħroġ lir-Renju Unit mill-Komunitajiet Ewropej.**

Kieku sar dan il-pass, konna nkunu nistgħu naraw x'kien jiġri u kif il-Komunitajiet u l-Istati Membri l-oħra kien ikollhom jaċċettaw id-deċiżjoni tal-Gvern Ingliż għaliex minkejja li ma hemm ebda klawsola fit-Trattati li Stat Membru jista' jitlaq la darba jsir membru, min-naħa l-oħra, ma hemm ebda klawsola li tgħid li dan ma jistax jitlaq.

Hawn min ifettaq u jgħid li wieħed irid jiftakar mhux biss bil-konsegwenzi meta l-ekonomija tal-pajjiż tkun marbuta ħaġa waħda ma' dik ta' l-Unjoni Ewropea, imma anki f'dak li qal Romano Prodi meta kien hawn Malta, li s-sħubija fl-Unjoni Ewropea hija bħaż-żwieġ.

Jgħidu wkoll bħal Romano Prodi, li la darba tidħol tkun dħalt għal dejjem u li dan juri li l-Unjoni Ewropea ma taċċettax li Stat Membru jitlaq la darba jkun sar membru tagħha.

Jgħidu wkoll li barra minn hekk, jekk wieħed jitkellem dwar Stat Membru li jaqbad u jitlaq minn membru jgħidu x'jgħidu l-Komunita' u l-Istati Membri l-oħra, fil-każ tar-Renju Unit wieħed ikun qiegħed jitkellem dwar pajjiż kbir, żviluppat, industrijalizzat, b'saħħtu u b'riżorsi kbar ta' żejt u gass naturali fil-baħar tat-Tramuntana.

Jgħidu wkoll li dwar Malta, wieħed ikun qiegħed jitkellem fuq pajjiż żgħir, fqir, dgħajjef, fallut u bla riżorsi.

Tagħtux kas ta' dawn il-Ġeremija u mixtrija tal-barrani.

Araw kemm sofrejna taħt ħakkiema kolonjali barranin.

Ftakru li meta ħadna l-**indipendenza u l-ħelsien** sħiħ tagħna morna 'l quddiem daqs qatt qabel.

Ftakru wkoll li l-ebda pajjiż jew organizzazzjoni ma tista' żżomm pajjiż ieħor taħt il-ħakma kolonjali tagħha kif tagħmel l-Unjoni Ewropea.

Kull pajjiż għandu dritt li jitlaq minn taħt kull forma ta' kolonjaliżmu.

Ftakru li jekk il-popli Malti jagħmel żball u jaċċetta dak li jriduh jagħmel l-**Unjoni Ewropea** u t-tradituri **GUDIET** Maltin xorta waħda jkun jista' jitlaq jekk jara li l-affarijiet m'humiex dawk li ġew ippreżentati lilu.

Fakkruhom li lil Prodi jgħidulu li anki fl-Italja għandhom id-divorzju bħal ma hemm fil-pajjjiżi kollha ta' l-Unjoni Ewropea, barra l-annullamenti.

**Fond Ewropew u Kumitat Għall-Politika Reġjonali**

Fit-18 ta' Marzu, il-Kunsill kien waqqaf il-Fond Ewropew għall-Iżvilpp Reġjonali[59] u Kumitat għall-Politika Reġjonali[60]. Il-Kunsill addotta dik magħrufa bħala l-unita' ta' akkont[61] imsejjsa fuq basket ta' muniti ta' l-Istati Membri.

Din kienet bħal munita li l-valur tagħha kien jiddependi fuq il-basket tal-muniti ta' l-Istati Membri li kull operazzjoni bankarja taħt il-Konvenzjoni ta' Lome' u l-Bank ta' Investiment Ewropew riedu jsiru. Aktar tard, kienet iddaħħlet ukoll f'oqsma oħra ta' attivitajiet tal-Komunita'.

Fl-istess jum, jiġifieri fit-18 ta' Novembru, Harold Wilson, li kien il-Prim Ministru Laburista Ingliż, kien qal fil-House of Commons li minħabba li kien intlaħaq ftehim dwar it-talbiet tiegħu mill-Komunita', il-Gvern Ingliż kien se jirrakkomanda lill-poplu Ingliż biex jivvota iva fir-referendum li kien se jagħmel biex ikompli bis-sħubija fil-Komunita'.

**Hawnhekk wieħed jara kemm il-Gvern Ingliż kien determinat li jitlaq mill-Komunita' Ewropea jekk ma jintlaqgħux it-talbiet tiegħu, tant li kien anki ħejja referendum biex jirrakkomanda lill-poplu Ingliż ħalli jivvota biex ir-Renju Unit jitlaq u ma jibqax imsieħeb fil-Komunitajiet Ewropej.**

Aktar tard, fis-27 tax-xahar, il-Gvern Ingliż kien ħareġ Karta[62] dwar ir-riżultati tan-negozjati.

X'differenza mill-Gvern Nazzjonalista li mhux biss qiegħed jilgħaq lill-Unjoni Ewropea u jagħmel dak kollu li qed tordnalu minkejja li jaf li qiegħed ifarrak lill-pajjiż, l-industrija u s-setturi kollha, u lill-poplu Malti u Għawdxi kollu, imma lest biex, kif qal il-Ministru Joe Borg, imorru għarkubtejhom ġewwa Brussell basta jiddaħħlu fl-Unjoni Ewropea.

Fid-9 ta' April, kienet saret votazzjoni fil-House of Commons dwar il-ftehim u dwar jekk iridux li r-Renju Unit jibqa membru fil-Komunitajiet Ewropej, fejn ir-riżultat kien li 369 ivvutaw favur, u 170 kienu vvutaw kontra.

---

[59] European Regional Development Fund
[60] Regional Policy Committee
[61] Unit of account
[62] White Paper on the outcome of negotiations

Fil-5 ta' Ġunju kien sar ukoll referendum fejn 67.2 fil-mija kienu vvutaw favur li r-Renju Unit jibqa' membru.

Li kellu jerġa' jsir referendum illum, il-maġġoranza tkun biex jitilqu mis-sħubija fl-Unjoni Ewropea, mhux biex jibqgħu, imma l-Gvern Ingliż ma jridx jissogra referendum bħal dan.

## Aktar Passi Għall-Influwenza Ewropea

Fl-20 ta' Novembru, kienet twaqqaf uffiċjalment l-Istitut Ewropew ġewwa l-Universita' ta' Firenze bl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Għoli, flimkien mal-ħatra tal-Prinċipal tiegħu.

Wieħed jara li l-Komunitajiet Ewropej kienu qed jimxu fuq il-passi tal-federalisti internazzjonali biex jinfluwenzaw kollox favur Stat Federali Ewropew, għaliex raw li kien hemm xettiċiżmu miċ-ċittadini, speċjalment ċittadini kbar kontra dak li kienu qed jagħmlu.

Allura rraġunaw li kellhom jinfluwenzaw liż-żgħażagħ, mhux biss għax iż-żgħażagħ ikunu għadhom żgħar u bla esperjenza tal-ħajja, imma anki għaliex kif kien qal l-għaref Platun[63], li t-tfal tista' tagħġinhom kif trid, f'dan il-każ ikunu ż-żgħażagħ minħabba n-nuqqas ta' esperjenza li jaqgħu taħt l-influwenza ta' min irid jinfluwenzahom.

## Aktar Oqsma f'Idejn il-Komunita'

Hija ħaġa naturali li fil-passi biex jitkabbar is-suq u biex jitwaqqaf suq wieħed bejn l-Istati Membri kollha, kienu bdew iwasslu għal xi abbużi.

Mhux biss, imma jekk ma jkollokx l-informazzjoni u nformazzjoni tajba u mhux qarrieqa, il-konsumaturi ma jkunux jafu dwar il-prodotti.

Għaldaqstant, fl-14 ta' April, il-Kunsill kien addotta programm preliminari għall-protezzjoni tal-komsumatur u l-politika ta' informazzjoni.

Dan kien ifisser li l-kontroll ta' aktar oqsma kien għadda f'idejn il-Komunitajiet mingħand l-Istati Membri, li issa riedu japplikaw u jinfurzaw il-liġijiet u regolamenti kollha li kienu joħorġu l-istituzzjonijiet tal-Komunita' f'dawn l-oqsma fuq iċ-ċittadini u l-produtturi tagħhom.

Il-fatt li trid tittieħed kunsiderazzjoni tiegħu mhux li l-konsumaturi jiġu protetti mill-abbużi u li jingħataw l-informazzjoni kollha u tajba dwar il-prodotti, li minnu nnifsu huwa tajjeb u hekk għandu jkun, imma li minflok ma dawk il-liġijiet biex dan isir saru mill-Istati Membri, kollox kien għadda f'idejn l-istituzzjonijiet tal-Komunita' u l-Istati Membri kienu sempliċiment jobdu, jimplimentaw u jinfurzaw dak li kienu jiddeċiedu l-istituzzjonijiet tal-Komuntia', issa l-Unjoni Ewropa.

---

[63] Plato

**Protokoll Addizzjonali mal-Greċja**

Fit-28 ta' April naraw ukoll żviluppi oħra meta kienu ġew iffirmati Protokoll Addizzjonali[64] li tawwal l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni[65] bejn il-KEE u l-Greċja, kif ukoll Ftehim temporanju[66] fuq l-implimentazzjoni minn qabel[67] tal-provvedimenti tal-kummerċ[68] tal-Protokoll Addizzjonali. Dan il-Protokoll u l-ftehim kienu ġew iffirmati ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Fid-9 ta' Mejju kienet saret tifkira tad-Dikjarazzjoni Schuman, waqt li fil-11 tax-xahar, kien ġie ffirmat ftehim ġdid bejn il-Komunita' u l-Israel. Dan il-ftehim kien minflok dak li kien sar fl-1970, u kien fih klawsoli ta' kooperazzjoni flimkien ma provvedmenti dwar il-Kummerċ. Il-ftehim kien ġie ffirmat ġewwa Brussell, fil-Belġju. Jistgħu jsiru ftehim ma pajjiżi oħra jew le?

**L-Applikazzjoni tal-Greċja**

Fit-12 ta Ġunju, il-Greċja kienet applikat formalment biex tissieħeb fil-Komunitajiet Ewropej. Wieħed irid iqis l-appllikazzjoni tal-Greċja mhux sempliċiment bħala pajjiż li kien qiegħed japplika, imma jrid jara x'raġunijiet kien hemm warajha.

Ftit tas-snin qabel, fil-Greċja kien hemm dittatorjat faxxista magħruf bħala r-Reġim tal-Kulunelli, wara li aktar qabel kienu għamlu kolp ta' Stat fejn kienu neħħew il-Gvern imtella mill-poplu Griek.

Ir-Reġim tal-Kulunelli kien mexxa lill-Greċja b'id tal-ħadid u b'dittatura ħarxa sakemm reġa' kien hemm Gvern ċivili.

Wieħed irid iqis ukoll li minkejja lil-Greċja kienet membru fin-NATO, il-pajjiżi tan-NATO ma kinux refgħu subgħa wieħed biex itemmu dan ir-reġim, għaliex l-interess tagħhom ma kienx il-poplu Griek, imma li huma jkollhom min ikun lest li jaqdi l-interessi tagħhom jekk tinqala l-ħtieġa.

Għaldaqstant, il-poplu Griek kien qiegħed iħares lejn is-sħubija bħala mezz biex il-forzi armati Grieki jiġu kkontrollati u ma jerġgħux jagħmlu xi kolp ta' Stat ieħor, fejn il-poplu Griek ikollu jerġa' jgħaddi minn martirju ta' snin twal taħt xi reġim faxxista ieħor.

**Madankollu, wieħed jibda jitħasseb u jidħlulu dubji serji jekk il-kolp ta' Stat fil-Greċja kienx sar wara xi konġura biex il-poplu Griek jibda jaħseb eżatt kif ħaseb, jiġifieri li wara snin taħt il-ħakma dittatorjali tar-Reġim tal-Kulunelli, jibda jara s-sħubija tiegħu fil-Komunitajiet Ewropej bħala l-mezz li setgħet tiskansah minn xi kolp ta' Stat ieħor.**

Meta wieħed ikun jaf kif isiru l-pjani fuq livell internazzjonali u xi ntriċċi jkun hemm bejn l-Istati u organizzazzjonijiet li jkollhom interess, kif urejt fil-każ tal-Kanal tas-

[64] Additional Protocol
[65] Association Agreement
[66] Interim Agreement
[67] Advance implimentation
[68] Trade provisions

Suez u fil-każ ta' l-Iran fost każi oħra, ma jiskanta xejn li jkunu saru dawn l-affarijiet biex dak il-pajjiż jinġibed fejn ikun jaqbel għall-interessi ta' dawk li jkunu ppjanaw, jew aħjar ikkonġuraw, kemm jekk bis-sewwa kif ukoll bid-dnewwa.

**Għaldaqstant, jagħmlu tajjeb iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li jaħsbu sewwa jekk it-tifrik ta' l-ekonomija Maltija u dak it-tlellix ta' l-Unjoni Ewropea li qiegħed jiġi ppreżentat lilhom illum kienx kollu ippjanat minn qabel biex Malta terġa tinġieb fejn kien jaqbel lill-ħaddieħor u terġa ssir kolonja fortizza militari tal-barrani.**

**Tgħid kien hemm ukoll xi idejn moħbija tal-barrani wara s-sensiela ta' bombi li saru meta kien hemm Gvern Laburista fil-Gvern li kollha spiċċaw hesrem malli tela fil-Gvern il-Partit Nazzjonalista?**

Ħadd m'għandu jiskanta jekk kien hemm, għax il-barrani għal kollox jasal biex jerġa' jikseb il-ħakma tiegħu fuq Malta.

## Il-Kunsill Dinji ta' l-Ikel

Fuq livell internazzjonali, bejn it-23 u s-27 ta Ġunju, il-Komunita' kienet ħadet sehem fl-ewwel sessjoni tal-Kunsill Dinji ta' l-Ikel li kienet saret ġewwa Ruma, fl-Italja, li kien twaqqaf wara li s-sena ta' qabel, jiġifieri fl-1974, kienet saret il-Konferenza Dinjija ta' l-Ikel.

## Vantaġġi

Il-Kunsill jew ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet imlaqqa fil-Kunsill, addottaw numru ta' regolamenti li kienu jħallu lill-Istati Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku li jgawdu mill-provvedimenti ta' kummerċ tal-Konvenzjoni ta' Lome' mill-1 ta' Lulju, qabel ma l-Konvenzjoni tidħol uffiċjalment fis-seħħ.

Dawn il-passi mhux biss juru li kif għedt qabel fejn ikun jaqbel il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tagħmel ftehim ma kulħadd, imma li jekk ikun hemm ir-rieda tajba lanqas toqgħod tistenna li jasal il-jum li fih il-ftehim li tkun għamlet jidħol fis-seħħ, imma tirranġa biex il-frott tiegħu ikun jista' jibda jitgawda anki min qabel.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej kienet għaddiet għand l-Italja, waqt li fil-15 tax-xahar, il-Komunita' kienet iffirmat ftehim ieħor ta' kummerċ mal-Messiku.

Tajjeb li nfakkar li l-Messiku jinsab fin-naħa l-oħra tad-dinja fil-kontinent Amerikan, u ma jinsabx fl-Ewropa jew fil-qrib tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

## Laqgħa tal-Kunsill Ewropew

Bejn is-16 u s-17 ta' Lulju, kienet inżammet laqgħa tal-Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Il-Kunsill Ewropew kien talab lill-Kunsill ta' l-Affarijiet Barranin biex jagħtih rapport sa' l-aħħar tas-sena fuq l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew bil-vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Dan minħabba li sa dak iż-żmien, il-Membri Parlamentari fil-Parlament Ewropew ma kinux jiġi mtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, imma kienu jiġu maħtura mill-Istati Membri.

Fit-22 tax-xahar, kien ġie ffirmat Trattat li kien jagħti poteri wiesha dwar l-estimi lill-Parlament Ewropew u li bih twaqqaf ukoll il-Qorti ta' Awdituri, liema Trattat kellu jidħol fis-seħħ f'Ġunju, 1977, jiġifieri sentejn wara.

## Att Aħħari[69]

Fl-1 ta' Awissu 1975, kien ġie ffirmat l-Att Aħħari tal-Konferenza fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa ġewwa Ħelsinki, fil-Finlandja, minn 35 Stat.

Hawnhekk irrid nerġa' nfakkar kemm il-Gvern Laburista baqa jżomm iebes minkejja l-attakki kontinwi tal-Partit Nazzjonalista u tal-mixtrija tal-barrani, imperjalisti u kolonjalisti, biex il-Mediterran jingħata l-importanza li tistħoqqlu f'dan id-dokument.

Dawk kienu żminijiet fejn Malta uriet lid-dinja li kienet kapaċi żżom iebes kontra dak li riedu pajjiżi ħafna aktar b'saħħithom minnha, u dan setgħet tagħmlu biss minħabba li kellna Gvern Laburista li dejjem ħares l-interessi tal-Maltin u l-Għawdxin qabel l-interessi tal-barrani.

Setgħet tagħmlu wkoll minħabba li kellha s-sovranita' daqs kull Stat ieħor, mhux bħal ma jiġri fl-Unjoni Ewropea fejn is-sovranita' tispiċċa għand l-Istat Federali.

Dawn l-affarjiet kollha jikkuntrastaw bil-kbir ma dak li mhux biss qiegħed jagħmel il-Gvern Nazzjonalista li qiegħed iċedi kollox u qiegħed joqgħod għal kull ma jgħidlu l-barrani minn Brussell, imma jrid iċedi s-sovranita' ta' Malta lill-barrani.

Jekk jiġri hekk, Malta ma tibqax tiddeċiedi kif jaqblilha, imma jkollha toqgħod għal dak kollu li jiddeċiedi l-barrani minn Brussell u tobdi b'għajnejha magħluqa għax ma tkunx iżjed sovrana, imma tkun saret biss kolonja u fortizza militari mill-ġdid tal-barrani.

## Il-Fond Monetarju Internazzjonali

Fit-30 ta' Awissu, il-Bord tal-Gvernaturi tal-Kumitat Temporanju[70] tal-Fond Monetarju Internazzjonali[71] kien iltaqa' ġewwa Washington, fl-Istati Uniti, fejn kien qabel fuq arranġamenti dwar id-deheb.

Fil-15 ta' Settembru, il-Gvernaturi tal-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u Żvilupp[72] żammew il-laqgħa ta' kull sena tagħhom.

Il-Kummissjoni ħadet sehem bħala osservatur, waqt li Colombo, li kien il-President tal-Kunsill, għamel stqarrija f'isem il-Komunita' Ewropea.

---

[69] Final Act
[70] Interim Committee board of Governors
[71] International onetary Fund IMF – Fond Monetarju Internazzjonali FMI
[72] International Bank for Reconstruction and Development IBRD

Wieħed ma jistax ma jurix u jfakkar kif b'dan il-mod, il-Komunita' Ewropea kienet qed tieħu post l-Istati Membri tagħha fil-fora internazzjonali.

Dan kien qiegħed isir mhux biss meta kienet tagħmel xi Ftehim, Trattat jew Konvenzjoni ma' Stati oħra, imma anki meta kienet tmur għal-laqgħat internazzjonali u għal-laqgħat ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali u tieħu sehem flimkien ma' l-Istati Membri tagħha.

Dan kien ifisser li bil-mod il-mod, pass wara l-ieħor, il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kienet qed tieħu s-sovranita' u l-kompetenza f'dak il-qasam partikolari mingħand l-Istati Membri tagħha li minħabba f'hekk kienu jitilfuhom darba għal dejjem.

Fl-istess waqt, il-Komunita' Ewropea kienet qed takkwista rikonoxximent internazzjonali tal-pożizzjoni tagħha, għaliex fil-liġi internazzjonali, jekk Stat ma joġġezzjonax u jibqa' joġġezzjoni[73] għal dak li jkun qed isir minn Stat jew organizzazzjoni, huwa jkun meqjus li qiegħed jaċċetta u jagħti l-qbil tiegħu għal dak li jkun qiegħed isir[74].

Il-mixja tal-Komunita' Ewropea lejn Stat Federali Ewropew imsejjaħ l-Unjoni Ewropea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa kif riedu u kienu ppjanaw il-federalisti internazzjonali hija ċara daqs il-kristall.

**Il-Gvern Laburista Mogħti Raġun**

Il-qwiel Maltin jgħidu li **"Kliem ix-xiħ żomm fih"**, li **"Iż-żmien huwa l-ikbar għalliem"**, kif ukoll li **"Iż-żmien jagħti parir"**.

Dawn il-qwiel kollha wrew is-sewwa tagħhom meta fis-6 ta' Settembru, 1975, il-Komunita' kienet waqqfet ir-relazzjonijiet tagħha maċ-Ċina.

Hawnhekk tajjeb li niftakru, u dawk li ma jiftakrux jistgħu jaqraw il-gazzetti tal-Partit Nazzjonalista u tal-qaddejja imperjalisti u kolonjalisti ta' dak iż-żmien u li għad hawn fostna, kemm ikkritikaw lill-Prim Ministru u lill-Gvern Laburista minħabba li l-Prim Ministru Malti kien l-ewwel Prim Ministru mid-dinja tal-Punent li kien mar fuq żjara uffiċjali fiċ-Ċina fl-1972, u li Malta kienet l-ewwel Stat mid-dinja tal-Punent li kienet bdiet relazzjonijet diplomatiċi maċ-Ċina.

Il-gazzetti tad-dlamijiet ma kienx baqalhom insulti aktar x'jindirizzaw lejn il-Prim Ministru u l-Gvern Laburista.

L-insulti ta' l-aktar livell baxx u moqżież lejn il-poplu ħabib taċ-Ċina li kien għen lil pajjiżna meta kien jinħtieġ, u ta' din l-għajnuna għad hemm u tibqa' xhieda ta dak li baqa' magħruf bħala d-Dokk taċ-Ċiniżi, ma naqsux lanqas.

Kull ma wieħed irid jagħmel biex ikun jaf it-tfixkil u l-insulti li l-gazzetti mixtrija tal-barrani kienu jindirizzaw lejn il-Gvern Laburista u lejn il-popli ħbieb li kien sab

[73] Persistent objector
[74] Tacit approval

jgħinuh fis-siegħa tal-ħtieġa fl-interess taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin u fl-interess ta' Malta huwa li jfittex u jaqra ftit il-gazzetti ta' dak iż-żmien.

Għaldaqstant, bil-ftuħ tar-relazzjonijiet li l-Komunita' għamlet maċ-Ċina, kif jgħidu l-qwiel li semmejt aktar 'il fuq, iż-żmien mhux biss wera li huwa għalliem u ta raġun lill-Partit u l-Gvern Laburista u parir lill-għedewwa mixtrija tal-barrani li għad hawn iħufu madwarna, imma wera wkoll li anki l-ewwel qawl li jgħid li kliem ix-xiħ żomm fih jgħid is-sewwa wkoll.

**Aktar Sehem mill-Komunita'**

Bejn it-13 u s-16 ta' Ottubru, il-Komunita' kienet kompliet fil-passi tagħha biex tidħol minflok l-Istati Membri u tieħu posthom u l-kompetenza tagħhom, meta kienet ħadet sehem fil-laqgħa preparatorja tal-Konferenza fuq il-Kooperazzjoni Ekonomika Internazzjonali li kienet saret ġewwa Pariġi, fi Franza. Il-Konferenza kellha tiftaħ aktar tard fis-16 ta' Diċembru.

**Il-Laqgħa ta' Rambouillet**

Bejn il-15 u s-17 ta' Novembru, kienet saret Laqgħa Għolja ġewwa Rambouillet, fi Franza.

Il-Kapijiet ta' Stat jew Gvernijiet tar-Repubblika Federali Ġermaniża, Franza, l-Italja, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti u l-Ġappun saħqu fuq il-ħtieġa urġenti ta' rkuprar ekonomiku fil-pajjiżi industrijalizzati u wrew ix-xewqa tagħhom li jkabbru l-kooperazzjoni internazzjonali.

Il-fatt li kienet saret din il-laqgħa bejn dawn il-pajjiżi kbar industrijalizzati flimkien mal-Komunita' juru mhux biss id-diffikultajiet li kienet għaddejja minnhom id-dinja kollha minħabba l-kriżi taż-żejt, imma juru wkoll u jkabbru dak li kien irnexxilu jġib u jagħmel il-Gvern Laburista minkejja t-t-tfixkil kollu li sab ma wiċċu.

Hemm differenza kbira li ssib il-mijiet ta' miljuni ta' liri riserva u d-dinja tkun miexja tajjeb bħal ma sab il-Gvern Nazzjonalista fl-1987, għal meta ssib biss dejn fil-kaxxa ta' Malta, tfixkil f'kull ma tkun qed tagħmel għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi minn ħafna kwartieri, waqt li tkun għaddejja kriżi internazzjonali kbira li farrket l-ekonomija ta' pajjiżi kbar li kienu b'saħħithom.

Is-sitwazzjoni internazzjonali tant kienet imwierha, li fit-18 ta' Novembru, kienet saret konferenza tripartita fil-Komunita' fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, li fiha kienu ħadu sehem il-Ministri għall-Ekonomija u l-Affarijiet Soċjali, rappreżentanti tal-ħaddiema u ta' min iħaddem mid-disa' Stati Membri, u l-Kummissjoni.

Din il-konferenza kienet saret ġewwa Brussell, fil-Belġju, fejn wara li r-rappreżentanti kienu raw u tkellmu dwar is-sitwazzjoni kerha li kien hemm fid-dinja, kienu talbu lill-Kummissjoni biex tistudja dak li kienu tkellmu fuqu bir-reqqa u biex tipprepara għall-konferenza li kien imiss.

## Il-Kummissjoni kontra Franza

Fis-26 ta’ Novembru, il-Kummissjoni kienet tellgħet lil Franza quddiem il-Qorti tal-Komunita’, issa ta’ l-Unjoni Ewropea, minħabba li Franza kienet imponiet taxxa fuq l-importazzjoni ta’ nbid Taljani.

Dan kien każ wieħed fost ħafna każi oħra dwar l-inbid li kienu spiċċaw quddiem il-Qorti ta’ l-Unjoni Ewropea fejn l-Istati Membri kienu jiġu kkundannati talli jkunu fixklu xi prodott ta’ xi Stat Membru ieħor li jidħol għandhom bla ebda xkiel.

Hawnhekk naraw kif minkejja li l-Istati Membri kienu jidhru li qed jaqblu flimkien biex jifthu s-swieq tagħhom għall-prodotti ta’ xulxin, kull Stat Membru kien jipprova jfixkel l-importazzjoni ta’ prodotti minn Stati Membri oħra biex jipproteġi l-prodotti u l-industriji tiegħu biex iħares ix-xogħol tal-ħaddiema tiegħu.

Jista’ jingħad l-istess għall-Gvern Nazzjonalista li qiegħed jaċċetta kull ma qed tordnalu l-Unjoni Ewropea minn Brussell minkejja li jaf li b’dak li qiegħed jagħmel se jkompli jfarrak l-industriji, il-biedja, is-sajd, it-tarznari u s-setturi kollha ta’ l-ekonomija Maltija u jeqred ix-xogħol tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin?

## Kunsill Ewropew

Bejn l-1 u t-2 ta’ Diċembru, kien iltaqa l-Kunsill Ewropew ġewwa Ruma fl-Italja. Dan il-Kunsill kien iddeċieda fuq l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew bil-vot taċ-ċittadini ta’ l-Istati Membri[75], fuq l-għaqda tal-passaporti[76], u fuq rappreżentazzjoni waħda tal-Komunita’[77] fid-Djalogu bejn it-Tramuntana u n-Nofs in-Nhar[78].

Dwar l-għaqda tal-passaporti, irid jingħad li l-għan tal-Komunita’ Ewropea kien li l-passaporti taċ-ċittadini ta’ l-Istati Membri kellhom jibdew jinħarġu biex jirrappreżentaw lill-Komunita’.

Fi kliem ieħor, għalkemm jibqgħu jinħarġu mill-Istati Membri, jkunu qishom qed jinħarġu mill-Komunita’ bl-istilel tagħha.

Dan ifisser li l-Komunita’ kienet qed tidħol ukoll fl-għalqa tal-ħruġ tal-passaporti.

Kien ifisser, fl-aħħar mill-aħħar, it-teħid tas-sovranita’ ta’ l-Istati Membri li ma jibqgħux aktar sovrani li joħorġu l-passaporti f’isimhom, imma s-sovranita’ kienet tgħaddi għand il-Komunita’, issa l-Unjoni Ewropea, li f’isimha kienu jibdew jinħarġu l-passaporti.

Jekk imbagħad wieħed jara dak li kien iddeċieda wkoll dan il-Kunsill li jkun hemm biss rappreżentanza waħda li tkun qed tirrappreżenta lill-Komunita’ fid-Djalogu bejn it-Tramuntana u n-Nofs in-Nhar, malajr jinduna li dan ma kien xejn ħlief pass ieħor aktar qawwi u sod biex il-Komunita’ Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, tkompli tieħu post l-Istati Membri tagħha fil-fora internazzjonali.

---

[75] Universal suffrage
[76] Passport union
[77] Single Community representation
[78] North-South Dialogue

Meta wieħed iqis dawn il-passi, kien jidher ċar li l-Komunita' kompliet miexja fit-triq tagħha biex issir Stat Federali Ewropew li jieħu post l-Istati Membri tiegħu f'kull qasam, u fejn l-Istati Membri jispiċċaw bla sovranita' u jkollhom joqgħodu għal kull ma jkunu ddeċiedew l-istituzzjonijiet federali.

Dan ikompli jiġi kkonfermat minħabba li fil-15 ta' Diċembru, jiġifieri ħmistax wara, kienet ġiet iffirmata l-Konvenzjoni Ewropea għal-Suq Komuni fil-Privattivi[79], liema Konvenzjoni hija tal-Komunita'. Għaldaqstant, il-Komunita kienet daħlet ukoll fuq kif tirregola l-Privattivi, jew kif jafuhom aktar xi wħud bħala Patents.

## Il-Każ Dwar iz-Zokkor

Dan il-każ kien dwar ftehim li kienu għamlu l-impurtaturi taz-zokkkor li ġie meqjuż mill-Kummissjoni bħala dik li tissejjaħ prattika kunċertata[80], jiġifieri li jkunu ftehemu flimkien biex jagħmlu xi ħaġa biex f'dan il-każ partikolari jikkontrollaw iz-zokkor[81].

Dan kien każ li s-sentenza hija twila ħafna u kien każ minn ħafna dwar zokkor u kien dwar multi li l-Kummissjoni kienet waħħlet lill-kumpaniji taz-zokkor minħabba dak li qieset li huma kienu ħatja ta' prattika kunċertata, jiġifieri li l-kumpaniji kienu ftehemu bejniethom biex iżommu l-prezz taz-zokkor skond kif ikunu ftehemu. F'dan il-każ, il-Qorti kienet naqqset xi ftit il-multi minħabba li kienet qieset li kienu ħorox ħafna.

Barra dan kien hemm hafna każi oħra dwar iz-zokkor li kienu spiċċaw ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, bħal ma wara kollox kien hemm fuq kull qasam u suġġett li wieħed jista' jaħseb fuqu.

## Konferenza Ministerjali

Bejn is-16 u d-19 ta' Diċembru, kienet iltaqgħet il-Konferenza Ministerjali fuq il-Kooperazzjoni Ekonomika Internazzjonali ġewwa Pariġi, fi Franza.

Fl-egħluq tagħha, is-seba' u għoxrin membru li kienu s-seba' pajjiżi industrijalizzati, il-Komunita', u dsatax il-pajjiż għadhom qed jiżviluppaw waqqfu erba Kummissjonijiet fuq l-enerġija[82], il-materja prima[83], l-iżvilupp[84] u l-finanzi[85].

Jekk wieħed iħares lejn il-Kummissjonijiet li kienu twaqqfu jinduna kif il-kriżi taż-żejt kienet tefgħet lill-pajjiżi kollha f'riċessjoni u f'baħar ta' nkwiet. Il-Kummissjoni dwar l-enerġija tirrifletti l-għoli u n-nuqqas taż-żejt fis-suq dinji li affettwa l-iżvilupp u l-finanzi, waqt li l-materja prima wkoll bdiet tiġi għola minħabba li l-prezzijiet tat-trasport u tal-produzzjoni tagħha għolew kawża ta' l-għoli tal-prezz taż-żejt u l-enerġija. Kollox ħolqa waħda ma' l-oħra li kull waħda taffetwa lill-oħrajn kollha.

---

[79] Community Convention on the Ewropean Patent for the Common Market
[80] Concerted practice
[81] Judgment of the Court of 16 December 1975 Coöperatieve Vereniging "Suiker Unie" UA and others v Commission of the European Communities. Joined cases 40 to 48, 50, 54 to 56, 111, 113 and 114-73. European Court reports 1975 Page 01663 Greek special edition 1975 Page 00507 Portuguese special edition 1975 Page 00563 Spanish special edition 1975 Page 00451
[82] Energy
[83] Raw materials
[84] Development
[85] Finance

## Is-Sena 1976

Is-sena 1976 bdiet billi fl-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Lussemburgu.

Fis-7 tax-xahar, Leo Tindemans li kien il-Prim Ministru tal-Belġju u li kif rajna aktar qabel kien ġie mqabbad biex jagħmel rapport fuq l-Unjoni Ewropea mill-Kapijiet tal-Gvernijiet, kien ippubblika r-rapport tiegħu.

Bejn is-7 u t-8 ta' Jannar, il-Kumitat temporanju[86] tal-Fond Monetarju Internazzjonali kien iltaqa' ġewwa Kingston, fil-Ġamajka, b'konnessjoni mar-riforma tas-Sistema Monetarja Internazzjonali, fejn kien intlaħaq qbil dwar il-kwoti, l-istatus tad-deheb, fuq is-sistema tal-kambju, u fuq aċċess ikbar għar-riżorsi tal-Fond.

Is-sitwazzjoni mwierha internazzjonali ħalliet l-effetti tagħha fuq ħafna Stati, fuq l-ekonomija tagħhom, u fuq il-munita tagħhom. Tant kienet sitwazzjoni kerha u mwierha, li anki l-Italja kienet intlaqtet sewwa.

Fil-fatt, fil-21 ta' Jannar, l-Italja kienet waqqfet il-kwotazzjoni tal-muniti barranin kontra l-Lira Taljana minħabba li l-valur tal-Lira Taljana kien waqa'. Il-kwotazzjoni tal-muniti barranin kontra l-Lira Taljana reġgħet bdiet issir fl-1 ta' Marzu.

## Aktar Passi għal Stat Federali

Pass ieħor fil-mixja tal-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, lejn Stat Federali u biex il-Komunita' tkompli tidħol minflok l-Istati Membri fil-qasam internazzjonali sar meta bejn it-2 u s-16 ta' Frar, il-Kummissjoni kienet ħadet sehem fil-Konferenza li kienet qed issir ġewwa Barċelona, fi Spanja, fejn kienet qed tiġi abbozzata u ġiet addottata konvenzjoni għall-protezzjoni tal-Mediterran[87].

Biex jipprova jgħin il-Lira Taljana, fl-4 ta' Frar, il-Gvern Taljan kien ħa miżuri biex ikabbar id-depożiti mal-Bank Ċentrali Taljan u biex inaqqas il-perjodu li fih kienu jiġi mibdula muniti barranin li kien ikollhom l-esportaturi Taljani.

Minħabba li l-esportaturi Taljani kien ikollhom inqas żmien biex jibdlu l-muniti barranin li kienu jirċievu għall-esportazzjoni tagħhom, kien ifisser li l-Gvern Taljan kien ikun qiegħed ikabbar ir-riservi tal-muniti barranin tiegħu aktar malajr.

Wara li kif rajna aktar qabel il-Greċja kienet applikat biex tissieħeb fil-Komunita', fid-9 ta' Frar il-Kunsill kien ħareġ favur l-applikazzjoni tal-Greċja.

## Jittawwal il-Ftehim ma' Malta

Fl-4 ta' Marzu, kienu ġew iffirmati żewġ protokolli ma' Malta li permezz tagħhom kien ġie mtawwal il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li kien sar fl-1970, kif ukoll biex jiddaħħlu fil-ftehim l-agrikoltura u l-kooperazzjoni.

---

[86] Interim Committee
[87] Barcelona Convention for the Protection of the Mediterranean sea against Pollution

Dan ifisser li l-Gvern Laburista kien qiegħed isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn Malta u l-Komunita' Ewropea, waqt li fl-istess ħin baqa' ħieles li jieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha li jkunu fl-interess ta' Malta.

## Tkompli s-Sitwazzjoni Mwierha Internazzjonali

Is-sitwazzjoni mwierha internazzjonali wasslet biex fil-15 ta' Marzu, il-Kunsill kien għamel eżami tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Komunita' msejsa fuq żewġ karti maħruġa mill-Kummissjoni, jiġifieri rendikont qasir tal-politika ekonomika li kienu mxew biha fl-1975, u Komunikazzjoni fuq l-aġġustament tal-linji ta' gwida ekonomiċi ta' l-1976.

Bejn is-17 u t-18 ta Marzu, il-Gvern Taljan kien ħa miżuri oħra biex jipprova jwaqqaf it-triq tan-niżla li kienet qabdet il-Lira Taljana u biex itejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja.

Hawnhekk tajjeb li wieħed ifakkar li dawn il-passi setgħu jittieħdu biss dak iż-żmiem minħabba li l-Italja kien għad kellha l-munita tagħha.

Illum dan ma jistax isir għaliex issa l-Istati Membri barra tlieta għandhom il-munita ewro ta' l-Unjoni Ewropea u neħħew il-munita nazzjonali tagħhom.

Għaldaqstant, kull Stat Membru barra dawk it-tlieta jkollu jaċċetta biss dak li jkun iddeċieda l-Bank Ċentrali Ewropew li jinsab ġewwa Frankfurt, fil-Ġermanja, dwar l-ewro, għalkemm it-tlieta l-oħra jkollhom jaċċettaw ukoll ċerti miżuri dwar il-muniti tagħhom.

Madankollu, anki dak iż-żmien diġa' kien meħtieġ li l-Italja titlob ċerti permessi mingħand il-Kummissjoni qabel hija tkun tista' tieħu xi passi minħabba l-valur tal-Lira Taljana kif se naraw aktar 'il quddiem.

## Aktar Żviluppi

Fl-1 ta' April, il-Konvenzjoni KEE-AKP li kienet ġiet iffirmata ġewwa Lome' fit-28 ta' Frar 1975, kienet daħlet fis-seħħ.

Bejn l-1 u t-2 ta' April, kien iltaqa' l-Kunsill Ewropew ġewwa l-Lussemburgu, fejn il-Kapijiet ta' Gvern kienu bidlu l-ewwel veduti tagħhom fuq ir-Rapport li kien ippreżenta Leo Tindemans fuq l-Unjoni Ewropea fis-7 ta' Jannar.

Fis-6 tax-xahar, il-Kummissjoni ppreżentat l-offerta' ta' konċessjonijiet tagħha dwar prodotti tropikali lill-pajjiżi li kienu qed jiżviluppaw waqt in-negozjati multilaterali tal-Ftehim íenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ[88].

## Il-Każ Defrenne

Il-każ Defrenne[89] dwar Gabrielle Defrenne li kienet taħdem bħala Air Hostess mal-linja ta' l-ajru Sabena. Hija ma kinitx titħallas daqs l-irġiel li jagħmlu l-istess xogħol, u fetħet kawża kontra l-linja ta' l-ajru fuq sisien ta' diskriminazzjoni sesswali.

---

[88] GATT Tokyo Round

Minħabba li qalet li dan kien dritt mogħti mil-liġi tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, il-Qorti tax-Xoghol ta' Brussell bagħtet il-każ quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari.

Il-Qorti tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, qalet li l-prinċipju tal-ħlas indaqs bejn l-irġiel u n-nisa kien japplika direttament u ma kienx hemm ħtieġa li l-Istati Membri jkunu daħħluh qabel fil-liġijiet tagħhom. Dan kien japplika kemm jekk l-impjegat ikun jaħdem mal-Gvern u kemm mal-privat.

Il-Qorti qalet li l-prinċipju li n-nisa u l-irġiel jitħallsu l-istess għall-istess xogħol kellu jiddaħħal sat-tmiem ta' l-ewwel stadju tal-perjodu transizzjonali, jiġifieri sa' l-1 ta' Jannar 1962.

Hawnhekk ukoll naraw kemm minkejja li ħafna Stati jgħidu kemm iħobbu l-ħaddiema u suppost ikunu mmexxijin minn Gvernijiet Insara, l-Irlanda kienet talbet lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex hija ma tapplikax dak li kien ġie deċiż fil-każ Defrenne.

Fi kliem ieħor, ma riditx li tħallas lin-nisa daqs kemm kienu jitħallsu l-irġiel.

Madankollu, fl-14 ta' April, il-Kummissjoni ma kinitx laqgħet it-talba tagħha u għalhekk l-Irlanda kellha tapplika wkoll il-prinċipju li n-nisa jitħallsu daqs l-irġiel għall-istess xogħol.

Hawn Malta, il-Gvern Nazzjonalista kien ilu fil-poter mis-sena 1962, u minkejja li kien jaf dwar li fil-Komunita' kien hemm li l-ħlas kellu jkun l-istess għall-istess xogħol kemm għan-nisa u kemm għall-irġiel, u jekk wiehed iħalli barra bejn l-1962 u l-1964 sakemm ħadna l-indipendenza, lanqas wara l-indipendenza fejn għamel 7 snin fil-Gvern ma kien ta lin-nisa paga daqs l-irġiel.

Ara hawn Malta, in-nisa la kellhom bżonn imorru quddiem il-Qorti u lanqas kellhom jistennew lill-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, biex tordna li jitħallsu daqs l-irġiel, għax il-Gvern Laburista kien neħħa din l-inġustizzja li kienet tħalliet mill-Gvern Nazzjonalista minkejja li kien għamel dawk is-snin kollha fil-Gvern.

## Aktar Ftehim

Tliet ftehim oħra ta' kooperazzjoni kienu ġew iffirmati bejn il-25 u s-27 ta' April mat-tliet pajjiżi tal-Magreb, jiġifieri l-Alġerija, il-Marokk u t-Tuneżija. Dawn kienu tliet ftehim oħra fil-kullana ta' ftehim iffirmati mill-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, ma' pajjiżi li ma kinux u li qatt ma setgħu jsiru membri tagħha.

## Permess mill-Kummissjoni

Fil-5 ta' Mejju, il-Kummissjoni kienet ħalliet lill-Italja biex tieħu miżuri ħalli tipproteġi l-Lira Taljana, awtorizzata li tkun tinħtieġ depożitu ta' tliet xhur bla

[89] Judgment of the Court of 8 April 1976. Gabrielle Defrenne v Société anonyme belge de navigation aérienne Sabena. Reference for a preliminary ruling: Cour du travail de Bruxelles - Belgium. The principle that men and women should receive equal pay for equal work. Case 43-75. European Court reports 1976 Page 00455

interessi[90] ma' Bank Taljan għax-xiri ta' munita barranija u d-depożitu tal-Lira Taljana f'kontijiet barranin.

Innutaw kif il-Gvern Taljan, gvern ta' Stat suppost Sovran, kellu jitlob permess mingħand l-Kummissjoni tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, istituzzjoni tal-Komunita' mhix imtella miċ-ċittadini Taljani u lanqas miċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, biex ikun jista' jieħu miżuri biex jipproteġi l-munita' tiegħu.

Dawn il-passi meħuda mill-Gvern Taljan ma kinux biżżejjed biex iżommu r-rankatura l-isfel tal-Lira Taljana, tant li fil-11 tax-xahar, il-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali fuq talba tal-Gvern Taljan, kienu qablu li jagħtu lill-Italja għajnuna monetarja għal żmien qasir[91].

Minn dawn l-affarijiet naraw kemm l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea jitilfu s-sovranita' tagħhom, meta waqt li kien għad hemm il-Komunita' minflok l-Unjoni Ewropea, meta l-istituzzjonijiet tal-Komunita' kien għad għandhom inqas saħħa milli għandhom illum, u meta kien għad hemm il-muniti nazzjonali minflok l-ewro, l-Istati Membri kellhom jitolbu permess mingħand il-Kummissjoni qabel ikunu jistgħu jieħdu passi biex jiddefendu l-munita tagħhom.

Illum dan ma jistax isir, kemm għaliex l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ħafna aktar saħħa milli kellhom dak iż-żmien, kif ukoll għaliex kif għedt, issa neħħew il-munita tagħhom u daħħlu l-munita ewro li hija kkontrollata mill-Bank Ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Ġermanja.

Qed taraw kif tilfu s-sovranita' tagħhom l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea meta issa lanqas il-munita nazzjonali tagħhom ma baqalhom imma għandhom il-munita ta' l-Istat Federali Ewropew, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea?

**<u>Fondazzjoni Ewropea</u>**

Bejn is-6 u s-7 ta' Mejju, il-Bord Amministrattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet ta' l-Għixien u x-Xogħol kien żamm l-ewwel laqgħa tiegħu ġewwa Dublin, fl-Irlanda.

Il-fatt biss li nħasset il-ħtieġa li tinħoloq din il-fondazzjoni juri kemm minkejja li l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tiġi ppreżentata bħala xi ħaġa li hija fuq quddiem biex tħares l-interessi tal-klassi tal-ħaddiema mhux minnu, għaliex kienu ma kienx ikun hemm ħtieġa li tinħoloq din il-fondazzjoni biex ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' l-għixien u tax-xogħol.

Wieħed jara wkoll kemm il-kundizzjonijiet ta' l-għixien u tax-xogħol kienu mhedda, għaliex mhux biss kienet inħolqot il-Federazzjoni tat-Trade Unions Ewropej kif rajna qabel, imma jfisser ukoll li l-Federazzjoni tat-Trade Unions Ewropej ma kinitx biżżejjed biex tħares l-għixien u x-xogħol tal-ħaddiema Ewropej u kellha tinħoloq ukoll din il-fondazzjoni.

[90] Three-month non-interest-bearing cash deposit
[91] Short-term monetary support

Din hija l-Ġenn(a) ta' l-Art ta' l-Unjoni Ewropea li jridu jdaħħlu lill-Malta u liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin fiha il-**GUDIET** mixtrija tal-barrani.

## Il-Qasam Internazzjonali

Fil-qasam internazzjonali, fil-31 ta' Mejju kienet spiċċat ir-raba sessjoni tal-Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq il-Kummerċ u l-Iżvilupp.

Il-Konferenza kienet iddeċiediet li kellu jiġi addottat program integrat[92] li kellu jipprovdi għal studju u l-innegozjar ta' ftehim individwali ta' kommoditajiet[93] u fond komuni biex jikkoordina l-iffinanzjar ta' riservi[94].

Kellu jsir ukoll kodiċi ta' kondotta għat-trasferiment tat-teknoloġija, u l-Konvenzjoni ta' Pariġi fuq il-proprjeta' industrijali kellha tiġi modifikata biex tirrispetta l-interessi tal-pajjiżi li kienu qed jiżviluppaw, kif ukoll linji ta' gwida kellhom isiru qabel l-aħħar tas-sena 1976, għall-ftehim każ b'każ tad-dejn tal-pajjiżi li kienu qed jiżviluppaw.

Hawnhekk nerġa' nfakkar kemm kienu kbar il-kisbiet li kienu għamlu l-ħaddiema u kemm kien mexxa bil-għaqal il-Gvern Laburista dak iż-żmien, meta waqt din il-kriżi kbira internazzjonali li kienet ħarbtet pajjiżi kbar żviluppati u b'saħħithom, mhux biss kien irnexxilu li jnaqqas l-impatt ta' din il-kriżi fuq Malta u fuq il-ħaddiema Maltin u Għawdxin, imma anki kien kattar il-ġid ta' Malta u taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha.

## Ftehim mal-Pakistan

Fl-1 ta' Ġunju, kien ġie ffirmat ftehim ieħor ta' kooperazzjoni fuq il-kummerċ mal-Pakistan, pajjiż ieħor in-naħa l-oħra tad-dinja.

La semmejna l-Pakistan, tajjeb li nfakkar ukoll li bl-għajnuna tal-Pakistan, il-Gvern Laburista kien waqqaf il-linja nazzjonali ta' l-ajru, illum l-Air Malta, kif ukoll kienu tħarrġu l-ewwel Piloti u ekwipaġġi ta' l-Ajruplani Maltin.

Illum, il-Gvern Nazzjonalista mhux biss se jbiegħ il-linja ta' l-ajru Air Malta li b'sagrifiċċji kbar ġiet mibnija mix-xejn bil-ħila tal-Maltin u tal-Gvern Laburista, mhux biss daħħal persuna barranija li kien imexxi l-linja nazzjonali ta' l-ajru Svizzera meta din falliet u li se jitħallas madwar miljun lira fuq ħames snin biex imexxi l-Air Malta, imma bil-ftehim li qiegħed jagħmel ma' l-Unjoni Ewropea, il-ħaddiema kollha ta' l-Air Malta kif ukoll il-ħaddiema Maltin u Għawdxin kollha se titneħħilhom il-protezzjoni li gawdew s'issa minn ħaddiema barranin.

Dan għaliex jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, kull ħaddiem minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea jkollu dritt li jiġi jfittex ix-xogħol u jaħdem hawn Malta f'kull kwalita' ta' xogħol, jikkompeti mal-ħaddiema Maltin, u jieħu xogħol il-ħaddiema Maltin u Għawdxin f'darna stess.

---

92 Integrated programme
93 Individual commodity agreements
94 Buffer stocks

Issa huma ħaddiema Maltin u Għawdxin li jridu jiddeċiedu jekk iridux jiġu f'din is-sitwazzjoni billi jsieħbu lil-Malta fl-Unjoni Ewropea.

**Il-Kummissjoni Iċċensurata**

Fis-16 ta' Ġunju, għall-ewwel darba fl-istorja tal-Komunita', il-Parlament iddiskuta u vvota fuq mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni li kienet ġiet poġġuta quddiemu fit-13 ta' Mejju, dwar il-mod fuq kif il-Parlament kien qiegħed jiġi kkonsultat fuq materja speċifika.

Għalkemm kien ittieħed vot fuqha, is-saħħa tal-Kummissjoni kienet kbira, u l-mozzjoni m'għaddietx b'109 vot kontra, 18 favur u 4 astensjonijiet.

Jidher li fi Brussell taħdem tajjeb is-sistema ta' ħokkli dahri ħalli nħokklok dahrek.

Minkejja li din il-mozzjoni ma kinitx għaddiet, il-fatt li tressqet quddiem il-Parlament turi kemm il-Kummissjoni ma kinitx qed tikkonsulta mal-Parlament kif suppost, li jfisser u juri l-mod arroganti li bih kienet, u għadha, qiegħda titmexxa.

**Konferenza Tripartita**

Is-sitwazzjoni internazzjonali kienet għadha qed toħloq inkwiet għall-Komunita', speċjalment meta wieħed iqis li l-Komunita', u issa l-Unjoni Ewropea, minn dejjem kellha problema kbira ta' nuqqas ta' xogħol kaġun tal-politika ħażina tagħha ta' kapitaliżmu sfrenat.

Fis-sistema kapitalista, il-ħaddiema huma meqjusa biss bħala biċċa għodda li jintużaw biss meta jkollu ħtieġa tagħhom il-kapitalist, u jintbagħtu 'l barra meta l-kapitalist tispiċċalu l-ħtieġa tagħhom.

L-ewwel jagħsrek imbagħd jarmik bħal-lumija magħsura, l-istess kif kien jiġri f'Malta meta kienet kolonja tal-barrani fejn il-ħaddiema kienu jintużaw u jintremew skond il-ħtieġa li jkollu l-kolonizzatur.

Huwa fatt ukoll li n-nuqqas ta' xogħol ma jkunx l-unika problema, għaliex in-nuqqas ta' xogħol stess iwassal għal problemi oħra fil-ħajja soċjali ta' dawk li jkunu bla xogħol, kif ukoll problemi fuq l-Istat minħabba li jkollu joħroġ l-għajnuna lil dawk il-ħaddiema bla xogħol u lil familji tagħhom bla ma jkun qed idaħħal xejn minn fuq il-produzzjoni.

Barra minn hekk, ikompli jonqos id-dħul ta' l-Istat mit-taxxi għaliex il-ħaddiema u l-familji tagħhom ma jkollhomx dħul barra l-għajnuna li jkunu qed jingħataw għax ma jkunux qed jaħdmu.

Minħabba dawn il-problemi, fl-24 ta' Ġunju kienet saret Konferenza tripartita ġewwa l-Lussemburgu fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, fejn kienu attendew il-Kummissjoni u ż-żewġ naħat ta' l-industrija ta' l-Istati Membri, jiġifieri r-rappreżentanti tal-ħaddiema u ta' min iħaddem

## Ftehim mal-Kanada

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand l-Olanda.

Fis-6 tax-xahar, kien ġie ffirmat ftehim[95] ieħor fuq kooperazzjoni bejn il-KEE u l-Kanada, liema ftehim kien ġie ffirmat ġewwa Ottawa, fil-Kanada, u li kien ftehim ieħor fil-kullana ta' ftehim li l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, minn dejjem iffirmaw ma Stati oħra.

## Kunsill Ewropew

Kunsill Ewropw ieħor kien iltaqa' gewwa Brussell, fil-Belġju, bejn it-12 u t-13 ta' Lulju.

Il-Kunsill qabel fuq in-numru u fuq kif għandhom jitqassma s-siġġijiet tal-Parlament Ewropew li l-Membri Parlamentari tiegħu kellhom jibdew jiġu eletti bil-voti taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri mill-1979. Il-Kunsill kien immarka wkoll lil Roy Jenkins bħala l-President li kien imiss tal-Kummissjoni.

## Il-Każ Kramer

Dan il-każ[96] kien dwar akkużi kriminali li kienu ttieħdu kontra Kramer u sajjieda oħra Olandiżi fejn kienu ġew akkużati li kisru regolamenti Olandiżi dwar il-konservazzjoni tal-ħut li kienu ttieħdu minħabba li l-Olanda kienet iffirmat il-Konvenzjoni tas-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku fl-24 ta' Jannar 1959.

Il-Gvern Daniż, Ingliż, Taljan, Olandiż, il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Komunita' kienu daħlu u għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom ukoll minħabba l-importanza tal-każ.

Fil-fatt, dawn kienu tliet każijiet[97] li kienu ġew magħquda flimkien biex ikun hemm deċiżjoni waħda minħabba li kienu fuq l-istess affarijiet. Dawn għandhom in-numri C3/76, 4/76 u 6/76, u ġew deċiżi mill-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea fl-14 ta' Lulju 1976.

Dawn huma każijiet interessanti u nidħol fihom ftit fit-tul għaliex permezz tagħhom naraw kif il-Qorti kompliet tinterpreta t-Trattat biex il-Komunita' tieħu aktar drittijiet mingħand l-Istati Membri fil-mixja tagħha lejn it-twaqqif ta' Stat Federali.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li,

---

[95] Framework agreement

[96] Judgment of the Court of 14 July 1976. Cornelis Kramer and others. References for a preliminary ruling: Arrondissementsrechtbank Zwolle et Arrondissementsrechtbank Alkmaar - Netherlands. Biological resources of the sea. Joined cases 3, 4 and 6-76. European Court reports 1976 Page 01279

[97] Joined Cases 3/76, 4/76 AND 6/76 Reference to the Court under Article 177 of the Treaty by the Arrondissementsrechtsbanken (District Courts) of Zwolle (Cases 3/76 and 4/76) and Alkmaar (Case 6/76) respectively for a preliminary ruling in the criminal proceedings pending before the Courts against Cornelius Kramer (Case 3/76), Hendrik ven den Berg (Case 4/76), Vennootschap Onder Firma (a partnership) Kramer en Bais (Case 6/76)

**"Artiklu 210 tat-Trattat EEC jfisser li fir-relazzjonijiet barranin tagħha il-Komunita' tgawdi l-kapaċita' li tidħol f'obbligi internazzjonali fl-oqsma kollha ta' l-oġġettivi definiti fl-ewwel parti tat-Trattat. Din l-awtorita toħroġ mhux biss minn għotja espressament mit-Trattat, imma tista' toħroġ ukoll impliċitament minn provvedimenti oħra tat-Trattat, mill-Att tad-Dħul u minn miżuri addottati fil-qafas ta' dawk il-provvedimenti, mill-istituzzjonjiet tal-Komunita'."**[98]

Ma jistax ikun aktar ċar minn hekk kemm il-Qorti tal-Komunita' kienet qed tipprova li tagħti aktar poter lill-istituzzjonijiet tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, minn dawk li kienu tawhom l-Istati Membri, meta qalet li dawn il-poteri joħorġu anki meta huma, jiġifieri l-istituzzjonijiet stess, ikunu ħadu xi miżuri, bħala eżempju, jkunu għamlu xi regolament.

Dan kien ifisser biss li jekk xi istituzzjoni tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tkun għamlet, bħala eżempju, xi regolament, il-fatt li tkun għamlet dak ir-regolament jagħtiha l-poter li tkun hi biss li tidħol għal obbligazzjonijiet internazzjonali u mhux aktar l-Istati Membri.

Qed taraw kif l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dejjem jieħdu aktar setgħat u drittijiet mingħand l-Istati Membri li mbagħad dawk il-poteri u drittijiet jonqsu u jispiċċaw mingħandhom?

Ħalli nkomplu naraw x'qalet iżjed il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

**"Isegwi mill-istess dmirijiet u poteri li l-liġi tal-Komunita' stabbiliet u assenjat lill-istituzzjonijiet tal-Komunita' fuq il-livell intern li l-Komunita' għandha l-awtorita' li tieħu kull miżuri meħtieġa għall-konservazzjoni ta' l-Istati Membri differenti. L-awtorita' tal-Komunita' li tagħmel ir-regolament ratione materiae[99] testendi wkoll, sa fejn l-Istati Mmebri għandhom awtorita bħala taħt il-liġi internazzjonali pubblika, għas-sajd fl-ibħra internazzjonali."**[100]

Il-Qorti ma setgħetx tkun aktar ċara minn hekk li kienet biss il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha, li kellha dritt tidħol għal obbligazzjonijiet internazzjonali, bħal ma huma negozjati u ffirmar ta' ftehim jew konvenzjonijiet, u qalet li dan kien il-każ fil-qasam tas-sajd.

Ħalli nkomplu naraw kif kompliet tirraġuna l-Qorti.

**"Stati Membri parteċipanti fil-Konvenzjoni tas-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku u fi ftehim oħra bħalhom huma issa mhux biss fid-dmir li ma jidħlux f'obbligi fl-**

[98] "Article 210 of the EEC Treaty means that in its xternal relations the Community enjoys the capacity to enter into international commitments over the whole field of objectives defined in part one of the Treaty. Such authority arises not only from an express conferment by the Treaty, but may equally flow implicitly from other provisions of the Treaty, from the Act of Accession and from measures adopted, within the framework of those provisions, by the Community institutions"
[99] Dwar materja, jiġifieri dwar dik il-materja partikolari
[100] It follows from the very duty and powers which Community law has established and assigned to the institutions of the Community on the internal level that the Community has authority to take any measures for the conservation of the different Member States. The rule-making authority of the Community ratione materiae also extends – in so far as the Member States have similar authority under public international law – to fishing on the high seas."

**istruttura ta' dawk il-konvenzjonijiet li jistgħu jfixklu lill-Komunita' milli tagħmel ix-xogħol fdat lilha mill-Artiklu 102 ta' l-Att tad-Dħul, imma huma fid-dmir li jipproċedu b'azzjoni komuni fil-Kummissjoni[101] tas-sajd. Aktar minn hekk, malli l-istituzzjonijiet tal-Komunita' jkunu bdew proċeduri biex jimplimentaw il-provvedimenti ta' l-imsemmi Artiklu 102, u mhux aktar tard mill-perjodu magħmul b'dak l-Artiklu, dawk l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri jkunu fid-dmir li jużaw il-mezzi kollha politiċi u legali li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiżguraw il-parteċipazzjoni tal-Komunita' fil-Konvenzjoni u fi ftehim oħra bħalha. "[102]**

Dan ifisser li malli xi istituzzjoni tal-Komunita' tkun ħadet xi passi f'xi qasam partikolari, li f'dawn il-każi kien il-qasam tas-sajd, l-Istati Membri mhux biss ma setgħux jidħlu aktar huma biex jagħmlu xi ftehim, imma riedu jaraw kif jagħmlu u jużaw il-mezzi politiċi u legali li jkollhom biex dak id-drittijiet li jkollhom f'dik il-konvenzjoni jew ftehim li jkunu daħlu fihom qabel jgħadduhom lill-Komunita' biex hija tkun tista' tieħu sehem u tiddeċiedi minflokhom.

Dak ifisser dak li qalet il-Qorti f'dan il-paragrafu. Xejn aktar u xejn inqas.

Daqshekk jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

Aktar 'il quddiem, naraw ukoll każ ieħor bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill li kien ikkonferma dawn l-affarijiet.

Fis-27 ta' Lulju kien bdew formalment in-negozjati tad-dħul bejn il-Greċja u l-Komunita'.

## Passi Federalisti Oħra

Fit-13 ta' Settembru naraw lill-Komunita' Ewropea timxi pass ieħor fil-mixja tagħha lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew meta l-Komunita' kif distinta' mill-Istati Membri kienet iffirmat il-Konvenzjoni ta' Barċelona għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-Tniġġiż[103].

B'hekk, il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kienet imxiet pass ieħor biex tieħu post l-Istati Membri fil-fora internazzjonali biex tikseb rikonoxximent internazzjonali bħala għaqda separata u distinta mill-Istati Membri tagħha, u l-akkwist tas-sovranita' bħala Stat Federali Ewropew kif kien maħsub u ppjanat mill-federalisti internazzjonali.

---

[101] Li kienet twaqqfet taħt il-konvenzjoni msemmija u li ma kinitx il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

[102] "Member States participating in the North-East Atlantic Fisheries Convention and in other similar agreements are now not only under a duty not to enter into any commitment within the framework of those conventions which could hinder the Commmmunity in carrying out the tasks entrusted to it by Article 102 of the Act of Accession, but also under a duty to proceed by common action within the Fisheries Commission. Further, as soon as the Community institutions have initiated the procedure for implementing the provisions of the said Artikle 102, and at the latest within the period laid down by that Article, those institutions and the Member states will be under a duty to use all the political and legal means at their disposal in order to ensure the participation of the Community "

[103] Barcelona Convention for the Protection of the Mediterranean Sea against Pollution

Erbat'ijiem wara, jiġifieri fis-17 ta' Settembru, il-Komunita' kompliet fl-istess triq meta kienet spiċċat il-ħames sessjoni tal-Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq il-Liġi tal-Baħar[104].

Dan għaliex id-delegazzjoni tal-Komunita' kienet talbet li tiddaħħal kklawsola f'konvenzjoni futura li tħalli lill-Komunita' bħala Komunita', jiġifieri separatament u distinta mill-Istati Membri tagħha, biex taċċedi għall-konvenzjoni.

Dan mhux biss jikkonferma l-ħsibijiet tal-Komunita' u l-istituzzjonijiet tagħha biex tidħol minflok l-Istati Membri, tikseb rikonoxximent internazzjonali u tikseb is-sovranita' minflok l-Istati Membri u l-personalita' legali meħtieġa biex tinforza d-drittijiet tagħha, imma kien pass ieħor fil-mixja tagħha lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew bid-drittijiet kollha daqs li kieku kien Stat naturali.

Dan sar biex aktar tard tkun hija biss li jkollha dritt li tmexxi r-relazzjonijiet internazzjonali u dak kollu li **Stat Nazzjon Indipendenti, Ħieles u Sovran** għandu dritt jagħmel skond il-liġi internazzjonali, f'isem l-Istati Membri kollha.

Fl-20 ta' Settembru, kienu ġew iffirmati l-istrumenti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru l-elezzjonjiet għall-Parlament Ewropew permezz tal-voti taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Fit-22 ta' Settembru, il-Gvern Franċiż kien addotta l-Pjan Barre biex jiġġieled l-inflazzjoni, fejn waħda mill-miżuri kien it-tnaqqis tat-**taxxa inġusta u immorali tal-VAT.**

**Illum, dan mhux biss ma jistax isir, imma kif qed naraw fit-taħdidiet li l-Gvern qiegħed ikollu mal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, il-Gvern ta' Malta lanqas ingħata permess li ma jiġborx it-taxxa inġusta u immorali tal-VAT minn fuq l-ikel u l-mediċini.**

Fi kliem ieħor, jekk għandek flus biex tħallas **it-taxxa inġusta u immorali tal-VAT** tista tiekol u tixtri l-mediċini biex tfieq, imma jekk m'għandikx la tista tiekol u lanqas tfieq.

Dik hija l-kuxjenza soċjali ta' l-Unjoni Ewropea li l-Gvern Nazzjonalista jrid iwikki liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin biha jekk Alla ħares qatt insiru membri.

Issa huma ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li jridu jaraw jekk iridux jiġu f'din is-sitwazzjoni li jrid iġibna fiha l-Gvern Nazzjonalista biex il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami jilħaq il-ħolma bl-istilel tiegħu li jniżżel ismu fl-storja ta' Malta.

Hemm mod u hemm mod kif wieħed iniżżel ismu fl-istorja, għaliex hawnhekk niftakru f'dak il-qawl Malti li jgħid li "**min jiċħad l-art twelidu, miżbla żibel lanqas tridu**."

---

[104] Third United Nations Conference on the Law of the Sea

## Il-Pjan Andreotti

Fl-1 ta' Ottubru, il-Gvern Taljan kien addotta l-Pjan ta' Giulio Andreotti biex iwaqqaf il-waqa' tal-lira Taljana permezz ta' taxxa u miżuri monetarji u soċjali.

Fuq din diġa' għedt aktar qabel li llum mhux biss ma tistax issir għax l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ħafna aktar saħħa milli kellhom dak iż-żmien, imma llum anki l-muniti ta' l-Istati Membri li addottaw l-ewro spiċċaw darba għal dejjem u l-valur ta' l-ewro huwa deċiż mill-Bank Ċentrali Ewropew li jinsab fil-Ġermanja.

Tajjeb li hawnhekk infakkar li l-Partit Nazzjonalista u l-mexxej tiegħu kienu jiftaħru li fost il-ħbieb kbar li għandhom kien hemm Giulio Andreotti.

Issa Giulio Andreotti instab ħati mill-Qrati Taljani li kien ordna l-qtil tal-ġurnalista Mino Pecorelli u ntbagħat il-ħabs, għalkemm minħabba l-eta' tiegħu aktarx li ma jersaqx lejn xi ċella.

## Żviluppi Oħra

Fis-7 ta' Ottubru, Hansch Kutscher kien ġie elett bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-Qorti ta' Komunita' u issa l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għall-perjodu ta' tliet snin biex jieħu postu wara Robert Lecourt.

Fit-3 ta' Novembru, il-Kunsill iddeċieda li l-Istati Membri għandhom ikabbru l-ibħra tas-sajd sa' 200 mil il-barra mill-kosta tagħhom fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku tat-Tramuntana mill-1 ta' Jannar 1977.

Dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jitqiesu bħala l-bidu tal-Politika Komuni tas-Sajd, għalkemm diġa' kienu nħarġu xi regolamenti oħra qabel, u għalkemm il-politika Komuni tas-Sajd proprja kienet ġiet varata uffiċjalment fil-bidu tas-snin tmenin.

Bejn id-29 u t-30 ta' Novembru, kien sar Kunsill Ewropew ġewwa The Hague, fl-Olanda.

Il-Kunsill kien eżamina s-sitwazzjoni ekonomika u reġa' tenna l-interess tiegħu fid-djalogu bejn it-Tramuntana u n-Nofs in-Nhar, kif ukoll ippubblika stqarrija fuq it-twaqqif jew il-kostruzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Fit-13 ta' Diċembru, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri appuntaw il-membri tal-Kummissjoni l-ġdida li kellha sservi bejn is-6 ta' Jannar 1977 u l-5 ta' Jannar 1981.

Kienet tressqet ukoll mozzjoni ta' ċensura minħabba li l-Kummissjoni kienet irrifjutat li tibgħat lis-Sotto Kumitat tal-Kontroll tal-Parlament Ewropew rapport maħruġ mill-Kontroll Finanzjarju fuq is-settur tax-xgħir.

Il-mozzjoni ġiet irtirata qabel tpoġġiet għall-vot. Jidher jew le kemm taħdem is-sistema ta' ħokkli dahri ħalli nħokklok dahrek?

## Il-Każ Simmenthal

Dan kien każ[105] fost ħafna każi oħra bl-istess isem, u anki każi oħra, fejn Stat Membru kien ipprova jfixkel il-moviment ħieles ta' prodotti li jkunu ġejjin mingħand Stati Membri oħra, f'dan il-każ kien il-laħam.

F'dan il-każ, l-Italja kienet tagħmel spezzjonijiet fuq il-fruntiera malli l-prodott ikun dieħel għandha, u kienet tordna ħlas biex tkopri l-ispejjeż. Madankollu, il-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet:

- li dawk l-ispezzjonijiet kienu miżuri li kellhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi;

- li dawk l-ispezzjonijiet ma kinux meħtieġa għaliex sempliċiment setgħu kulltant jiġu spezzjonati d-dokumenti, u anki f'dan il-każ ma riedx ikun hemm tant spezzjonijiet li jkunu meqjusa bħala restrizzjonijiet moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri;

- li l-ħlas minħabba l-ispezzjonijiet kien miżura ekwivalenti għal dazju; u

- li anki jekk il-ħlasijiet ikunu mposti mill-awtoritajiet fuq il-prodotti ta' l-istess Stat Membru u fuq il-prodotti mpurtati, dawn xorta huma meqjusa bħala taxxa interna li hija pprojbita mill-Artiklu 95 tat-Trattat.

Daqshekk jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

[105] Judgment of the Court of 15 December 1976. Simmenthal SpA v Ministère des finances italien. Reference for a preliminary ruling: Pretura di Susa - Italy. Sanitary inspections. Case 35-76. European Court reports 1976 Page 01871

## Is-Sena 1977

Mill-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand ir-Renju Unit. Fl-istess jum, daħlet fis-seħħ id-deċiżjoni li kienu ħadu d-9 Stati Membri li jkabbru l-ibħra tas-sajd tagħhom fil-Baħar tat-Tranumtana u fl-Atlantika għall-200 mil.

## Il-Gvern Laburista u s-Sajjieda

Hawnhekk tajjeb li nfakkar li l-Gvern Laburista kien kabbar ukoll l-ibħra tas-sajd Maltin fejn setgħu jistadu biss sajjieda Maltin u Għawdxin għal 25 mil.

Dak iż-żmien, dan kien limitu raġonevoli minħabba li l-baħar Mediterran huwa baħar żgħir u kieku kulħadd ikabbar għal 200 mil kif sar f'postijiet oħra, kieku kulħadd jispiċċa fuq xulxin.

Madankollu, tajjeb li Gvern Laburista jerġa' jkabbar dawn l-ibħra sa' fuq il-limiti tal-blata kontinentali tagħna biex ma jħallix sajjieda barranin ikomplu jidħlu jistadu f'dawn l-ibħra li huma taghna skond il-liġi internazzjonali.

Dan għandna dritt nagħmluh u nkunu qed inħarsu d-drittijiet tagħna u tas-sajjieda Maltin u Għawdxin mis-sajjieda barranin, waqt li nkunu qed nippriservaw ir-riżorsi tal-ħut fl-ibħra tagħna u ma nħalluhomx jinqerdu mis-sajjieda barranin.

Dan nistgħu nagħmluh biss jekk ma nkunux membri ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex jekk insiru membri, l-ibħra ta' Malta jsiru ibħra ta' l-Unjoni Ewropea fejn kull sajjied minn kull Stat Membru jkun jista' jiġi jistad fihom, inkluż ukoll li jirreġistra l-bastiment tiegħu f'Malta biex jitqies bħala bastiment tas-sajd Malti kif għandu dritt bil-liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

**Għaldaqstant, huwa jkun irid jingħata istess drittijiet daqs is-sajjieda Maltin u Ghawdxin biex ikun jista' jistad fl-ibħra tas-sajd Maltin għaliex ikun meqjus bħala bastiment tas-sajd Malti.**

Tajjeb li jingħad ukoll li l-Gvern Nazzjonalista bidel ukoll il-liġi tas-sajd[106] biex ikun jista' mhux biss idaħħal ir-regolamenti kollha ta' l-Unjoni Ewropea li bihom is-sajjieda Maltin u Għawdxin ikunu regolati u jkollhom jobduhom kollha, imma biex il-Gvern Nazzjonalista jkun jista', fost affarijiet oħra, jagħti permess biex sajjieda barranin ikunu jistgħu jirreġistraw il-bastimenti tas-sajd tagħhom f'Malta u jistadu fl-ibħra tas-sajd Maltin.

Dawn huma ftit mid-differenzi bejn il-Gvern Laburista li dejjem ħares l-interessi tas-sajjieda Maltin u Għawdxin u taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha, waqt li l-Gvern Nazzjonalista jirranġa l-liġijiet biss biex iħares l-interessi tal-barranin u jobdi dak kollu li qiegħed jiġi ordnat jagħmel mill-Unjoni Ewropea minn Brussell.

Fis-6 ta' Jannar, il-Kummissjoni l-ġdida li kienet ġiet appuntata f'Diċembru tas-sena ta' qabel kienet bdiet il-ħidma tagħha taħt il-presidenza ta' Roy Jenkins.

[106] Kapitlu 425 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta

## Ftehim mal-Pajjiżi tal-Maxrek

Fit-18 ta' Jannar, kien imiss li jiġu ffirmati aktar ftehim ta' kooperazzjoni, din id-darba mal-pajjiżi tal-Maxrek[107], jiġifieri l-Eġittu, il-Ġordan u s-Sirja, wara li kif rajna aktar qabel f'April 1976 kienu ġew iffirmati ftehim oħra mal-pajjiżi tal-Magreb[108], jiġifieri ma' l-Alġerija, il-Marokk u t-Tuneżija.

Dawn il-ftehim fis-sensiela ta' ftehim li l-Komunita' minn dejjem għamlet ma' Stati oħra juru kemm mhux veru li l-unika triq hija biss tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, imma li fejn ikun hemm ir-rieda biex jintlaħaq ftehim li jkun tajjeb għaż-żewġ naħat, kollox huwa possibbli.

## Il-Każ Bauhuis

Il-każ Bauhuis[109] kien każ ieħor fejn Stat Membru kien qiegħed jitlob ħlas għal spezzjonijiet fuq annimali, f'dan il-każ partikolari kien l-Istat Membru li minnu kienu se jiġu esportati lejn Stat Membru ieħor. L-Istat Membru fil-kwistjoni kien l-Olanda.

Il-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, qalet li għalkemm xi ħlasijiet biex isiru spezzjonijiet veterinarji li kienu meħtieġa mir-regolamenti tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, setgħu jsiru, dawn ma kellhomx ikunu aktar mill-ispejjeż li dak l-Istat Membru jkun qed jagħmel biex isiru dawn l-ispezzjonijiet.

Barra minn hekk, fejn spezzjonijiet veterinarji ma jkunux meħtieġa mir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea, Stat Membru ma setgħax jitlob ħlas għal xi spezzjonijiet li jkun irid jagħmel jew li jkunu jridu jsiru minħabba l-ħtiġijiet ta' Stat Membru ieħor, għaliex dawk il-ħlasijiet ikollhom effetti ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi u kienu kontra l-liġi tal-Komunita'.

Il-Qorti qalet ukoll li ħlasijiet għal spezzjonijiet veterinarji meħtieġa mill-Istat Membru li l-annimali jkunu sejrin għandu ma jistgħux isiru għaliex ikollhom effett bħal dazju. **Hekk iddeċidiet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, u hekk ikollu jsir.**

## Mozzjoni ta' Ċensura

Akkużi dwar problemi ta' ħabi, nuqqas ta' trasparenza, flus jisparixxu bla ma ħadd jaf kif, nuqqas ta' kontabilita', u stejjer oħra bħal dawn minn dejjem kienu jsiru speċjalment fil-konfront tal-Kummissjoni tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, ma kinitx sorpriża li fl-10 ta' Marzu kienet tressqet mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, fil-Parlament Ewropew, fejn fit-23 tax-xagħar saret il-votazzjoni fuqha.

Din il-mozzjoni ma kinitx għaddiet wara li ma kienx irnexxilha ġġib il-maġġoranza tal-voti.

---

[107] Mashrek
[108] Maghreb
[109] Judgment of the Court of 25 January 1977. W. J. G. Bauhuis v The Netherlands State. Reference for a preliminary ruling: Arrondissementsrechtbank 's-Gravenhage - Netherlands. Case 46-76. European Court reports 1977 Page 00005

## Aktar Żviluppi

Fil-25 ta' Marzu, kienu saru ċelebrazzjonijiet ta' tifkira fl-għeluq ta' l-20 anniversarju ta' l-iffirmar tat-Trattati ta' Ruma, jiġifieri tat-Trattati KEE u KEEA. Bejn il-25 u s-26 tax-xahar kien sar ukoll Kunsill Ewropew ġewwa Ruma, fl-Italja.

Fit-28 ta' Marzu, il-Portugall kien applika formalment biex jissieħeb fil-Komunitajiet.

Hawnhekk irrid infakkar li l-Portugall kien għadda minn żmien twil ta' dittatorjat faxxista taħt il-ħakma ta' Antonio Salazar.

Il-poplu Portugiż, bħall-poplu Spanjol kien bata ħafna fejn kull min kien jopponi lid-dittatur faxxista kien jispċċa l-ħabs jew jinqatel.

Għaldaqstant, iċ-ċittadini Portugiżi kienu qed jaraw is-sħubija tagħhom fil-Komunitajiet Ewropej bħala mezz biex jiskansaw milli jerġgħu jgħaddu minn xi kolp ta' Stat mill-forzi armati tagħhom u jkollhom jerġgħu jgħaddu snin twal taħt xi ħakma faxxista oħra.

Fit-28 ta' Marzu, San Tome u Principe, Kap Verde u Papwa New Guinea ffirmaw ftehim mal-Komunita' biex jidħlu wkoll fil-Konvenzjoni ta' Lome'. B'hekk, kienu żdiedu tliet Stati oħra fil-konvenzjoni li permezz tagħha l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kienet kabbret in-numru ta' Stati li kellha ftehim magħhom.

## Dikjarazzjoni Flimkien

Fil-5 ta' April, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kienu ffirmaw dikjarazzjoni flimkien dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali.

Waqt li dawn jidhru affarijiet sbieħ u ta' min jaqbel magħhom, aktar 'il quddiem se nuri kif l-Unjoni Ewropea ma ffirmatx il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Drittijiet Fundamentali tal-Kunsill ta' l-Ewropa, kif ukoll li issa għandha l-liġi kriminali tagħha u l-mandat ta' arrest Ewropew li jagħmlu farsa mid-drittijiet tal-bniedem.

## Ftehim Ieħor

Fit-3 ta' Mejju kien ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni ieħor taħt il-politika ta' tqarrib Mediterranju[110]. Dan il-ftehim kien ġie ffirmat bejn il-Libanu u l-Komunita', u huwa ieħor fis-sensiela ta' ftehim bejn il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, u Stati oħra li ma jkunux membri tagħha.

## Laqgħa Għolja tal-Pajjiżi Industrijalizzati tal-Punent

Bejn is-7 u t-8 ta' Mejju, kienet saret Laqgħa Għolja tal-pajjiżi industrijalizzati tal-Punent, liema laqgħa saret fir-Renju Unit u li baqgħet magħrufa bħala l-Laqgħa Għolja ta' Downing Street.

[110] Mediterranean approach

Il-Komunita' kienet ħadet sehem bħala Komunita, għall-ewwel darba f'xi wħud mit-taħdidiet f'din il-Laqgħa Għolja tal-pajjiżi industrijalizzati tal-Punent.

Huwa ċar daqs il-kristall li bis-sehem tagħha f'din il-laqgħa għolja, il-Komunita' mhux biss kienet qed tkompli tfittex li jkollha rikonoxximent internazzjonali kif ukoll biex tidħol minflok l-Istati Membri tagħha, imma kienet qed tidħol ukoll fl-aktar laqgħat importanti bejn il-pajjiżi industrijalizzati ewlenin tal-Punent biex tinfluwenza l-laqgħa hija bħala Komunita' u mhux tħalli xi Stati individwali tagħha jinfluwenzaw il-laqgħa huma favur xi ħadd minnhom.

## Is-Sitt Direttiva tal-VAT

Fis-17 ta' Mejju, is-Sitt Direttiva ta' VAT dwar it-twaqqif fuq sisien uniformi ta' stima għall-VAT kienet addottata formalment mill-Kunsill[111].

B'hekk, mhux biss l-Istati Membri riedu jdaħħlu bilfors is-sistema tat-**taxxa inġusta u immorali tal-VAT**, imma riedu bilfors iqarrbu l-liġijiet tagħhom sakemm fl-aħħar jiġu kollha l-istess.

M'hemmx għalfejn ngħidu li din id-Direttiva ġiet emendata kemm-il darba minn Direttivi oħra biex l-Unjoni Ewropea tkompli tifrex il-ħakma tagħha fuq it-**taxxa inġusta u immorali tal-VAT** li jridu jħallsu bilfors iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri

Issa l-Unjoni Ewropea trid mhux biss li l-liġijiet ikunu tqarrbu u saru l-istess, imma qed taħdem u trid li anki l-livell tat-**taxxa inġusta u immorali tal-VAT** ikun l-istess fl-Istati Membri kollha tagħha.

Ta' min ifakkar li f'xi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, it-**taxxa inġusta u immorali tal-VAT hija ta' 25% anki fuq l-ikel, kif ukoll titħallas fuq il-mediċini.**

Tajjeb li jingħad ukoll li minkejja li l-Gvern Nazzjonalista talab biex din it-**taxxa inġusta u mmorali tal-VAT** ma tiddaħħalx fuq **l-ikel u l-mediċini f'Malta** jekk issir membru, l-Unjoni Ewropea ma laqgħetx din it-talba u jekk Malta ssir membru, iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin se jkollhom iħallsu wkoll **it-taxxa inġusta u immorali tal-VAT fuq l-ikel u l-mediċini.**

Dan huwa l-futur sabiħ li qiegħed joffri l-Gvern Nazzjonalista liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

**Diktat mill-Unjoni Ewropea fuq it-taxxi li għandna nħallsu fuq l-ikel u l-mediċini.**

[111] Sixth Council Directive 77/388/EEC of 17 May 1977 on the harmonization of the laws of the Member States relating to turnover taxes - Common system of value added tax: uniform basis of assessment. Official Journal L 145, 13.06.1977 P.0001 - 0040 Finnish special edition: Chapter 9 Volume 1 P.0028 Greek special edition, Chapter 09 Volume 1 P.0049 Swedish special edition: Chapter 9 Volume 1 P.0028 Spanish special edition, Chapter 09 Volume 1 P.0054 Portuguese special edition Chapter 09 Volume 1 P.0054 CONSLEG - 77L0388 - 28/12/1996 - 151 P.

## Żviluppi Internazzjonali

Fit-23 ta' Mejju kienet saret is-sitt sessjoni tat-Tielet Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq il-Liġi tal-Baħar ġewwa New York, fl-Istati Uniti.

Bjn it-30 ta' Mejju u t-2 ta' Ġunju, wara tmintax-il xahar ta' taħdidiet, il-Konferenza fuq il-Kooperzzjoni Ekonomika Internazzjonali għalqet b'konferenza ministerjali.

Is-27 parteċipant kienu qablu fuq it-trasferiment tar-riżorsi[112], il-kwalita' u l-kwantita' ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp[113], u fuq il-materja prima[114]. Sforzi akbar komplew fil-qasam ta' l-agrikoltura, l-ikel, l-infrastruttura u l-industrijalizzazzjoni.

## Żviluppi fil-Komunita'

Fl-1 ta' Ġunju, it-Trattat li bih kienu żdiedu s-setgħat tal-Parlament Ewropew fuq l-estimi kien daħal fis-seħħ.

Fil-15 tax-xahar il-Kummissjoni kienet ipproponiet li jinħoloq strument ġdid ta' self għall-Komunita' biex jiffinanzja investiment strutturali. Bejn id-29 u t-30 ta' Ġunju, kien inżamm Kunsill Ewropew ieħor ġewwa Londra fir-Renju Unit.

Mill-1 ta Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Belġju, waqt li fl-istess jum kienet bdiet tapplika wkoll it-Tariffa Komuni tad-Dwana għall-istati Membri l-ġodda, jiġifieri d-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit.

Fit-28 ta' Lulju, Spanja applikat formalment biex tissieħeb fil-komunitajiet Ewropej.

Hawnhekk wiehed irid jiftakar li l-poplu Spanjol kien għadu kif għadda minn snin twal taħt il-ħakma faxxista tad-dittatur Francesco Franco, fejn eluf kbar ta' Spanjoli kienu nqatlu.

Wieħed irid ifakkar kif eluf oħra kellhom jaħarbu minn Spanja biex ma jaqgħux huma wkoll vittmi tar-regim faxxista.

Bħala eżempju, Dolores Ybarruri, li kienet magħrufa bħala "**La Passionaria**", li kienet kommunista, kellha tagħmel aktar minn 40 sena eżiljata barra minn pajjiżha sakemm miet Franco.

Għaldaqstant, il-poplu Spanjol, bħall-poplu Portugiż u l-poplu Griek, ħasbu li l-aħjar triq għalihom biex jiskansaw milli jkollhom xi kolp ta' Stat ieħor u jerġgħu jgħaddu minn snin twal taħt xi dittatorjat faxxista, kienet li huma jsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea, minħabba li l-armata Spanjola tispiċċalha s-saħħa fuq livell nazzjonali għaliex Spanja tkun saret biss Stat fost l-Istati Membri l-oħra ta' Stat Federali Ewropew.

---

[112] Transfer of resources
[113] Quality and quantity of official development assistance
[114] Raw materials

## Aktar Passi Lejn l-Istati Uniti ta' l-Ewropa

Bejn-19 u t-23 ta' Settembru, il-Komunita' attendiet għall-Konferenza Dinjija ta' l-Ernerġija ġewwa Istanbul it-Turkija.

Dan il-fatt mhux biss irid jittieħed bħala pass ieħor fil-mixja lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew, imma l-fatt li din il-konferenza dinjija kienet dwar l-enerġija jfakkar li d-dinja kienet għadha ma rkupratx mill-kriżi taż-żejt u kienet għadha qed issib problemi kbar bil-provvisti u l-prezzijiet.

Dan il-fatt ikompli juri kemm kienu kbar l-kisbiet li kienet għamlet Malta, liema kisbiet kienu saru permezz tal-Gvern Laburista, meta mhux biss assigura t-tkomplija tal-provvista tal-prodotti taż-żejt u ta' l-enerġija, imma wassal għal titjib fil-ħajja u fil-livell ta' l-għixien taċ-ċittadini kollha Maltin u Għawdxin minkejja l-problemi kbar internazzjonali u t-tfixkil kbir li sab mill-Partit Nazzjonalista u l-mixtrija tal-barrani.

## Il-President tal-Kunsill Jindirizza l-Ġnus Magħquda

Fis-26 ta' Settembru waqt it-23 sessjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, Simonet, li kien il-President tal-Kunsill, kien indirizza l-Assemblea u spjega l-politika barranija tal-Komunita'.

Dan kien pass ieħor fil-passi wieħed wara l-ieħor biex il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tidħol minflok l-Istati Membri tagħha f'kull qasam u f'kull organizzazzjoni, fil-mixja tagħha lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

## Konferenza ġewwa Belgrad

Fl-4 ta' Ottubru kienet saret laqgħa biex teżamina x'kien sar wara l-Konferenza ta' Ħelsinki fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropea. Din il-laqgħa kienet saret ġewwa Belgrad, fil-Jugoslavja.

Irrid infakkar li ġewwa Ħelsinki, il-Gvern Laburista kien żamm lill-konferenza milli tispiċċa qabel din aċċettat li tiddaħħal referenza fuq is-sliem fil-Mediterran fl-Att Aħħari tagħha.

## Żviluppi Oħra fil-Komunita'

Fil-25 ta' Ottubru, il-Qorti ta' Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej li kien daħal minflok il-Bord tal-Verifika[115] tal-KEE u KEEA u l-Awditur tal-KEFA, kien żamm l-ewwel laqgħa inawgurali tiegħu ġewwa l-Lussemburgu.

Il-Kunsill iddeċieda li l-proġett JET[116] dwar il-fusjoni nukleari ikkontrollata[117] kellu jkun bażat ġewwa Culham, fir-Renju Unit.

[115] Audit Board
[116] Joint European Torus
[117] Controlled nuclear fusion

Fid-9 ta' Novembru, Michael Murphy kien ġie elett bħala President tal-Qorti ta' Awdituri, waqt li bejn il-5 u s-6 ta' Diċembru kien sar Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju.

## Laqgħa tal-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu

Il-problema ta' l-ikel madwar id-dinja kienet u għadha kbira madwar id-dinja. Hemm pajjiżi żviluppati fejn iċ-ċittadini tagħhom imutu kawża ta' l-ikel żejjed li jieklu, waqt li hemm ħafna pajjiżi speċjalment dawk li għadhom qed jiżviluppaw, fejn iċ-ċittadini tagħhom imunu bl-eluf kulljum minħabba nuqqas ta' ikel.

Kif konna rajna aktar qabel, kienet saret Konferenza Dinjija ta' l-Ikel f'Novembru tas-sena 1974 ġewwa Ruma, fl-Italja, fejn kienet qablet li għandu jitwaqqaf Fond Internazzjonali għall-Izvilupp Agrikolu biex jiġu mgħejuna l-pajjiżi ħalli jiżviluppaw is-settur agrikolu tagħhom.

L-ewwel laqgħa ta' dan il-fond kienet saret fit-13 ta' Diċembru ta' din is-sena, jiġifieri 1977.

## Is-Sena 1978

Is-sena 1978 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand id-Danimarka.

Fit-2 ta' Frar, Djibouti ddepożitat l-istrumenti ta' ratifika biex aċċediet għall-Konvenzjoni ta' Lome' mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Dan kien ifisser li Stat ieħor kellu ftehim mal-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, dwar il-kummerċ ta' bejniethom. Fis-6 ta' Frar, il-Konvenzjoni ta' Barċelona fuq il-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-Tniġġiż u li kienet ġiet iffirmata fi Frar 1976 daħlet fis-seħħ.

## Taħdidiet għal Ftehim Ieħor mal-Jugoslavja

Fit-13 ta' Frar, kienu fetħu t-taħdidiet bejn il-Jugoslavja u l-Komunita' dwar ftehim ta' kooperazzjoni ġdid biex jidħol minflok il-ftehim ta' kummerċ li kien hemm qabel u li kien se jispiċċa fit-30 ta' Awissu.

Dan ifisser li mhux biss kien hemm ftehim ieħor bejn il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea u pajjiż ieħor, imma li qabel jiskadi dak il-ftehim diġa' kienu qed jiltaqgħu biex jiffirmaw ftehim ieħor.

Qed taraw jekk l-Unjoni Ewropea tagħmilx ftehim ma Stati oħra li ma jkunux membri tagħha?

## Tkompli l-Mixja lejn Stat Federali

Bejn is-6 u t-13 ta' Marzu, il-Komunita' kienet attendiet laqgħa ministerjali tal-Bord tal-Kummerċ u Żvilupp ta' l-UNCTAD li kienet inżammet biex tiddiskuti dwar id-dejn tal-pajjiżi li kienu qed jiżviluppaw.

Dan kien pass ieħor biex il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tkompli fit-triq tagħha biex tikseb rikonoxximent mill-aktar wiesha tal-personalita' legali tagħha biex tkun tista' tidħol hi, bħala Stat Federali Ewropew, minflok l-Istati Membri tagħha, li jkomplu jispiċċawlhom id-drittijiet tagħhom mogħtija bil-liġi internazzjonali.

## Każ ieħor Simmenthal

Il-każ Simmenthal[118] kien każ ieħor fis-sensiela Simmenthal dwar ħlasijiet għal spezzjonijiet fuq laħam impurtat fi Stat Membru minn Stat Membru ieħor.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet reġgħet għal darb'oħra saħħet il-pożizzjoni tal-liġi tal-Komnunita' li hija aqwa u superjuri għal kull liġi nazzjonali ta' l-Istati membri.

---

[118] Judgment of the Court of 28 June 1978 Simmenthal SpA v Amministrazione delle Finanze dello Stato Reference for a preliminary ruling: Pretura di Alessandria - Italy Fees for veterinary and public health inspection Case 70/77 European Court reports 1978 Page 01453

## Konsultazzjonijiet bejn il-Ġappun u l-Komunita'

Bejn it-22 u l-24 ta' Marzu, kienet saru konsultazzjonijiet bejn il-Komunita' u l-Ġappun ġewwa Tokjo, fil-Ġappun, fuq il-passi li riedu jittieħdu biex jingħelbu l-problemi li kien hemm minħabba l-iżbilanċ li kien hemm fil-kummerċ bejniethom, minħabba li l-Ġappun kien qiegħed ibiegħ ħafna aktar lill-Komunita' milli kien qiegħed jixtri mingħandha. Fl-aħħar tal-laqgħa iż-żewġ naħat kienu ħarġu stqarrija flimkien.

## Pass Ieħor Lejn Stat Federali

Bejn it-28 ta Marzu u d-19 ta' Mejju, il-Komunita' attendiet, bħala osservatur, għas-seba' sessjoni tat-Tielet Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq il-Liġi tal-Baħar.

Dan ukoll kien pass ieħor fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew, fejn aktar tard il-Komunita' kienet talbet lil din il-Konferenza tal-Ġnus Magħquda biex issir klawsola ħalli hija wkoll, bħala Komunita' Ewropea, tkun tista' taċċedi għall-Konvenzjoni li kienet se ssir.

## Iċ-Ċina u l-Komunita'

Fit-3 ta' April, il-Komunita' u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, dik li aktar nafuha bħala ċ-Ċina, kienu ffirmaw ftehim ta' kummerċ li kellu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju.

Hawnhekk trid issir distinzjoni bejn iċ-Ċina u u r-Repubblika Ċiniża ta' Taiwan.

Taiwan hija gżira fejn kienu marru ċ-Ċiniżi nazzjonalisti li kienu tilfu l-gwerra tagħhom mal-Kommunisti Ċiniża, imma l-Gvern Ċiniż qatt ma ċaħad is-sovranita' tiegħu fuq din il-Gżira u dejjem jgħid li għad irid jgħaqqadha u jerġa' jġibha taħt il-kontroll tiegħu.

Il-ftehim ta' kummerċ li l-Komunita' Ewropea kienet iffirmat kien mar-Repubblika Ċiniża, jiġifieri maċ-Ċina Kommunista.

Dan il-ftehim juri wkoll ċerta ipokresija, għaliex għalkemm il-Komunita' Ewropea, u issa l-Unjoni Ewropea, dejjem juru l-ħsiebijiet tagħhom għal dak li jingħad li huwa nuqqas ta' tħaris tad-drittijiet fundamentali u libertajiet tal-bniedem fiċ-Ċina Kommunista, kemm dan il-ftehim kif ukoll oħrajn juru bl-aktar mod ċar li fejn jidħlu l-interessi kummerċjali ma hemmx ideoloġija politika, għaliex jekk ikun jaqbel kullħadd iqabbel.

Sewwa jgħid il-qawl Malti li, **"L-ixkubetta fiha l-grillu, u kullħadd jagħmel li jaqbillu."**

## Kunsill Ewropew

Bejn is-7 u t-8 ta' April, kien inżamm Kunsilll Ewropew ġewwa Kopenħagen, fid-Danimarka. Kien intlaħaq ftehim fuq l-ewwel elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew, għaliex sa dak iż-żmien il-Membri Parlamentari kienu għadhom jinħatru u mhux jiġu mtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Waqt l-istess Kunsill, il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern kienu assoċjaw ruħom mad-Dikjarazzjoni Flimkien[119] tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-rispett għad-dritiijiet fundamentali. Fuq din diġa' għedt xi ħaġa, imma aktar 'il quddiem se nerġa' nirreferi għaliha wkoll.

**L-Istituzzjonijiet Favur is-Sħubija tal-Portugall**

Fid-19 ta' Mejju, il-Kummissjoni kienet ħarġet l-opinjoni tagħha favur is-sħubija tal-Portugall fil-Komunitajiet, waqt li fis-6 ta' íunju, il-Kunsill kien iddeċieda wkoll favur is-sħubija tal-Portugall u kienu nfetħu n-negozjati.

Għaldaqstant, il-poplu Portugiż kien se jibda t-triq biex jipprova ma jħallix l-istorja ta' kolpi ta' Stat faxxisti u snin twal taħt ħakma faxxista tirrepeti ruħa.

**Problemi ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika**

Bejn id-29 u t-30 ta' Ġunju, il-Komunita' fteħet negozjati ma' l-Istati Uniti fuq problemi minħabba l-applikazzjoni ta' l-Att dwar il-Kontroll ta' Sustanzi Tossiċi, fuq il-prodotti tal-Komunita'.

Hawnhekk wieħed jinduna li l-Amerika kienet għamlet liġi li biha kienu se jintlaqtu prodotti mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea inħabba li skond il-liġi Amerikana kien ikun fihom prodotti tossiċi, jiġifieri velenużi.

Minħabba li aħna nimpurtaw ħafna prodotti mill-Unjoni Ewropea, tajjeb li wieħed jistaqsi jekk qattx il-Gvern Malti għamel xi stħarriġ biex naraw jekk dawn il-prodotti jkunux qed jitħallew jidħlu fl-Istati Uniti ta' l-Amerika minħabba l-veleni li jista' jkollhom.

Wieħed jista' jieħu eżempju fejn ċerti ġugarelli tat-tfal kienu jinżebgħu b'żebgħa li jkun fiha ċ-ċomb, li ċertament li ma jitħallewx jidħlu fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Il-Gvern Malti qiegħed jara jekk il-ġugarelli li qed jiddaħħlu f'Malta humiex ikollhom minn din iż-żebgħa?

L-istess jista' jingħad għal prodotti agrikoli, laħam, ikel eppriservat, xorb, u kull oġġett ieħor li jista' jkollu effett ħażin fuq is-saħħa taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Dan aktar u aktar meta' nafu kemm ikun hemm gwerer kummerċjali bejn l-Istat Uniti ta' l-Amerika u l-Unjoni Ewropea fuq il-prodotti ta' l-ikel minħabba ċerti sustanzi li jkun fihom.

Ma dawn wieħed irid iżid il-prodotti modifikati ġenetikament, fejn għad m'hemm xejn ċert jekk dawn jikkawżawx ħsara lis-saħħa tal-bniedem, waqt li kien hemm każi fejn dawn ikkontaminaw għelieqi li kien fihom prodotti u kellhom jiġi meqruda l-prodotti kollha.

[119] Joint Declaration

Jidħlu wkoll fix-xena l-ormoni u l-antibijotiċi li jingħataw l-annimali biex jikbru ħafna iżjed u aktar malajr, fejn naħa tgħid mod u l-oħra tgħid ieħor.

Għaldaqstant, il-Gvern Malti għandu joqgħod attent biex naraw sewwa xi jkunu qed jimpurtaw l-importaturi tagħna u japplika l-aktar regolamenti stretti minn mad-dinja kollha biex titħares is-saħħa taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin u ta' kull min ikun jinsab fil-gżejjer Maltin.

Madankollu, biex il-Gvern Malti jkun jista' jagħmel dan skond kif ikun jaqbel għaċ-ċittadini Maltin u Għawdxin irid ikun Gvern Laburista għaliex kullħadd jaf kif il-Gvern Nazzjonalista abbanduna kollox bl-ossessjoni ħalli jagħmel lill-Malta membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma irridu nibqgħu ħielsa u ma nkunux membri ta' l-Unjoni Ewrpea, għaliex inkella ma nkunux ħielsa li nagħżlu aħna, imma jkollna nagħmlu biss dak li tordnalna l-Unjoni Ewropea bħal ma ġara lill-Istati Membri fil-każ tal-baqra l-miġnuna, anki jekk il-Gvern Malti jkun iqis li hemm periklu għas-saħħa.

## Żviluppi Oħra

Fl-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Ġermanja.

Bejn is-6 u s-7 ta' Lulju, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Bremen, fil-Ġermanja. Kien intlaħaq qbil fuq strateġija komuni biex tintlaħaq rata akbar ta' tkabbir ekonomiku biex ikun jista' jitnaqqas il-qagħad u pjan biex titwaqqaf Sistema Monetarja Ewropea[120].

Fit-13 ta' Lulju kienet ħarġet stqarrija flimkien fuq l-istatus tat-taħdidiet li kienu qed isiru dwar il-Kummerċ li kienu magħrufa bħala t-taħdidiet ta' Tokjo, waqt li bejn is-16 u s-17 ta' Lulju, il-Komunita' kienet ħadet sehem sħiħ għat-tieni darba fil-Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent li kienet saret ġewwa Bonn, fil-Ġermanja.

Fl-24 ta' Lulju kienet saret laqgħa ministerjali fejn kienu nfetħu t-taħdidiet bejn il-Pajjiżi AKP u l-Komunita' biex issir konvenzjoni ġdida minflok il-Konvenzjoni ta' Lome' li kellha tispiċċa fl-1 ta' Marzu, 1980. Din il-laqgħa kienet saret ġewwa Brussell, fil-Belġju.

## L-Ewwel Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew

Fil-25 ta' Lulju, il-Kunsill addotta deċiżjoni li biha ffissa d-dati bejn is-7 u l-10 ta' Ġunju 1979 bħala d-dati li fihom kellhom isiru l-ewwel elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew.

Fl-aħħar, iċ-ċittadin ta' l-Istati Membri kien se jkollhom sehem biex il-Membri Parlamentari Ewropej ikunu telluhom huma.

[120] European Monetary System EMS

Madankollu, wieħed irid jiftakar ukoll li l-Parlament għadu sal-lum bi ftit jew xejn saħħa meta mqabbel ma l-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea, aħseb u ara dak iż-żmien.

## Aktar Ftehim u Protokolli

Fis-26 ta' Settembru, il-Kunsill addotta ftehim ta' kooperazzjoni ma' l-Alġerija, il-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu, is-Sirja, il-Ġordan u l-Libanu, kif ukoll protokolli finanzjarju addizzjonali[121] ma' l-Israel, il-Portugall u **MALTA.**

Dan ifisser li mhux biss kienu ġew iffirmati ftehim oħra mal-pajjiżi msemmija tal-Magreb u tal-Maxrek, imma anki ġew addottati protokolli addizzjonali ma' l-Israel u mal-Portugall minkejja li kien applika u kienu se jinżammu taħdidiet biex isir membru, kif ukoll ma' Malta.

Dawn il-ftehim u protokolli kollha juru kemm il-Komunita' u issa l-Unjoni Ewropea dejjem iffirmat ftehim ma pajjiżi oħra fejn ikun jaqbel.

## Jikbru l-Membri Fil-Konvenzjoni ta' Lome' u Żviluppi Oħra

Fis-27 ta' Settembru, il-Gżejjer Solomon kienu ddepożitaw l-istrumenti[122] li permezz tagħhom huma aċċedew għall-Konvenzjoni ta' Lome'.

Dan ukoll kien ifisser li kienu żdiedu l-**Istati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** li l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea kellha ftehim ta' kummerċ magħhom.

Fid-9 ta' Ottubru, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri kienu ltaqgħu fil-Kunsill u kienu ffirmaw il-Konvenzjoni dwar l-aċċess[123] tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit għall-Konvenzjoni fuq il-Ġurisdizzjoni u l-Infurzar ta' Sentenzi f'Affarijiet Ċivili u Kummerċjali[124].

Fl-24 ta' Ottubru, kienet ġiet iffirmata Konvenzjoni fuq kooperazzjoni multilaterali fil-Majjistral ta' l-Atlantiku, li kienet ġiet iffirmata ġewwa Ottawa, fil-Kanada.

## Jidħlu fis-Seħħ il-Ftehim

Fl-1 ta' Novembru, kienu daħlu fis-seħħ il-ftehim ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Magreb, jiġifieri l-Alġerija, il-Marokk u t-Tunezija, u l-pajjiżi tal-Maxrek, jiġifieri l-Eġittu, is-Sirja, il-Ġordan u l-Libanu, kif ukoll il-protokolli finanzjarji addizzjonali ma' l-Israel, il-Portugall u **MALTA** li kienu saru aktar qabel fis-26 ta' Settembru.

## Ir-Raba' Konferenza Tripartita

Fid-9 ta' Novembru, kienet saret ir-Raba Konferenza Tripartita li għaliha kienu attendew il-ministri tal-finanzi, affarijiet ekonomiċi u impjiegi u r-rappreżentanti taż-

[121] Additional financial protocols
[122] Instruments of accession
[123] Accession
[124] Convention on Jurisdiction and the Enforcement of Judgements in Civil and Commercial Matters

żewġ naħat ta' l-industrija, jiġifieri tal-ħaddiema u ta' min iħaddem. Din il-Konferenza kienet saret ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Dawn li ħadu sehem eżaminaw il-karta tal-Kummissjoni li kienet ipproponiet strateġija ġenerali li kienet tinvolvi, partikolarment, miżuri ta' stimulazzjoni biex ikabbru riaddattazzjoni strutturali[125], ċerti miuri ta' qsim tax-xogħol[126], u għall-futur, sehem akbar għas-settur tas-servizzi[127].

Dawn il-konferenzi biex jippruvaw joħolqu x-xogħol kollha juru mhux biss is-sitwazzjoni ħażina ta' l-impjiegi fil-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, imma juru wkoll kif is-sitwazzjoni internazzjonali kienet qed taffettwa l-impjiegi u kemm kienu kbar il-kisbiet tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin permezz tal-Gvern Laburista f'dawk iż-żmienijiet koroħ ta' twiegħir internazzjonali.

**Il-Kummissjoni Taqbel li Spanja ssir Membru**

Fid-29 ta' Novembru, il-Kummissjoni serrħet xi ftit ras iċ-ċittadini Spanjoli meta tat l-opinjoni tagħha favur l-applikazzjoni għas-sħubija ta' Spanja. In-negozjati bejn Spanja u l-Komunita' kellhom jibdew fil-5 ta' Frar 1979.

**Kunsill Ewropew Minħabba t-Tkabbir**

Bejn l-4 u l-5 ta' Diċembru, kien sar Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Dn il-Kunsill kien waqqaf is-Sistema Monetarja Ewropea[128] msejsa fuq l-unita' ta' munita Ewropea[129] u ddeċieda li jagħmel kumitat ta' personalitajiet' magħrufa[130] biex jikkunsidra l-aġġustamenti tal-mekkaniżmi istituzzjonali u proċeduri fil-kuntest tat-tkabbir.

**L-Aħħar Żviluppi għas-Sena 1978**

Fid-19 ta' Diċembru, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ġeddew il-ħatra ta' Roy Jenkins bħala President tal-Kummissjoni għall-perjodu bejn is-6 ta' Jannar 1979 sal-5 ta' Jannar 1981.

[125] The stimulation of growth intensified structural raadaptation measures
[126] Work-sharing measures
[127] Greater role for the services sector
[128] Europea Monetary System EMS
[129] European currency unit
[130] Leading personalitajiet

## Is-Sena 1979

Mill-1 ta' Jannar 1979, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand Franza, waqt li fis-17 tax-xahar, Tuvalu ssieħeb fil-Konvenzjoni ta' Lome' u b'hekk sar il-55 Stat mill-Afrika, Karibbew u l-Paċifiku li kien issieħeb f'din il-Konvenzjoni.

Dan kien ifisser ukoll li l-Komunita' issa kellha ftehim kummerċjali ma' Stat ieħor **Indipendenti, Ħieles u Sovran** permezz ta' din il-konvenzjoni.

Fil-5 ta' Frar, kienu fetħu n-negozjalta tas-sħubija ta' Spanja kien kien ġie miftiehem.

Fis-6 ta' Frar, il-Kunsill addotta formalment linji ta' gwida għall-politika reġjonali tal-Komunita u l-emendi għar-Regolament ta' l-1975 li kien waqqaf il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali[131].

## Il-Każ Cassis de Dijon

Il-każ Cassis de Dijon[132] kien dwar xorb alkoħoliku, jew aħjar liqueur, li skond regolamenti Ġermaniżi ried ikun ta' ċerta saħħa alkoħolika, waqt li l-Cassis ma kellux dik is-saħħa. Għaldaqstant, il-Ġermanja ma riditx li tħalli li dan ix-xorb jiġi mpurtat għandha għaliex qalet li l-konsumaturi jistgħu jiġu mqarrqa.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropew qalet li "**il-kunċett ta' ta' miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni" li hemm fl-Artiklu 30 tat-Trattat EEC iridu jiftehmu li jfissru li l-iffissar ta' l-inqas livell ta' alkoħol f'xorb alkoħoliku intenzjonat biex jiġu kkunsmat min-nies bil-liġi ta' Stat membru jaqa' wkoll fil-projbizzjoni magħmula f'dak il-provvediment fejn l-importazzjoni ta' xorb alkoħoliku magħmula u mibjuha legalment fi Stat Membru hija kkonċernata**".

Fi kliem ieħor, la l-Ġermanja u lanqas ebda Stat Membru ieħor ma seta' jwaqqaf milli jiġi mpurtat xorb alkoħoliku għandu minħabba li ma jkunx skond ir-regolamenti tiegħu, jekk dak ix-xorb ikun magħmul legalment u skond ir-regolamenti ta' xi Stat Membru ieħor.

## Jiżdiedu l-Ftehim

Fis-26 ta' Frar, Dominika[133] saret is-56 Stat mill-Afrika, Karibew u l-Paċifiku li kienet saret membru fil-Konvenzjoni ta' Lome'.

B'hekk żdied Stat ieħor **Indipendenti, Ħieles u Sovran** li l-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, kellha ftehim kummerċjali miegħu.

---

[131] European Regional Development Fund ERDF

[132] Judgment of the Court of 20 February 1979. Rewe-Zentral AG v Bundesmonopolverwaltung für Branntwein. Reference for a preliminary ruling: Hessisches Finanzgericht - Germany. Measures heaving an effect equivalent to quantitative restrictions. Case 120/78. European Court reports 1979 Page 00649

[133] Dominica

## Sigurta' Soċjali

Bejn is-6 u s-7 ta' Marzu, il-Kummissjoni attendiet, bi status ta' osservatur, l-Ewwel Konferenza tal-Ministri Risponsabbli għas-Sigurta' Soċjali ta' l-Istati Membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Kif wieħed jista' jara, dan mhux biss kien pass ieħor fil-mixja lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew, imma juri wkoll kemm il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kienet mhux biss bdiet tindaħal fil-qasam tas-Sigurta' Soċjali ta' l-Istati Membri tagħha, imma saħansitra kien bdiet tieħu sehem f'konferenzi f'dan il-qasam biex aktar 'il quddiem tibda tattendi minflok l-Istati Membri tagħha.

Il-fatt li ħadet sehem f'din il-konferenza ma jridx jittieħed biss minn dawn l-aspetti, imma juri wkoll li l-Komunita' kienet qed tesplora s-sitwazzjoni fil-qasam tas-sigurta' soċjali ta' Stati oħra Ewropej biex tkun tista' tippjana biex tara kif tqarreb il-liġijiet tagħhom biex aktar 'il quddiem ma jkunx hemm differenzi kbar meta tipprova tifrex ix-xibka tagħha biex taqbad lill-Istati l-oħra Ewropej u tagħmilhom Stati Membri tagħha skond il-pjan tal-federalisti internazzjonali.

## Kunsill Ewropew

Bejn it-12 u t-13 ta' Marzu kien iltaqa' Kunsill Ewropew ġewwa Pariġi, fi Franza.

Dan il-Kunsill kien iffissa d-data tat-13 ta' Marzu, jiġifieri fl-istess żmien li kien qiegħed jiltaqa', bħala d-data li fiha kellha tidħol fis-seħħ is-Sistema Monetarja Ewropea.

Fil-fatt, is-sistema kienet daħlet fis-seħħ fit-13 ta' Marzu waqt li kien għadu qiegħed jiltaqa' l-Kunsill. Il-Kunsill kien iddiskuta wkoll is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, il-politika agrikola komuni, u l-enerġija.

## Oportunita' għal-Spinelli

Fis-16 ta' Marzu, Jean Monnet li kif rajna aktar qabel kien wieħed milli ħadem bis-sħiħ biex ikun hemm Unjoni Ewropea fil-forma ta' l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bħala Stat Federali Ewropea, kien miet fis-16 ta' Marzu.

B'hekk kienet infetħet opportunita' ġdida biex Spinelli li kif rajna wkoll fil-bidu ta' dan il-ktieb kien wieħed mill-ewlenin li kien ħadem għall-istess għan u kien twarrab minħabba ċ-ċirkostanzi, jerġa' jidħol fuq quddiem ħalli jintlaħaq l-għan li jitwaqqaf l-Istat Federali Ewropew kif kien maħsub fil-Manifest Ventotene.

# Malta – Jum il-Ħelsien

Is-sena 1979 kienet waħda ta' tifkira kbira għal Malta, għaliex fil-31 ta' Marzu kellu jitlaq l-aħħar suldat Ingliż minn fuq din il-gżira.

Wieħed ma jistax ma jiftakarx u jfakkar din il-ġrajja fejn it-tluq ta' l-aħħar suldat barrani minn fuq artna kien ifisser it-tmiem tal-bażi militari tal-barrani li ma kienet ġabet xejn ħlief qerda.

Dan in-nhar, ħafna popli minn madwar id-dinja speċjalment dawk li kienu taw l-għajnuna tagħhom meta Malta kienet tinħtieġa, ferħu magħna li konna se nidħlu fix-xirka ta' Stati tassew Indipendenti, Ħielsa u Sovrani.

Imma l-aktar li ferħu kienu xi wħud mill-Istati tal-Mediterran għaliex kienet qed titnaqqas dik li kienu jħossu bħala theddida għalihom minħabba l-bazi militari tal-ħakkiem barrani li dejjem fittex li jaħkem ġnus oħra fil-Mediterran.

Għalkemm il-barrani fil-każ ta' Malta kien il-ħakkiem Ingliż, popli oħra kellhom ukoll ħakkiema oħra, fosthom il-Franċiżi, it-Taljani, u l-Ispanjoli, li huma kollha Stati Membri fl-Unjoni Ewropea.

Anki Malta kienet għal żmien twil taħt il-ħakma tagħhom u ta' Stati Membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

Dak in-nhar, kull ċittadin Malti u Għawdxi li tassew għandu demm Malti u Għawdxi jiġri fil-vini tiegħu kien feraħ u ħassu kburi li fl-aħħar Malta kienet qed tieħu tassew il-Ħelsien tagħha minn taħt il-ħakma tal-barrani, kif ukoll li Malta qatt aktar ma kienet se sservi bħala bażi militari tal-barrani, imma gżira ta' Paċi u Sliem f'nofs il-Mediterran.

Il-Ħelsien tassew minn taħt il-ħakma tal-barrani kien inkiseb minnn Malta permezz tal-Gvern Laburista minkejja li l-mixtrija tal-barrani li ried jipperpetwaw il-preżenza tiegħu hawnhekk kienu għamlu minn kollox biex ifixklu lill-Gvern Laburista milli jilħaq dan il-għan u minkejja li beżżgħu bil-babaw li kien se jiġi jiblana.

Illum, l-istess mixtrija tal-barrani u l-Ġudiet ta' Malta u taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin qed jerġgħu jbeżżgħu bil-babaw li jekk ma nerġgħux insiru kolonja u fortizza militari tal-barrani se nispiċċaw fil-limbu jew li jiġi xi ħadd jiblagħna.

Anki dak in-nhar kienu għamlu l-istess.

Dak in-nhar, fil-31 ta' Marzu 1979, Jum il-Ħelsien, f'nofs il-lejl meta' niżlet darba għal dejjem il-bandiera tal-ħakkiem barrani u ttellet il-bandiera Maltija fuq il-Monument tal-Ħelsien ġewwa l-Birgu, kull min tassew kellu u għad għandu demm Malti u Għawdxi jiġri fil-vini tiegħu kien ħalef li qatt aktar ma jħalli lill-barrani jerġa' jaħkem fuqna u fuq l-għażiża Malta tagħha.

**Jien kont preżenti dak in-nhar u dik il-ħalfa li qatt aktar ma nħalli lill-barrani jaħkem fuq l-għażiża Malta tagħna, fuqi u fuq uliedi għamiltha, kburi li għamiltha, u ma se niċħadha qatt u għall-ebda raġuni, lanqas jekk inkun qiegħed immut bil-ġuħ għax il-ħalfa hija ħalfa.**

**Bħali hemm ukoll eluf oħra ta' Maltin u Għawdxin li mhux lesti li jkunu ĠUDIET, la ta' Malta u lanqas ta' uliedhom u ulied uliedhom.**

**Jekk il-ĠUDIET flimkien ma l-Unjoni Ewropea jirnexxilhom jerġgħu jġibu lil Malta kolonja tagħhom, aħna lkoll ghandna naħilfu li ma nistrieħux qabel nerġgħu nkisbu lura l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita' tagħna lura mill-ħakma dittatorjali kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea.**

Fuq kollox, il-barrani kien jgħid li **"Kelmet il-Malti hija asħaħ[134] minn ħalfet is-Sultan",** aħseb u ara kemm hija asħaħ il-ħalfa tal-Malti.

Int li qiegħed taqra din il-kitba, trid issa li l-poplu Malti jiċħad dik il-ħalfa biex jerġa' jdaħħal il-lifgħa f'kommtu, jerġa' jmur lura taħt il-ħakma tal-barrani minn Brussell, jerġa' jsefter lill-barrani, jerġa' jġib lill-Malta kolonja u fortizza militari tal-barrani, jerġa' jitqatel u jinqatel flimkien ma' uliedu u qrabatu għall-barrani fl-armata ta' l-Unjoni Ewropea, u jerġa' jsir barrani f'artu stess?

**Dan huwa dak li qed joffru lill-poplu Malti l-mixtrija tal-barrani u l-ĠUDIET li l-barrani sfortunatament sab fostna.**

**Trid tkun int ukoll ĠUDA li tħares lejn it-30 biċċa tal-fidda li l-barrani u l-ĠUDIET Maltin qed iċekċkulek quddiemek u tbiegħ lilek innifsek, lill-uliedek u lill-ulied uliedek flimkien ma' l-għażiża Malta tagħna lill-barrani?**

**Jekk inti Malti jew Maltija, Għawdxi jew Għawdxija, jekk għandek qatra demm Malti jiġri fil-vini tiegħek, bħalna għandek taħlef li jekk il-ĠUDIET flimkien ma l-Unjoni Ewropea jirnexxilhom jerġgħu jġibu lil Malta kolonja tagħhom, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi ma nistrieħux qabel nerġgħu nkisbu lura l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita' tagħna lura mill-ħakma dittatorjali kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea.**

## Lura lejn il-Komunita'

Bejn id-19 ta' Marzu u s-27 ta' April, il-Komunita' attendiet, bi status ta' osservatur, l-ewwel parti tat-tmien sessjoni tat-Tielet Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq il-Liġi għal-Baħar[135].

Dan ukoll kien pass ieħor biex il-Komunita' tikseb rikonoxximent internazzjonali tal-personalita legali tagħha u biex aktar 'il quddiem tkompli taqla 'l barra lill-Istati Membri fil-mixja tagħha lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bl-isem ta' Unjoni Ewropea kif maħsub u mfassal mill-federalisti internazzjonali.

## Mix-Xena Internazzjonali

Bejn id-19 ta' Marzu u t-8 ta' April, kienet iltaqgħet ukoll Konferenza ta' Plenipotenzjarji tal-Ġnus Magħquda[136] li addottat Kostituzzjoni li biha l-Organizzazzjoni ta' l-Iżvilupp Industrijali tal-Ġnus Magħquda[137], l-UNIDO, kellha ssir Aġenzija speċjalizzata[138].

Fit-12 ta April, in-negozjati multilaterali fuq il-kummerċ tal-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ kienu waslu fil-fażi aħħarija tagħhom.

---

[134] Aqwa
[135] Third United Nations Conference on the Law of the Sea
[136] United Nations Conference of Plenipotentiaries
[137] United Nations Industrial Development Organisation UNIDO
[138] Specialised agency

**Skuża tal-Qorti**

Fl-4 ta' April, il-Kummissjoni adottat memorandum fuq id-dħul tal-Komunitajiet Ewropej fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ħelsien Fundamentali[139] tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Madankollu, aktar il quddiem naraw li l-Qorti ta' l-Unjoni ma kinitx aċċettat din il-proposta għaliex qalet li l-Komunita' ma setgħetx tiffirma din il-konvenzjoni, imma r-raġuni kienet li ma riditx li la' l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, u lanqas hija stess ma tkun suġġetta għal xi Qorti oħra.

**Tkompli t-Triq tal-Federaliżmu**

Bejn is-7 ta' Mejju u t-3 ta' Ġunju, il-Komunita' attendiet, bi status ta' osservatur, il-Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq il-Kummerċ u Żvilupp[140] (UNCTAD) li kienet saret ġewwa Manila, fil-Filippini.

Kif wieħed jista' jinnota, il-Komunita' Ewropea l-ewwel kienet tattendi bħala osservatur, aktar tard titlob li tiffirma jew taċċedi hija wkoll għal xi konvenzjoni, imbagħad tieħu post l-Istati Mebri tagħha li ma jibqalhomx dritt li jieħdu deċiżjonijiet huma fl-interess tagħhom.

Pass wieħed wara l-ieħor fil-mizja lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew.

**Żviluppi Oħra fil-Komunita'**

Fit-28 ta' Mejju, il-Greċja u l-Komunita' kienu ffirmaw l-atti dwar id-dħul tal-Greċja fil-Komunitajiet Ewropej, liema atti kienu ġew iffirmati ġewwa Ateni, fil-Greċja, waqt li fit-28 ta' Ġunju, il-Parlament Griek irratifika t-Trattat tad-Dħul tal-Greċja fil-Komunitajiet Ewropej.

Fil-15 ta' Ġunju, kienet saret l-ewwel sessjoni ta' negozjati tad-dħul fuq livell ta' deputati bejn Spanja u l-Komunita'. Kif kien ippjanat, l-ewwel elezzjonijet diretti għall-Parlament Ewropew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kienu saru bejn is-7 u l-10 ta' Ġunju.

Bejn il-21 u t-22 ta' Ġunju, kien iltaqa l-Kunsill Ewropew ġewwa Strasbourg, fi Franza. F'dan il-Kunsill kien intlaħaq ftehim biex jagħmlu strateġija komuni għall-energija[141] u eżamina l-problemi li kellhom rabta mal-konverġenza tal-ħidmiet ekonomiċi ta' l-Istati Membri[142].

Dan kien ifisser li mhux biss l-Istati Membri kienu għadhom qed ibatu mill-krizi ta' l-enerġija minħabba l-kriżi taż-żejt, imma kienu għadhom qed jaraw kif se jfasslu strateġija komuni biex jilqgħu għal din il-kriżi.

[139] European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms (Council of Europe)
[140] United Nations Conference on Trade and Development UNCTAD
[141] Joint energy strategy
[142] Convergence of Member States economic performance

Fit-28 ta' Ġunju, Santa Luċia saret is-57 Stat mill-Afrika, Karibbew u l-Paċifiku li kien issieħeb fil-Konvenzjoni ta' Lome'.

Dan kien ifisser li issa kien hemm Stat ieħor **Indipendenti, Ħieles u Sovran** u mhux membru li l-Komunita' Ewropea kellha ftehim ta' kummerċ miegħu.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej kient għaddiet għand l-Irlanda.

## Mix-Xena Internazzjonali

Mix-xena internazzjonali, bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju, kienet inżammet Laqgħa Għolja tal-Punent ġewwa Tokjo, fil-Ġappun. Bejn is-16 ta' Lulju u l-24 ta' Awissu, il-Komunita' attendiet għat-tieni parti tat-tmien sessjoni tal-Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq il-Liġi tal-Baħar.

Kif wieħed jista' jara, il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kienet dejjem qed izzid il-preżenza tagħha fil-laqgħat internazzjonali biex aktar 'il quddiem tieħu post l-Istati Membri tagħha.

## L-Ewwel Laqgħa tal-Parlament Ewropew Imtella miċ-Ċittadini

Bejn is-17 u l-20 ta' Lulju, kienet saret l-ewwel parti tas-sessjoni tal-Parlament Ewropew li kien ġie elett għall-ewwel darba permezz tal-voti taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Din l-ewwel sessjoni kienet saret ġewwa Strasbourg, fi Franza, fejn Simone Veil kienet ġiet maħtura bħala l-ewwel President b'maġġoranza assoluta fit-tieni votazzjoni li kienet saret għall-ħatra ta' President.

## Proposta għal-Direttiva

Fl-31 ta' Lulju, il-Kummissjoni bagħtet Direttiva[143] lill-Kunsill fuq id-dritt ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li jmorru joqgħodu permanentament fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Wieħed jara kif il-Kummissjoni kienet fuq quddiem biex tmexxi l-prinċipju li kull ċittadin minn kull Stat Membru tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, jkollu dritt li jmur jahdem u joqgħod f'kull Stat Membru ieħor bla ebda xkiel ta' xejn.

Għaldaqstant, jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, kull ċittadin minn kull Stat Membru se jkollu dritt li jiġi jaħdem u joqgħod hawn Malta, jiġi trattat daqs li kieku kien ċittadin Malti jew Għawdxi bl-istess drittijiet u bl-istess aċċess għas-servizzi soċjali kollha, u l-Gvern Malti ma jkun jista' jagħmel xejn biex iżommu.

[143] Proposal for a Council Directive on a right of residence for nationals of Member States in the territory of another Member State /*COM/79/215FINAL*/ Official journal No. C 207, 17/08/1979 P. 0014

Tinsewx li dawk li jiġu jieħdu xogħol il-ħaddiema Maltin u Għawdxin u jieħdu wkoll u jheddu s-servizzi soċjali li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin tant batew biex kisbuhom u ħallsu għalihom.

## Il-President tal-Kunsill Jerġa' Jindirizza l-Ġnus Magħquda

Mix-xena internazzjonali, fil-25 ta' Lulju, kienet saret laqgħa tal-Kunsill tar-rappreżentanti tal-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ, waqt li fit-18 ta' Settembru, kienet fetħet l-34 sessjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda.

Il-President tal-Kunsill kien ippreżenta lill-Assemblea Ġenerali l-pożizzjoni li kienu ħadu l-Istati Membri tal-Komunita fuq il-punti prinċipali ta' l-aġenda.

Partikolarment, huwa rrefera għall-attitudni tal-Komunita' u l-Istati Membri tagħha għat-tkomplija tad-djalogu bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw, filwaqt li saħaq fuq l-importanza ta' l-elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew u l-importanza tas-Sistema Monetarja Ewropea.

## Il-Komunita' Tiffirma Konvenzjoni

Fid-19 ta' Settembru, il-Komunita' u l-Istati Membri kienu ffirmaw il-Konvenzjoni Ewropea fuq il-Konservazzjoni tal-Ħajja Selvaġġa Ewropea u l-Abitat Naturali[144] tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Hawnhekk tidher ċara daqs il-kristall l-ipokresija tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, minħabba li din il-konvenzjoni kienet iffirmata kif kienet iffirmat ukoll konvenzjonijiet oħra, waqt li għadha s'issa ma ffirmatx il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Hekk sewwa. Konvenzjoni dwar il-Ħajja selvaġġa tiġi ffirmata bla ebda tfixkil ta' xejn, waqt li konvenzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem jinġiebu l-iskużi kollha immaġinabbli u possibbli biex ma tiffirmahiex.

L-annimali huma stmati aktar milli huma stmati l-bnedmin fl-Unjoni Ewropea.

## Il-Qorti u l-Lastiku

Fl-4 ta' Ottubru, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea[145] kienet tat l-opinjoni[146] tagħha fuq il-poteri tal-Komunita' dwar ftehim internazzjonali[147], b'referenza partikolari għall-ftehim ta' stabilizzazzjoni għal-lastiku naturali[148].

Il-Qorti kienet qalet li s-setgħat tal-Komunita fit-tifsira ta' l-Artiklu 113 tat-Trattat EEC kienu jestendu wkoll għall-ftehim internazzjonali fuq il-lastiku naturali.

---

[144] Convention on Conservation of European Wildlife and Natural Habitats (Council of Europe)
[145] Opinion of the Court of 4 October 1979. Opinion given pursuant to the second subparagraph of Article 228(1) of the EEC Treaty. International Agreement on Natural Rubber. Opinion 1/78. European Court reports 1979 Page 02871
[146] Advisory opinion
[147] International Agreements
[148] Stabilisation agreemen for natural rubber

Dwar in-natura esklussiva tas-setgħat tal-Komunita', il-Qorti qalet li dan jiddependi minn kif se jirriżulta l-piż biex jiġu ffinanzjati r-riservi tal-lastiku, jekk humiex se jkunu tal-Komunita' jew ta' l-Istati Membri. Fil-każ li jkunu ta' l-Istati Membri, huma riedu jitħallew jieħdu sehem fin-negozjati.

Għaldaqstant, jidher ċar daqs il-kristall li l-Komunita' riedet li taqla' 'l barra lill-Istati Membri anki min-negozjati li kienu jolqtuhom direttament, liema negozjati kienu qed isiru fil-Konferenza ta' Ġnus Magħquda fuq il-Kummerċ u l-Iżvilupp[149].

Madankollu, minn dak in-nhar 'l hawn, fejn tidħol il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, dak il-qasam isir biss kompitu tal-Komunita', u tkun hija biss li jkollha dritt li tinnegozja, tagħmel u tiffirma xi ftehim f'xi qasam li tkun daħlet fih billi tkun għamlet xi regolamenti, kif se naraw aktar 'il quddiem.

## Jiżdied Stat Ieħor fil-Konvenzjoni ta' Lome'

Fit-30 ta' Ottubru, Kiribati kien sar it-85 **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** mill-grupp Afrikan, Karibbew u l-Paċifiku li kien issieħeb fil-Konvenzjoni ta' Lome'.

L-għada, kienet ġiet iffirmata t-Tieni Konvenzjoni ta' Lome'[150] bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku u l-Komunita' ġewwa Lome', fit-Togo.

B'hekk, kien żdied Stat ieħor mal-lista' ta' **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** li l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kellha ftehim ta' kummerċ miegħu.

## Ftehim tal-GATT

Fl-20 ta' Novembru, il-Kunsill kien ta l-qbil tiegħu għar-riżultati milħuqa fin-negozjati multilaterali dwar il-kummerċ li kienu qed isiru mill-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ ġewwa Tokjo[151], fil-Ġappun.

Bejn is-26 u t-30 ta' Novembru, waqt il-laqgħa ta' kull sena, il-Partijiet Kuntrattwali tal-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ kienu qablu formalment mar-riżultati milħuqa fin-negozjati ta' Tokjo[152] b'konsensus.

Fit-13 ta' Diċembru, il-Parlament iddibatta r-riżultati tat-Taħdidiet ta' Tokjo u numru ta' proposti ta-Kummissjoni fuq il-politika kummerċjali, waqt li fis-17 ta' Diċembru, il-Komunita' kienet iffirmat il-ftehim li kienu ntlaħqu f'Tokjo dwar it-Tariffi u l-Kummerċ.

Qed taraw kemm fejn trid il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tiffirma ftehim, trattati u konvenzjonijiet internazzjonali, imbagħad issib kull skuża biex ma tiffirmax il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali tal-Kunsill ta' l-Ewropa?

[149] United Nations Conference on Trade and Development
[150] Lome' II
[151] General Agreement on Tariffs and Trade GATT
[152] Tokyo Round

**Kunsill Ewropew Ġewwa Dublin**

Bejn id-29 u t-30 ta' Novembru kien iltaqa' l-Kunsill Ewropew ġewwa Dublin, fl-Irlanda.

It-taħdidiet kienu jinkludu l-konverġenza tal-ħidma ta' l-Istati Membri fuq l-ekonomija u l-estimi[153], l-arranġamenti proċedurali biex jiġi eżaminat ir-rapport tal-Kumitat ta' l-Irġiel Għorrief fuq l-aġġustamenti għall-mekkaniżmi istituzzjonali u proċeduri[154], u l-proposti għar-regolazzjoni tas-swieq agrikoli[155].

Dan kien l-aħħar Kunsill li bih għalqu s-snin sebgħin fil-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

[153] Convergence of Member States' economic performances and budgetary questions
[154] Procedural arrangements for examining Committee of Wise Men report on adjustments to institutional mechanisms and procedures
[155] Proposals for regulation of agricultural markets